MANWAL



# It-tutela għat-tfal fil-bżonn ta' kustodja

## Manwal għat-tisħiħ tas-sistemi ta' tutela sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Il-Kummissjoni Ewropea

Ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huwa disponibbli fuq l-Internet. Dan jista' jiġi aċċessat permezz tas-sit elettroniku tal-FRA fuq http://fra.europa.eu.

Dan id-dokument bl-ebda mod ma jikkostitwixxi interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni ċċitata, iżda huwa maħsub sabiex ikun dokument ta' referenza maħsub sabiex jiffaċilita l-użu. Mhux bilfors jirrifletti fl-intier tiegħu jew parzjalment il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.


***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).



Ritratt: © *Shutterstock*

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffi ċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffi ċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2015

| Paper | TK-01-15-636-MT-C | 978-92-9239-986-3 | 10.2811/76949 |
|---|---|---|---|
| PDF | TK-01-15-636-MT-N | 978-92-9239-993-1 | 10.2811/1531 |



© Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2015

L-ikkupjar huwa awtorizzata, ħlief għal finijiet kummerċjali, bil-kundizzjoni li jissemma s-sors.



*Printed in Luxembourg*

Stampat fuq karta riċiklata ħielsa mill-klorur (PCF)

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Il-Kummissjoni Ewropea

# It-tutela għat-tfal fil-bżonn ta' kustodja

## Manwal għat-tisħiħ tas-sistemi ta' tutela sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar

# Kelmtejn qabel

Tfal li mhumiex akkumpanjati jew li huma mifrudin mill-indukratur primarju tagħhom huma partikolarment vulnerabbli għal abbuż u sfruttament. Huma intitolati għal protezzjoni speċjali.

It-tuturi huma waħda mill-iktar karatteristiċi importanti tas-sistema ta' protezzjoni tat-tfal li huma l-aktar fil-bżonn tal-ambjent tal-familja tagħhom jew li ma jistax ikollhom l-interessi tagħhom rappreżentati mill-ġenituri tagħhom, skont xi jkun il-każ f'sitwazzjonijiet ta' abbuż jew negliġenza mill-ġenituri.

Rapport komparattiv dwar it-traffikar tat-tfal ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA – *Agency for Fundamental Rights*) fl-2009 wera differenzi importanti f'kif inhu mifhum u applikat il-kunċett ta' tutur bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE). Barra minn hekk, l-intervisti li għamlet l-FRA għal rapport ippubblikat fl-2010 dwar tfal mifrudin li kienu qed ifittxu ażil sabu li l-kwalità tas-servizzi u l-grad ta' protezzjoni offrut lit-tfal mis-sistemi ta' tutela eżistenti jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli anki ġewwa l-istess stat.

F'dan il-kuntest ta' prattiki nazzjonali differenti, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) teħtieġ li l-Istati Membri jaħtru tutur jew rappreżentant għal minorenni vittma tat-traffikar malli l-minorenni jiġi identifikat mill-awtoritajiet bħala wieħed mhux akkumpanjat kif ukoll f'każijiet li fihom il-persuna li għandha r-responsabbiltà ta' ġenitur ma tistax tiżgura l-aqwa interess tal-minorenni u/jew tirrappreżenta lill-minorenni. *L-Istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin 2012–2016* tagħraf ukoll li sistemi komprensivi ta' protezzjoni sensittivi ħafna għat-tfal, li jiżguraw koordinazzjoni bejn bosta aġenziji u dixxiplini, huma tassew importanti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet differenti tal-gruppi differenti ta' tfal, inklużi l-vittmi tat-traffikar. Għaldaqstant, l-Istrateġija tal-UE inkludiet il-pubblikazzjoni ta' dan il-manwal bħala riżultat tanġibbli.

Dan il-manwal għandu l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal billi jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali u lil partijiet interessati oħrajn madwar l-UE sabiex ikomplu jiżviluppaw is-sistemi ta' tutela eżistenti. Għandu l-għan li jiċċara x'inhu r-rwol tat-tuturi bħala komponent essenzjali ta' sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal. Jixħet importanza fuq ir-rwol tat-tuturi u r-rappreżentanti legali fil-prevenzjoni u r-rispons għall-abbuż u l-isfruttament tat-tfal, u fil-protezzjoni u l-assistenza lil tfal vittmi tat-traffikar. Il-manwal jippromwovi fehim kondiviż bejn il-ħafna tal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin ta' sistema ta' tutela. Billi jirrappreżenta sensiela ta' prinċipji komuni ċentrali u standards ewlenin, għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tfal taħt tutela, u jippromwovi r-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Nixtiequ nroddu ħajr lill-ħafna esperti li taw sehemhom permezz ta' kummenti kostruttivi għall-iżvilupp ta' dan il-manwal.

| | |
|---|---|
| **Cecilia Malmström** | **Morten Kjaerum** |
| *Kummissarju tal-UE għall-Affarijiet Interni* | *Direttur tal-FRA* |

# Werrej


KELMTEJN QABEL ... 3

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET ... 7

KIF TUŻA DAN IL-MANWAL ... 9

INTRODUZZJONI ... 13

1. Min hu tutur? ... 13
2. It-tutela bħala komponent essenzjali tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal ... 16
3. X'ikopri dan il-manwal? ... 20
4. Kooperazzjoni transnazzjonali fil-kuntest tal-protezzjoni tat-tfal ... 21

PARTI I — TISĦIĦ TAS-SISTEMI TA' TUTELA ... 25

1. Il-prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' tutela ... 25
2. Is-sistemi ta' tutela: kunsiderazzjonijiet inizjali ... 28
   - 2.1. X'għandu jkun stabbilit fil-leġiżlazzjoni u/jew fil-politika? ... 28
   - 2.2. Sistema ta' tutela uniformi waħda għat-tfal kollha? ... 29
   - 2.3. L-istatus ta' impjieg tat-tuturi: professjonisti jew voluntiera? ... 31
   - 2.4. Min jista' jaġixxi ta' tutur? ... 32
   - 2.5. Il-ħatra ta' qraba bħala tuturi fil-kuntest tat-traffikar tat-tfal ... 37
   - 2.6. Rappreżentanti u/jew rappreżentanti legali ... 37
   - 2.7. Konsulenza legali u assistenza legali ... 38
3. Ġestjoni tat-tuturi ... 40
   - 3.1. L-awtorità ta' tutela ... 40
   - 3.2. L-iżvilupp ta' linji gwida għat-tuturi ... 40
   - 3.3. Koordinazzjoni u kooperazzjoni ma' aġenziji u awtoritajiet oħrajn ... 42
   - 3.4. Amministrazzjoni tal-każijiet ... 44
   - 3.5. It-taħriġ ... 46
   - 3.6. Appoġġ għat-tuturi ... 51
   - 3.7. Mekkaniżmi ta' analiżi u sorveljanza ... 52
4. L-assenjazzjoni ta' tutur għal minorenni ... 54
   - 4.1. Meta għandu jinħatar tutur? ... 55
   - 4.2. X'inhi l-aħjar proċedura għall-assenjazzjoni ta' tutur għal minorenni? ... 56
   - 4.3. Meta tintemm it-tutela? ... 61
   - 4.4. Meta missu jinbidel it-tutur? ... 64

PARTI II — IL-KOMPITI TAT-TUTUR ........ 67

5. Il-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal ........ 72

6. Il-promozzjoni tas-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni ........ 73
   6.1. Valutazzjoni tar-riskju ........ 74
   6.2. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-individwu ........ 79
   6.3. Appoġġ lit-tfal fiż-żamma tar-rabtiet mal-qraba ........ 81
   6.4. Standard tal-għajxien adegwat, inkluża akkomodazzjoni xierqa u assistenza materjali ........ 82
   6.5. Kura tas-saħħa ........ 84
   6.6. Edukazzjoni u taħriġ ........ 86

7. Iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tat-tfal ........ 87

8. Kif taġixxi bħala intermedjarju bejn il-minorenni u l-oħrajn ........ 89

9. Kif tista’ tgħin sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema fl-aħjar interessi tal-minorenni ........ 91
   9.1. Ripatrijazzjoni u ritorn ........ 93
   9.2. Integrazzjoni fil-pajjiż ospitanti ........ 96

10. L-eżerċitar tar-rappreżentazzjoni legali u l-appoġġ lill-minorenni fil-proċeduri legali ........ 98
   10.1. Proċeduri ta’ valutazzjoni tal-età ........ 99
   10.2. Proċeduri għall-permessi ta’ residenza ........ 101
   10.3. Proċeduri ta’ protezzjoni internazzjonali ........ 102
   10.4. Kumpens u restituzzjoni ........ 105
   10.5. Proċeduri tal-liġi ċivili ........ 106
   10.6. Proċedimenti kriminali ........ 107
   10.7. Investigazzjonijiet tal-pulizija ........ 109

ANNESS 1: SORSI LEGALI ........ 111

ANNESS 2: TAGĦRIF RELATAT ........ 113

# Lista ta' Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **CRC** | Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (Convention on the Rights of the Child) |
| **KEDB** | Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali) |
| **SCEP** | Il-Programm Separated Children in Europe (Tfal separati fl-Ewropa) |
| **NU** | Nazzjonijiet Uniti |
| **UNHCR** | Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati |
| **UNICEF** | Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal |

# Kif tuża dan il-manwal

Dan il-manwal għandu l-għan li jgħin lill-uffiċjali pubbliċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) li huma inkarigati jew involuti fit-tutela u r-rappreżentazzjoni legali tat-tfal f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Jagħti gwida dwar kif tistabbilixxi u tħaddem sistemi ta' tutela nazzjonali, u jindika l-kompiti ewlenin li għandu jagħmel tutur. B'dan il-mod, il-manwal għandu anki l-għan li jrawwem fehim komuni tal-funzjoni u r-rwol tat-tuturi u r-rappreżentanti legali fl-UE bħala komponent essenzjali tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal. Min-naħa tiegħu, dan għandu jikkontribwixxi sabiex jippromwovi fehim kondiviż tal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin ta' sistema ta' tutela. Fehim komuni bħal dan għandu jgħin sabiex jiġi standardizzat il-livell ta' protezzjoni offrut lit-tfal madwar l-UE.

Il-gwida pprovduta hija indirizzata l-iktar għall-uffiċjali u t-tuturi fl-Istati Membri tal-UE. Huwa ferm applikabbli wkoll għal sistemi għar-rappreżentazzjoni legali tat-tfal fi proċeduri speċifiċi (bħal proċeduri ta' ażil), anki jekk rappreżentant legali jkun biss komplimentari għall-kapaċità legali limitata tat-tfal għall-finijiet ta' proċedura partikolari u, għalhekk, ma jkunx responsabbli għall-firxa sħiħa ta' kompiti li s-soltu jkunu responsabbiltà tat-tutur.

Dan il-manwal ma jindirizzax il-ħatra ta' avukati li jipprovdu għajnuna legali b'xejn lil minorenni fi proċeduri ċivili, kriminali jew amministrattivi speċifiċi. Lanqas ma jindirizza persuni li huma inkarigati mill-kura ta' kuljum tat-tfal.

Il-manwal huwa mqassam fi tliet partijiet.

- **L-introduzzjoni** tipprovdi tagħrif bażiku dwar xi jkopri l-manwal u dwar ir-rwol ġenerali tat-tutur. Hija marbuta mas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal imwaqqfin sabiex jaqdu l-ħtiġijiet ta' kategoriji differenti ta' tfal.
- **Il-Parti I** tal-manwal telabora fuq il-prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' tutela u tagħti gwida dwar kif jistgħu jissaħħu u jiġu ġestiti s-sistemi ta' tutela. Hija indirizzata għal dawk li jfasslu l-politiki li qegħdin jiżviluppaw qafas nazzjonali għall-ġestjoni u t-tisħiħ tas-sistema ta' tutela tagħhom, u għall-awtoritajiet nazzjonali li jingħataw responsabbiltajiet ta' tutela. Tkompli tiddeskrivi iktar il-proċeduri ta' ħatra u d-durata tat-tutela.
- **Il-Parti II** tispjega l-kompiti tat-tutur. Hija indirizzata l-iktar għat-tuturi u dawk li huma inkarigati mis-superviżjoni tal-ħidma tagħhom.

Il-manwal, prodott b'mod konġunt mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kummissjoni Ewropea, iwieġeb għal talba li saret fl-*Istrateġija*

*tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin 2012–2016*. Bosta sorsi tal-liġi tal-UE, inkluża d-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), l-*acquis* dwar l-ażil tal-UE, id-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi (2012/29/UE) u d-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) fihom dispożizzjonijiet li jirreferu għat-tutela jew ir-rappreżentazzjoni legali ta' tfal imċaħħda mill-kustodja tal-ġenituri. Id-dettalji sħaħ dwar dawn is-sorsi jistgħu jinkisbu mill-Anness 1. Ara t-Tabelli 1, 2 u 3 għal ħarsa ġenerali bl-użu ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-liġi tal-UE, kif ukoll dawk ta' strumenti u dokumenti internazzjonali jew Ewropej rilevanti oħrajn. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma joffrux gwida komprensiva dwar x'għandu jkun u x'għandu jagħmel it-tutur. Dan il-manwal għandu l-għan li jimla dan il-vojt.

Dan il-manwal jieħu approċċ integrat iffokat fuq it-tfal. Huwa msejjes fuq il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC — *Convention on the Rights of the Child*), li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għat-tfal mingħajr ebda diskriminazzjoni. Il-manwal jissuġġerixxi li jiġu koperti l-ħtiġijiet u d-drittijiet speċifiċi tat-tfal identifikati jew preżunti vittmi tat-traffikar billi, fejn ikun hemm bżonn, jiġu adattati s-sistemi ta' tutela stabbiliti għat-tfal kollha li jeħtieġu tutela. Sehem kbir minn dan il-manwal fih suġġerimenti li huma komuni għall-arranġamenti ta' tutela kollha, irrispettivament minn jekk humiex marbutin ma' tfal vittma tat-traffikar jew le. L-aħjar mod kif tippromwovi d-drittijiet u l-benesseri ta' tfal vittmi tat-traffikar huwa billi tirrispetta l-prinċipji u s-salvagwardji komuni għas-sistemi ta' tutela kollha — bħall-indipendenza ta' tutur jew in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess — flimkien mal-għarfien u l-ħiliet marbutin ma' kif jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin. Għaldaqstant, il-manwal ma jirrakkomandax li jiġu stabbiliti sistemi ta' tutela separati li jieħdu biss ħsieb it-tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. It-Taqsima 3 tal-Introduzzjoni tispjega liema sitwazzjonijiet tal-arranġamenti ta' tutela huma koperti mill-manwal u liema mhumiex.

L-istandards internazzjonali u Ewropej dwar id-drittijiet tat-tfal u dwar il-protezzjoni u l-assistenza mogħtija lil tfal vittmi tat-traffikar intużaw bħala l-punt ta' tluq għal dan il-manwal. Id-dispożizzjonijiet minn testi legalment vinkolanti bħas-CRC u l-liġi tal-UE jinġabru flimkien ma' testi mhux vinkolanti li joffru gwida u rakkomandazzjonijiet awtoritattivi. Is-sorsi legali użati sabiex jiġi abbozzat il-manwal huma elenkati fl-Anness 1. L-Anness 2 fih iktar tagħrif li l-qarrej huwa mħeġġeġ jikkonsulta. Meta ssawwar dan il-manwal, ġew ikkunsidrati wkoll is-sejbiet li ħarġu minn riċerka li saret qabel mill-FRA dwar tfal mifrudin u dwar it-traffikar tat-tfal. L-istandards legali eżistenti ssarrfu fi gwida prattika billi nġabret u tqabblet, permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, informazzjoni dwar kif l-Istati Membri tal-UE jmexxu s-sistemi ta' tutela. L-FRA tippubblika ħarsa komparattiva separata ta' tali riċerka li tkopri kull wieħed mit-28 Stat Membru.

Grupp ta' esperti ddiskutew l-abbozz tal-manwal matul laqgħa organizzata mill-FRA fl-uffiċċji tagħha f'Novembru 2013. Il-grupp kien imsawwar minn rappreżentanti

tal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali rilevanti u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), kif ukoll uħud minn dawk li jaħdmu fil-qasam u rappreżentanti tal-awtoritajiet responsabbli f'livell nazzjonali. Dawn intgħażlu sabiex jirrappreżentaw sistemi nazzjonali differenti ta' tutela u realtajiet differenti fil-prattika. Bil-miktub ġew ikkonsultati wkoll partijiet interessati oħrajn li jaħdmu fuq il-protezzjoni tat-tfal u t-traffikar tat-tfal. Fl-aħħar, l-abbozz inqasam ma' rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex jikkummentaw fuqu permezz tal-grupp informali ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal.

Biex il-qarrej malajr ikun jista' jsib is-sorsi legali differenti marbutin ma' kwistjoni partikolari koperta f'dan il-manwal, is-sorsi huma pprovduti b'tipa blu u grassa fil-paragrafu rilevanti.

Il-manwal jinkludi wkoll xi eżempji ta' prattiki promettenti identifikati fl-Istati Membri tal-UE li joffru lil dawk li jfasslu l-politiki u dawk li jaħdmu fil-qasam suġġerimenti dwar kif jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Il-parti dwar il-kompiti tat-tuturi fiha listi ta' kontroll ta' azzjonijiet possibbli li t-tuturi jistgħu jieħdu biex jippromwovu l-aħjar interessi tat-tfal fid-diversi kuntesti tal-ħajja tagħhom.

Il-kaxxa tat-test li ġejja tispjega t-terminoloġija użata f'dan il-manwal. Għal uħud mit-termini, inkluż "tutur", ma hemm ebda definizzjoni maqbula minn kulħadd.

## TERMINOLOĠIJA EWLENIJA

**Vittma tat-traffikar**: "Vittma tat-traffikar" hija persuna fiżika li ġiet suġġetta għat-traffikar tal-bnedmin kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE).

*Traffikar*: Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tiddefinixxi "traffikar" bħala "ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dawk il-persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament."

*Sfruttament*: "L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inkluż l-elemosina, l-iskjavitù jew prattika simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi."

Meta t-tali għemil "jinvolvi t-tfal, għandu jkun reat ta' traffikar tal-bnedmin punibbli ukoll jekk ma jkunu ġew użati l-ebda mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1."
*Id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE), Artikolu 2*

**Minorenni/Tfal**: Tfal "għandha tfisser kull persuna taħt it-18-il sena."
*Id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE), Artikolu 2 (6); ara wkoll CRC, Artikolu 1*

"Meta l-età tal-[vittma] suġġetti għat-traffikar tal-bnedmin ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalfejn wieħed għandu jemmen li l-persuni jkunu tfal, għandu jkun preżunt li huma jkunu tfal u jirċievu aċċess immedjat għall-protezzjoni u l-assistenza".
*Id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE), Artikolu 13(2)*

**Minorenni/tfal mhux akkumpanjati**: "Minuri mhux akkumpanjat" tfisser minuri li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih/għaliha sew jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u sakemm hu mhuwiex/hi mhijiex effettivament fil-kura ta' persuna bħal din; għandha tinkludi minuri li jitħalla mhux akkompanjat wara li hu/hi jkun daħal/tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri.
*Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE), Artikolu 2 (l)*

**Minorenni mifrud**: "Minorenni mifrud" huwa minorenni li nfired miż-żewġ ġenituri, jew mill-indukratur legali jew primarju tas-soltu preċedenti tiegħu, iżda mhux bilfors minn qraba oħrajn. Għaldaqstant, dawn jistgħu jinkludu tfal akkumpanjati minn membri oħrajn tal-familja.
*Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 u l-Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva tat-Tfal (Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva) (UN Alternative care guidelines) A/HRC/11/L.13), paragrafu 8*

Il-Programm Separated Children in Europe (SCEP) (Tfal separati fl-Ewropa) juża l-kelma "mifrudin" minflok "mhux akkumpanjati" għaliex jiddefinixxi bi preċiżjoni ikbar il-problema essenzjali li jaffaċċjaw it-tali tfal, jiġifieri li għandhom nuqqas ta' kura u protezzjoni tal-ġenituri jew l-indukratur primarju tagħhom u, għalhekk, ibatu f'livell soċjali u psikoloġiku minn din il-firda. F'dan il-manwal, it-terminu "mhux akkumpanjati" jintuża sabiex isir riferiment kemm għal tfal mhux akkumpanjati u/jew mifrudin, sabiex jibqa' konformi mat-terminu "mhux akkumpanjati" użat fil-liġi tal-UE u jevita konfużjonijiet u inkonsistenzi li jistgħu jirriżultaw.

**Tutur**: Tutur huwa persuna indipendenti li tħares l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tal-minorenni, u għalhekk ikompli mal-kapaċità legali limitata tal-minorenni. It-tutur jaġixxi bħala rappreżentant statutorju tal-minorenni fil-proċedimenti kollha bl-istess mod kif ġenitur jirrappreżenta lil uliedu.
*Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 u l-Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva A/HRC/11/L.13*

**Rappreżentant (kultant imsejjaħ rappreżentant legali)**: Rappreżentant "tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta persuna minorenni mhux akkumpanjata fi proċeduri [ta' protezzjoni internazzjonali] stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ".
*Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), Artikolu 2 (j)*

Rappreżentanti jew rappreżentanti legali mhumiex l-istess bħal avukat ikkwalifikat jew professjonist legali ieħor li jagħti assistenza legali, jitkellem f'isem il-minorenni u legalment jirrappreżentah f'dikjarazzjonijiet bil-miktub u personalment quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji fi proċedimenti kriminali, tal-ażil jew legali oħrajn kif stipulat fil-liġi nazzjonali

**Awtorità tat-tutela**: L-"awtorità tat-tutela" hija l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni jew entità legali oħra responsabbli mir-reklutaġġ, il-ħatra, il-monitoraġġ, is-superviżjoni u t-taħriġ tat-tuturi. Ir-rwol tal-awtorità jew l-organizzazzjoni tat-tutela għandu jkun stabbilit fil-liġi.
*Il-Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva, A/HRC/11/L.13 u l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6*

# INTRODUZZJONI



## 1. Min hu tutur?

> L-Istati Membri tal-UE japplikaw firxa ta’ mudelli għat-tutela u r-rappreżentazzjoni legali.
>
> *Sors: FRA (2009),* It-traffikar tat-tfal fl-Unjoni Ewropea: Sfidi, perspettivi u prattiki tajbin (Child trafficking in the European Union: Challenges, perspectives and good practices)*, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/529-Pub_Child_Trafficking_09_en.pdf*

Ma hemm ebda definizzjoni maqbula b’mod ġenerali ta’ tutur. Filwaqt li l-liġi tal-UE tagħraf l-importanza tat-tutela u r-rappreżentazzjoni legali sabiex jitħarsu l-aħjar interessi u l-benesseri tal-minorenni, din ma tiddefinixxix il-kunċett ta’ tutur, u lanqas ma tiddefinixxi l-funzjonijiet tiegħu. Minbarra t-terminu “tutur”, il-liġi tal-UE tuża t-termini “rappreżentant legali jew rappreżentant ieħor” u “rappreżentant speċjali” sabiex tiddeskrivi l-persuna maħtura sabiex tassisti u ssostni lil tfal mhux akkumpanjati jew tfal li l-ġenituri tagħhom ikunu preklużi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ġenituri. Skont il-liġi tal-UE, l-*acquis* dwar l-ażil jiddefinixxi rappreżentanti legali biss (ara t-Tabella 1). Ir-rappreżentanti legali jeżerċitaw funzjoni ħafna iktar ristretta meta mqabblin mat-tuturi (ara t-Taqsima 2.6). Lanqas ma hemm definizzjoni ta’ “tutur” fil-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin. Ir-rwol u r-responsabbiltajiet tat-tutur ġew deskritti b’mod komprensiv fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti fil-*Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva* u mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) fil-Kumment Ġenerali Nru 6.

### Tabella 1: Terminoloġija u definizzjonijiet użati f’dokumenti tal-politika internazzjonali u Ewropea

| L-Istrument | It-terminoloġija użata | Referenza |
|---|---|---|
| **Strumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa** | | |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 | Tutur<br>Rappreżentant legali | Paragrafu 33 |
| Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva A/HRC/11/L.13 | Kustodju<br>Adult responsabbli rikonoxxut | Paragrafu 100 |
| Il-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin | Kustodju | Artikolu 10 (4) (a) |
| **Strumenti tal-Unjoni Ewropea** | | |
| Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) | Tutur<br>Rappreżentant | Artikolu 14 (2)<br>Artikolu 16 (3) |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta’ Akkoljenza (2013/33/UE) | Rappreżentant | Artikolu 2 (j) |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE) | Rappreżentant | Artikolu 2 (n) |
| Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) | Kustodju<br>Rappreżentant | Artikolu 31 (1)<br>Artikolu 31 (2) |
| Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) | Tutur<br>Rappreżentant legali/speċjali | Artikolu 24 (b)<br>Preambolu (60) |
| Id-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) | Rappreżentant speċjali/legali | Artikolu 20 |
| Ir-Regolament ta’ Dublin (604/2013/UE) | Rappreżentant | Artikolu 2(k) |

L-użu tat-termini “tutur”, “rappreżentant” u “rappreżentant legali” huwa inkonsistenti, u t-terminoloġiji nazzjonali jvarjaw ukoll, u għalhekk l-enfasi għandha tinxteħet fuq il-funzjonijiet tal-persuna inkarigata, u mhux fuq it-titlu jew it-terminoloġija użati.

Għall-fini ta’ dan il-manwal, it-terminu “tutur” huwa użat fid-dokument kollu biex jirreferi għal persuna indipendenti li tħares l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tal-minorenni u, għal dan il-għan, tikkumplimenta l-kapaċità legali limitata tal-minorenni, meta jkun hemm bżonn, bl-istess mod bħall-ġenituri. Din il-persuna teżerċita tliet funzjonijiet differenti kif muri fil-Figura 1. Meta tirreferi għal leġiżlazzjoni tal-UE, it-traduzzjoni uffiċjali hija użata, kif immarkat fit-Tabella 1.

### Figura 1: Il-mandat tat-tutur




*Sors: FRA*

It-tutur mhuwiex l-istess bħal avukat ikkwalifikat jew professjonist legali ieħor li jagħti assistenza legali, jitkellem f'isem it-tfal u jirrappreżentahom f'dikjarazzjonijiet bil-miktub u personalment quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji fi proċedimenti kriminali, dwar il-migrazzjoni jew legali oħrajn kif stipulat fil-liġi nazzjonali.

Trid issir distinzjoni bejn it-tutur u l-assistenti soċjali u indukraturi oħrajn responsabbli għall-ħtiġijiet materjali tat-tfal. L-assistenti soċjali jew indukraturi oħrajn u persuni li jipprovdu lit-tfal bil-kura ta' kuljum mhumiex tuturi, sakemm, bis-saħħa tal-liġi, ma jeżerċitawx responsabbiltà għall-benesseri tat-tfal u jżidu mal-kapaċità legali limitata tat-tfal.

Ir-responsabbiltà għar-rappreżentazzjoni legali tat-tfal fi ħdan il-proċedimenti legali jew amministrattivi partikolari tista' tkun diżassoċjata miż-żewġ funzjonijiet l-oħrajn tat-tutela. F'dan il-każ, responsabbiltà bħal din tiġi assenjata biss lil persuna jew istituzzjoni indipendenti, normalment imsejħa "rappreżentant legali" jew "rappreżentant". Ir-rappreżentanti, għall-kuntrarju tat-tuturi, għandhom mandat ristrett, li spiss ikun definit preċiż meta jingħataw il-karigu: li jirrappreżentaw lill-minorenni fi proċedimenti partikolari.

Għaldaqstant, tutur li jista' jkopri t-tliet funzjonijiet kollha elenkati fil-Figura 1 dejjem għandu jinħatar meta l-minorenni ma jkollux ġenitur bħala kustodju. Dan jgħin sabiex jiġi żgurat li jitħarsu u jiġu salvagwardjati l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali

tal-minorenni. Dan imur ferm lil hinn minn rappreżentazzjoni pura fi proċedimenti partikolari jew li jkompli mal-kapaċità legali limitata tal-minorenni meta jkun hemm bżonn.

## 2. It-tutela bħala komponent essenzjali tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal

Il-*Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Minorenni Mhux Akkumpanjati (2010–2014)* jindika li l-istandards stabbiliti mis-CRC huma fil-qalba ta' kull azzjoni li tikkonċerna lil minorenni mhux akkumpanjati. L-Artikolu 19 tas-CRC jeżiġi li l-partijiet jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu kull xorta ta' vjolenza fuq it-tfal, inklużi abbuż u negliġenza, kif ukoll sabiex jiġu protetti u sostnuti t-tfal li jisfaw vittmi. L-Artikolu 20 tas-CRC jeħtieġ li l-partijiet statali joffru protezzjoni u assistenza speċjali lill-minorenni kollha li b'mod temporanju jew permanenti jkunu mċaħħdin mill-ambjent tal-familja tagħhom. Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fil-Kumment Ġenerali Nru 13 (2011) tiegħu dwar *Id-dritt tat-tfal għal-libertà minn kull forma ta' vjolenza*, jisħaq fuq l-importanza ta' sistema integrata bbażata fuq id-drittijiet tat-tfal u li tipproteġi u ssostni lit-tfal. Għaldaqstant, il-ħatra minnufiha ta' tutur, meta jkun hemm bżonnha, hija waħda mill-iktar miżuri prattiċi importanti li jridu jittieħdu biex jiġu protetti t-tfal (Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6).

"Il-vjolenza kontra t-tfal teħtieġ approċċ integrat (sistemiku, olistiku. [...] Timplika li l-programmi u l-azzjonijiet kollha mmirati lejn il-prevenzjoni u l-protezzjoni tat-tfal kontra l-vjolenza, fil-kuntest wiesa' tal-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, għandhom joperaw fuq medda ta' dixxiplini u setturi".

*Sors: Kunsill tal-Ewropa (2009),* Il-linji gwida dwar il-politika tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istrateġiji nazzjonali integrati għall-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza (*Council of Europe's policy guidelines on integrated national strategies for the protection of children from violence*), *Strasburgu, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.coe.int/t/dg3/children/News/Guidelines/Adoption_guidelines_en.asp*

L-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) jippreskrivi li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, meta jkun hemm bżonn, jinħatar tutur għat-tfal mhux akkumpanjati li jisfaw vittmi tat-traffikar. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 jistipula li l-Istati Membri għandhom jaħtru tutur jew rappreżentant għal tfal vittmi tat-traffikar malli l-awtoritajiet jidentifikaw lit-tfal u "meta, skont il-liġi nazzjonali, minħabba kunflitt ta' interessi bejniethom u l-vittmi tfal, dawk li jkollhom responsabbiltà ta' ġenituri jkunu preklużi milli jiggarantixxu l-aħjar interessi tat-tfal u/jew milli jirrappreżentaw lit-tfal". It-tutur għandu jakkumpanja lit-tfal matul il-proċess sħiħ sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema.

Storikament, il-protezzjoni tat-tfal iffokat fuq kwistjonijiet partikolari jew fuq gruppi speċifiċi ta' tfal vulnerabbli. Għalkemm dan l-approċċ jista' jkun effettiv għall-qadi tal-ħtiġijiet ta' grupp fil-mira, għandu limitazzjonijiet importanti wkoll. Ħafna tfal, inklużi

tfal vittmi tat-traffikar, jista' jkollhom bosta problemi fil-protezzjoni tat-tfal. Risponsi frammentati ta' protezzjoni tat-tfal jistgħu jindirizzaw waħda minn dawn il-problemi, però ma jipprovdux soluzzjoni komprensiva. Enfasi fuq kwistjonijiet partikolari għalihom, jew fuq gruppi partikolari ta' tfal, la hija sostenibbli u wisq anqas effettiva. F'każijiet ta' tfal vittmi tat-traffikar, l-identifikazzjoni bħala minorenni vittma jew minorenni f'riskju tat-traffikar tista' ssir f'punti differenti tul il-medda ta' ħtiġijiet ta' protezzjoni individwali ta' minorenni. Għaldaqstant, f'livelli Ewropej u globali naraw dejjem iktar l-approċċi jimxu minn approċċi frammentati ffokati fuq il-kwistjonijiet għal approċċi b'sistemi għall-protezzjoni tat-tfal.

Dan il-manwal jadotta l-approċċ integrat tal-UNICEF għall-protezzjoni tat-tfal. Għalkemm huwa mfassal b'enfasi fuq it-tfal vittmi tat-traffikar, jissuġġerixxi li l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jiġu koperti l-iktar billi jittieħdu miżuri li għandhom ikunu komuni għall-arranġamenti ta' tutela kollha. Jindirizza wkoll kif it-tuturi għandhom jinteraġixxu ma' atturi u elementi oħrajn tas-sistema ta' protezzjoni tat-tfal, filwaqt li jiżguraw li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minorenni f'kull azzjoni li tikkoċernah.

Il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF) jiddefinixxi sistema ta' protezzjoni tat-tfal bħala:

"is-sett ta' liġijiet, politiki, regolamenti u servizzi meħtieġa fuq is-setturi soċjali kollha – speċjalment l-assistenza soċjali, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sigurtà u l-ġustizzja – sabiex isostnu l-prevenzjoni u r-rispons għal riskji marbutin mal-protezzjoni. Dawn is-sistemi huma parti mill-protezzjoni soċjali, u jmorru lil hinn minnha [...]. Ir-responsabbiltajiet spiss ikunu mifruxin bejn aġenziji tal-gvern, b'servizzi pprovduti mill-awtoritajiet lokali, fornituri mhux tal-Istat, u gruppi tal-komunità, b'tali mod li l-koordinazzjoni bejn is-setturi u l-livelli, inklużi sistemi ta' riferiment ta' rutina, issir komponent neċessarju tas-sistemi effettivi ta' protezzjoni tat-tfal.

*Sors: UNICEF (2008),* L-istrateġija tal-UNICEF għall-protezzjoni tat-tfal (UNICEF child protection strategy), *E/ICEF/2008/5/ Rev.1, l-20 ta' Mejju 2008, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.unicef.org/protection/files/CP_Strategy_English.pdf*

Sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal tqiegħed lill-minorenni fiċ-ċentru. Din tiżgura li l-atturi u s-sistemi essenzjali kollha – l-edukazzjoni, is-saħħa, l-assistenza soċjali, il-ġustizzja, is-soċjetà ċivili, il-komunità, il-familja – jaħdmu id f'id sabiex jipproteġu lill-minorenni. Approċċ integrat bħal dan jista' jwieġeb għal firxa ta' sitwazzjonijiet li jista' jaffaċċja l-minorenni individwali. Irid iwieġeb għall-ħtiġijiet tat-tfal, inklużi vittmi tat-traffikar fi ħdan il-pajjiż ta' oriġini tagħhom kif ukoll dawk li qasmu l-fruntieri internazzjonali. L-aħjar interessi tat-tfal iridu jingħataw kunsiderazzjoni primarja jew prijoritarja, kif meħtieġ mis-CRC.

Sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal xorta waħda teħtieġ kompetenza u risponsi bbażati fuq il-kwistjonijiet, iżda tqegħdhom fi ħdan il-kuntest tas-sistema kumplessiva.

Is-sistemi nazzjonali ta' tutela huma parti integrali mis-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal. Għandhom ifittxu li jwieġbu għall-ħtiġijiet tat-tfal kollha li huma mċaħħdin b'mod temporanju jew permanenti mill-kustodja tal-ġenituri u jeħtieġu protezzjoni.

Il-linji gwida tal-Assemblea Ġenerali tan-NU għall-Kura Alternattiva tat-Tfal jagħtu gwida dwar il-ħarsien u l-benesseri tat-tfal kollha mċaħħ-din mill-kustodja tal-ġenituri jew li huma f'riskju ta' dan. Il-linji gwida jinkludu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li dejjem ikun hemm persuna rikonoxxuta legalment jew korp b'**responsabbiltà legali** għat-tfal meta l-ġenituri jkunu neqsin jew mhux f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet ta' kuljum meqjusin li huma fl-aħjar interessi tat-tfal.

*Sors: L-Assemblea Ġenerali (2010), Riżoluzzjoni 64/142 Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva tat-Tfal, l-24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.unicef.org/protection/alternative_care_Guidelines-English.pdf*

It-tutur għandu jkun il-persuna bl-iktar tagħrif komprensiv dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni u l-ħtiġijiet individwali tiegħu. Tutur huwa f'pożizzjoni unika li jgħaqqad flimkien lill-bosta awtoritajiet u lill-minorenni. It-tutur jista' jgħin ukoll sabiex jiżgura kontinwità fil-protezzjoni tal-minorenni u sabiex il-minorenni jkun jista' jieħu sehem b'mod effettiv fid-deċiżjonijiet kollha li jolqtuh, b'rispett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tas-CRC. It-tqegħid tat-tutur mal-minorenni fil-qalba jsaħħaħ ir-rwol ta' prevenzjoni u protezzjoni tat-tutur (Figura 2).

**Figura 2: Is-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u r-rwol tat-tutur**




*Sors: FRA*

Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fil-Kumment Ġenerali tiegħu Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja (Artikolu 3, paragrafu 1), jagħti gwida komprensiva għall-proċedura ta' valutazzjoni u determinazzjoni tal-aħjar interessi u lista ta' elementi ewlenin.

Il-ħidma tat-tuturi trid tkun imsejsa fuq l-erba' prinċipji ewlenin stabbiliti fis-CRC (Figura 3). Il-partijiet statali huma meħtieġa: jirrispettaw u jippromwovu d-dritt tal-minorenni għall-ħajja u l-iżvilupp, inkluż l-iżvilupp mentali, fiżiku u psikoloġiku; li jagħtu l-importanza xierqa lil x'jaħseb il-minorenni fuq il-bażi tal-età, il-maturità u l-kapaċitajiet ta' żvilupp tiegħu; li jħarsu l-aħjar interessi tal-minorenni bħala kunsiderazzjoni primarja f'kull deċiżjoni u azzjoni li jinvolvuh; u li jirrispettaw bis-sħiħ u jippromwovu n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

**Figura 3: L-erba' prinċipji ewlenin tas-CRC iridu jkunu l-bażi tal-ħidma tat-tuturi**




*Sors: FRA*

# 3. X'ikopri dan il-manwal?

Dan il-manwal jipprovdi gwida dwar kif jiġu stabbiliti u kif jitħaddmu s-sistemi nazzjonali ta' tutela, u jelenka l-kompiti ewlenin tat-tutur. Ħafna mill-kunsiderazzjonijiet huma punti komuni applikabbli għas-sitwazzjonijiet ta' tutela kollha. Primarjament huma marbutin mas-sistemi ta' tutela għall-iktar tfal fil-bżonn ta' kustodja tal-ġenituri b'mod ġenerali, għalkemm uħud huma speċifiċi għat-tfal vittmi tat-traffikar, bħal kwistjonijiet marbutin mal-involviment tat-tfal fi proċeduri kriminali kontra t-traffikanti.

Il-manwal jiddeskrivi dawk il-kunsiderazzjonijiet marbutin mat-tfal vittmi tat-traffikar li nfirdu minn mal-ġenituri tagħhom. Jistgħu jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ċittadini tal-UE jew ċittadini tal-Istat Membru fejn ġew traffikati.

Dan il-manwal jiffoka fuq il-kwistjoni ta' tutela bħala salvagwardja importanti għad-drittijiet tat-tfal meta l-ġenituri tagħhom ma jkunux jistgħu jew lesti jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bħala ġenituri jew meta ġew preklużi milli jagħmlu dan. Dan jista' jkun il-każ ta' tfal vittmi tat-traffikar; il-firda tista' tkun ir-riżultat jew il-fattur ta' riskju għat-traffikar. Dan il-manwal għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol ta' prevenzjoni u protezzjoni tat-tutela bħala wieħed mill-elementi ta' sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal. Madankollu, il-manwal ma jindirizzax il-protezzjoni kumplessiva tal-vittmi tfal lil hinn mis-sistemi ta' tutela.

Il-manwal lanqas ma jkopri l-aspetti partikolari tas-sitwazzjonijiet kollha ta' tutela bħal, pereżempju, il-każ ta' tfal b'ġenituri l-ħabs. Lanqas ma jindirizza l-aspetti kollha tal-protezzjoni effettiva tat-tfal, inkluż kif jiġi rrispettat id-dritt ta' minorenni mifrud minn wieħed mill-ġenituri jew it-tnejn li huma sabiex iżomm ir-relazzjonijiet personali u kuntatt dirett u kif terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità tal-ġenitur sabiex jeżerċita r-responsabbiltajiet tiegħu bħala ġenitur. Il-Figura 4 turi xi jkopri u x'ma jkoprix il-manwal.

**Figura 4: Tfal fil-bżonn ta' ambjent ta' ġenituri u tfal vittmi tat-traffikar**




*Sors: FRA*

Dan il-manwal ma jindirizzax il-ħatra ta' professjonisti legali li jipprovdu lil minorenni b'għajnuna legali b'xejn fi proċeduri ċivili, kriminali jew amministrattivi. Lanqas ma jindirizza lil persuni inkarigati mill-kura ta' kuljum tat-tfal. Minkejja dan, ċerti aspetti tal-manwal jistgħu jkunu siewja wkoll għalihom, b'mod partikolari jekk jinteraġixxu mat-tuturi.

# 4. Kooperazzjoni transnazzjonali fil-kuntest tal-protezzjoni tat-tfal

B'mobilità ikbar fi ħdan l-UE u madwar id-dinja, minorenni jista' jkun ta' tħassib għal iktar minn Stat Membru wieħed tal-UE. Biex minorenni jkun protett b'mod effettiv kontra sfruttament, abbuż, negliġenza u vjolenza, importanti li jkun hemm mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fi ħdan l-UE, kif ukoll f'livell internazzjonali.

F'każijiet ta' tfal mhux akkumpanjati u ta' tfal vittmi tat-traffikar sfruttati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u ma' pajjiżi terzi hija vitali. Pereżempju, jista' jkun hemm bżonn li tiġi stabbilita l-identità ta' minorenni bla dokumenti, jew li jinstabu u jiġu evalwati soluzzjonijiet dejjiema (ara wkoll il-Kapitolu 9).

Barra minn hekk, sitwazzjonijiet oħrajn li jinvolvu lit-tfal, bħal tfal li jkunu neqsin, ħtif ta' tfal mill-ġenituri jew adozzjoni minn pajjiż għal ieħor, jeħtieġu kooperazzjoni transitorja effettiva bejn awtoritajiet differenti ta' protezzjoni tat-tfal.

Il-koordinazzjoni transfruntiera jew transnazzjonali bl-involviment tat-tuturi tista' tkun meħtieġa meta:

- vittma potenzjali tat-traffikar minn Stat Membru tiġi identifikata fi Stat Membru ieħor;
- tutur irid jgħin lill-minorenni sabiex jistabbilixxi kuntatt mal-familja jew jidħol f'kollegament mal-ġenituri jew il-qraba tal-minorenni fi Stat Membru ieħor jew barra l-UE;
- minorenni mhux akkumpanjat minn barra l-UE nieqes minn Stat Membru wieħed u jinstab f'ieħor;
- tfal separati minn familthom matul il-migrazzjoni lejn l-UE.

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw mekkaniżmi strutturati u sistematiċi ta' kooperazzjoni internazzjonali u intra-UE. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżorsi tagħhom sabiex iħaffu l-kooperazzjoni transnazzjonali, u meta jkun possibbli jikkapitalizzaw mill-appoġġ finanzjarju tal-UE. L-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu anki jieħdu inizjattivi sabiex jikkoordinaw it-tali kooperazzjoni, meta taqa' fi ħdan il-kompetenza tagħhom.

Bħalissa, hemm żewġ strumenti legali li jindirizzaw problemi ta' ġurisdizzjoni meta każijiet partikolari li jinvolvu lit-tfal jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal tistabbilixxi, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet Statali li l-awtoritajiet tagħhom għandhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tat-tfal.

Fil-livell tal-UE, ir-Regolament Brussell II (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2116/2004) jiġbor f'dokument wieħed id-dispożizzjonijiet dwar id-divorzju u r-responsabbiltà tal-ġenituri. Ir-regolament japplika għal proċedimenti ċivili marbutin mad-divorzju, is-separazzjoni u l-annullament taż-żwieġ, kif ukoll l-aspetti kollha tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u jistabbilixxi sistema sħiħa ta' regoli dwar il-ġurisdizzjoni.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-Adozzjoni bejn il-Pajjiżi tistabbilixxi salvagwardji sabiex tiżgura li l-adozzjonijiet bejn il-pajjiżi jseħħu fl-aħjar interessi tal-minorenni u b'rispett tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif rikonoxxuti fil-liġi internazzjonali. Hija tistabbilixxi sistema ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Kontraenti sabiex tiżgura li jiġu rispettati dawn is-salvagwardji u b'hekk tipprevjeni l-ħtif, il-bejgħ jew it-traffikar tat-tfal.

Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha tmur lil hinn mill-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-pulizija. Meta jkun hemm bżonn għall-aħjar interessi tat-tfal, din il-kooperazzjoni għandha testendi għal awtoritajiet nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal, inklużi l-awtoritajiet ta' tutela, kemm fi ħdan l-Istati Membri tal-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi. It-tali kooperazzjoni ma għandhiex tkun limitata għal ċerti kategoriji ta' tfal biss.

# Parti I — Tisħiħ tas-sistemi ta' tutela



Il-Parti I tipprovdi gwida għal dawk li jfasslu l-politiki meta jiżviluppaw oqfsa nazzjonali għall-immaniġġjar u t-tisiħ tas-sistema ta' tutela tagħhom, u għall-awtoritajiet nazzjonali fir-responsabbiltajiet ta' tutela tagħhom. L-ewwel nett telenka dawk l-elementi ċentrali li jistgħu jitqiesu bħala prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' tutela.

Il-Kapitlu 2 jindirizza kwistjonijiet marbutin mal-istatus tal-impjieg, il-kwalifiki professjonali u r-rekwiżiti ta' taħriġ tat-tutur. Dawn jinkludu proċeduri ta' skrutinju, kunflitti ta' interess u l-imparzjalità tat-tuturi. Jistħarreġ ukoll ir-rwoli distintivi u l-interazzjoni bejn it-tutur, ir-rappreżentant legali maħtur sabiex jirrappreżenta lill-minorenni fi proċedimenti partikolari u l-avukat jew professjonist legali ieħor ikkwalifikat li jagħti assistenza legali lill-minorenni. Il-Kapitlu 3 joffri gwida dwar il-ġestjoni tas-sistemi ta' tutela u ta' tuturi individwali, inkluż l-iżvilupp ta' standards u linji gwida interni, l-amministrazzjoni tal-każijiet, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ kif ukoll l-appoġġ u s-superviżjoni tat-tuturi. Il-Kapitlu 4 jiddeskrivi l-proċeduri ta' ħatra tat-tutur u d-durata tat-tutela.

## 1. Il-prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' tutela

Is-sistemi ta' tutela fl-Istati Membri tal-UE jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, peress li jiddependu fuq ħtiġijiet, riżorsi allokati u l-fatturi kulturali, soċjali u storiċi. Minkejja dan, bejniethom għandhom karatterisiċi simili u jaffaċċjaw sfidi komuni.

Indipendentement mit-tip ta' sistema ta' tutela u s-sistema nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal li topera fiha, hemm sitt prinċipji fundamentali li għandhom japplikaw għat-tipi

kollha ta' arranġamenti ta' tutela. Dawn is-sitta, li jistgħu jinkisbu minn standards internazzjonali (ara t-Tabella 1–4 u l-Anness 1), jintwerew fil-Figura 5.

**Figura 5: Il-prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' tutela**




*Sors: FRA*

**1. Nondiskriminazzjoni**

It-tfal kollha fil-bżonn tal-ambjent tal-familja u l-kustodja tal-ġenituri tagħhom huma intitolati għall-istess livell ta' protezzjoni jkunu xi jkunu l-età, l-istatus tal-immigrant (jiġifieri ċittadini tal-UE, residenti legali, applikanti għall-ażil, migranti f'sitwazzjoni irregolari), iċ-ċittadinanza, is-sess, l-isfond etniku jew kull raġuni ta' nondiskriminazzjoni oħra tagħhom elenkata fl-Artikolu 21 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjonijiet tas-sessi tal-vjolenza kontra t-tfal.

Il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni jeħtieġ protezzjoni ugwali wkoll għat-tfal kollha fi ħdan it-territorju tal-istat, irrispettivament mill-post ta’ residenza. L-Istati Membri tal-UE għandhom jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet u s-servizzi ta’ tutela. Meta s-sistemi ta’ protezzjoni jkunu r-responsabbiltà tal-gvern reġjonali jew lokali, il-gvernijiet nazzjonali għandhom jiżguraw li jkun hemm konsistenza bejn l-istandards u l-prattiki ta’ reġjuni u lokalitajiet differenti fi ħdan it-territorju tagħhom.

**2. Indipendenza u imparzjalità**

It-tuturi u r-rappreżentanti legali magħżulin iridu jkunu f’pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet indipendenti u imparzjali, jagħmlu valutazzjoni, iwettqu azzjonijiet u jagħmlu rappreżentazzjonijiet iggwidati mill-aħjar interessi tat-tfal. Organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u/jew individwi għandhom ikunu preklużi mit-tutela u/jew dmirijiet ta’ rappreżentazzjoni legali jekk ikollhom kunflitti ta’ interess, jew interessi b’potenzjal ta’ kunflitt, ma’ dawk tat-tfal.

**3. Kwalità**

It-tuturi u r-rappreżentanti legali magħżulin għandu jkollhom kwalifiki professjonali xierqa fil-qasam tal-benesseri tat-tfal u/jew il-protezzjoni tat-tfal. Barra minn hekk, għandhom jingħataw taħriġ inizjali u kontinwu xieraq mill-awtoritajiet rilevanti. Biex jidentifikaw u jipproteġu lit-tfal vittmi tat-traffikar, importanti li t-tuturi jkollhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jidentifikaw lit-tfal vittmi. It-tuturi li jieħdu ħsieb tfal bi ħtiġijiet partikolari, bħal tfal vittmi tat-traffikar jew tfal mhux akkumpanjati, irid ikollhom il-kompetenza meħtieġa sabiex iwieġbu b’mod effettiv għat-tali ħtiġijiet, pereżempju għarfien u esperjenza fil-ħidma ma’ tfal trawmatizzati.

**4. Obbligu ta’ rendikont**

Il-liġi nazzjonali għandha tipprovdi l-bażi legali tat-tutela u tiddefinixxi l-awtorità responsabbli għaliha. Din l-awtorità tat-tutela għandha tinżamm responsabbli u obbligata tagħti rendikont għal għemil it-tutur maħtur. L-eżerċizzju tat-tutela u funzjonijiet oħrajn ta’ rappreżentazzjoni għandhom jiġu ssorveljati b’mod regolari u indipendenti. Il-bażi legali tat-tutela fil-liġi nazzjonali għandha tinkludi dispożizzjonijiet legali preċiżi biżżejjed li jiddefinixxu d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta’ tutur.

**5. Sostenibbiltà**

Is-sistemi ta’ tutela u rappreżentazzjoni legali għandhom ikunu parti integrali mis-sistema nazzjonali ta’ protezzjoni tat-tfal. L-istati għandhom jallokaw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għat-tħaddim tas-sistema ta’ tutela. Il-baġit għandu jinkludi l-ispejjeż marbutin mal-monitoraġġ u s-sorveljanza effettivi tas-servizzi ta’ tutela kif ukoll it-taħriġ.

**6. Parteċipazzjoni tat-tfal**
L-arranġamenti u l-proċeduri ta' tutela u rappreżentazzjoni legali għandhom jirrispettaw id-dritt tat-tfal li jinstemgħu, u għandhom iqisu kif xieraq il-perspettiva tat-tfal. It-tfal għandhom jirċievu informazzjoni xierqa li jkunu jistgħu jifhmu dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġamenti ta' tutela u dwar is-servizzi disponibbli kollha li jistgħu jgħinuhom. It-tfal għandhom jiġu informati wkoll dwar id-drittijiet tagħhom u l-possibbiltà li jilmentaw kull meta jħossu li t-tuturi tagħhom mhumiex qed jirrispettaw id-drittijiet tagħhom.

# 2. Is-sistemi ta' tutela: kunsiderazzjonijiet inizjali

Sistema inklużiva ta' tutela tikkontribwixxi għall-prevenzjoni effiċjenti tal-abbuż u l-isfruttament tat-tfal, inkluż it-traffikar tat-tfal. Biha l-protezzjoni u r-riabilitazzjoni tal-vittmi ssir iktar effettiva. Dan il-kapitlu jkopri l-kunsiderazzjonijiet bażiċi marbutin mas-sistemi ta' tutela meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tat-tfal, bħall-istatus ta' impjieg tat-tuturi, ir-rekwiżiti ta' kwalifika u s-salvagwardji kontra kunflitti ta' interess.

## 2.1. X'għandu jkun stabbilit fil-leġiżlazzjoni u/jew fil-politika?

Hemm ċerti rekwiżiti bażiċi li jridu jiġu ċċarati b'mod trasparenti. Kemm dawn ir-rekwiżiti huma stabbiliti fil-liġi nazzjonali jista' jvarja skont is-sistema legali. Madankollu, l-aspetti essenzjali għandhom jiġu definiti b'mod ċar. Dawn jinkludu:

- il-proċeduri ta' reklutaġġ u ħatra, inkluż l-istatus ta' impjieg tat-tuturi u r-rappreżentanti legali;
- id-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tuturi u r-rappreżentanti legali;
- ir-rekwiżiti professjonali, il-kwalifiki u l-proċeduri ta' tgħarbil għat-tuturi;
- ir-rekwiżiti ta' taħriġ;
- il-proċeduri ta' monitoraġġ u sorveljanza, inkluż mekkaniżmu individwali aċċessibbli tal-ilmenti għat-tfal;
- id-dritt tat-tfal li jesprimu fehemthom fi stadji differenti tal-proċedura u dmir li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu inkunsiderazzjoni t-tali fehmiet u jagħtuhom l-importanza mistħoqqa.

## 2.2. Sistema ta’ tutela uniformi waħda għat-tfal kollha?

> Ebda Stat Membru tal-UE ma għandu sistema ta’ tutela esklussivament għat-tfal vittmi tat-traffikar.
>
> *Sors: FRA 2014,* Tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta’ tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

Biex taħdem b’mod effettiv, is-sistema ta’ tutela għandha tkun parti integrali mis-sistema nazzjonali ta’ protezzjoni tat-tfal, u trid topera fi ħdan il-liġi u l-proċeduri ta’ protezzjoni tat-tfal. Dan l-approċċ huwa rikonoxxut fl-*Istrateġija tal-UE għall-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016*, li tistipula li s-“sistemi komprensivi ta’ protezzjoni sensittivi ħafna għat-tfal, li jiżguraw koordinazzjoni bejn bosta aġenziji u dixxiplini, huma tassew importanti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet differenti tal-gruppi differenti ta’ tfal, inklużi l-vittmi tat-traffikar”.

Il-ħatra ta’ tutur tista’ tkun meħtieġa f’sitwazzjonijiet differenti, pereżempju għal tfal mhux akkumpanjati u mifrudin li jinstabu barra l-pajjiż ta’ oriġini tagħhom jew għal dawk li japplikaw għal ażil, jew, fi ħdan il-pajjiż ta’ oriġini tagħhom, għal tfal li l-interessi tal-ġenituri tagħhom jidħlu f’kunflitt mal-interessi tat-tfal stess.

Uħud mill-Istati Membri tal-UE għandhom sistema ta’ tutela waħda għat-tfal kollha; f’oħrajn, hemm sistemi differenti skont l-istatus ta’ immigrant tat-tfal. It-tali differenzi jaffettwaw it-trattament tat-tfal vittmi tat-traffikar, peress li l-vittmi tfal fl-UE jista’ jkollhom bosta tipi ta’ status ta’ immigrant. Ngħidu aħna, jistgħu jkunu:

- tfal li huma traffikati u sfruttati fi ħdan l-Istat Membru tal-UE tagħhom;
- ċittadini tal-UE traffikati minn Stat Membru tal-UE għal ieħor;
- ċittadini ta’ pajjiżi terzi li għandhom permess ta’ residenza jew dritt ta’ soġġorn u huma traffikati;
- ċittadini ta’ pajjiżi terzi li huma f’sitwazzjoni irregolari u huma traffikati.

F'ċerti pajjiżi, il-ħatra ta' tutur legali tiddependi mill-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. B'hekk, mhux kull vittma ta' traffikar tat-tfal tingħata assistenza awtomatika minn kustodju. Instab li l-liġi u l-prattika rigward il-ħatra ta' kustodju jvarjaw bejn l-Istati Membri tal-UE. F'ċerti Stati Membri, il-ħatra ta' kustodju sseħħ biss f'każijiet rari għaliex il-vittmi tat-traffikar tat-tfal ma jiġux identifikati u/jew għaliex l-istituzzjonijiet għall-indukrar tat-tfal ma jiffokawx fuq din il-kwistjoni.

*Sors: FRA (2009),* It-traffikar tat-tfal fl-Unjoni Ewropea: Sfidi, perspettivi u prattiki tajbin (*Child trafficking in the European Union: Challenges, perspectives and good practices*), *disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/529-Pub_Child_Trafficking_09_en.pdf*

Il-vittmi tat-traffikar jinstabu wkoll fost l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Maż-żmien, l-istatus tat-tfal jista' jinbidel minn kategorija għal oħra. Approċċ integrat jiżgura li t-tfal jibqgħu l-pern, irrispettivament mill-istatus legali jew ta' residenza tagħhom. Madankollu, għalkemm hemm bżonn ta' approċċ integrat dwar il-protezzjoni tat-tfal, l-għarfien tal-esperti u r-risponsi bbażati fuq il-kwistjonijiet għadhom neċessarji u għandhom jitqiegħdu fil-kuntest tas-sistema kumplessiva.

It-tfal vittmi tat-traffikar spiss ma jkunux akkumpanjati, għalkemm hemm każijiet li fihom il-ġenituri tal-minorenni jew il-kustodji jkunu involuti fit-traffikar u l-isfruttament, jew li fihom il-minorenni jkun ġie traffikat flimkien mal-ġenituri tiegħu. Il-firda mill-ġenituri tista' tkun kaġun tal-isfruttament u t-traffikar tal-minorenni, jew tista' tkun wieħed mill-fatturi ta' riskju li kkontribwixxew għat-traffikar tal-minorenni.

Fid-dawl tal-bżonn li jiġi preklużit-traffikar tat-tfal, l-awtoritajiet għandhom joqogħdu attenti b'mod partikolari għal tfal li għal bosta raġunijiet huma mċaħħdin b'mod temporanju jew permanenti mill-ambjent tal-ġenituri tagħhom. B'mod partikolari, dan jinkludi tfal li qed jgħixu f'faċilitajiet għall-indukrar residenzjali u tfal mhux akkumpanjati.

Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni speċjali lil tfal b'diżabilitajiet, inklużi diżabilitajiet intellettwali u mentali, li huma f'riskju għoli ta' sfruttament u abbuż. Anki diżabilità tista' tkun konsegwenza tat-traffikar. Tfal li ġew traffikati u abbużati għandhom probabbiltà sostanzjalment ogħla li jiżviluppaw diżabilitajiet minħabba trawma fiżika u psikoloġika.

Iċ-ċirkustanzi li jvarjaw iżda l-ħtiġijiet u d-drittijiet komuni tat-tfal mhux akkumpanjati jew mifrudin jintwerew fil-Figura 6.

### Figura 6: Il-ħtiġijiet komuni u l-ugwaljanza tad-drittijiet għat-tfal kollha mċaħħdin minn ambjent tal-ġenituri




*Sors: FRA*

Tfal f’kura fit-tul u li fl-imgħoddi kienu istituzzjonalizzati għandhom iktar ħtiġijiet. Mhux talli huma mifrudin mill-ġenituri tagħhom, iżda jista’ jkollhom anki relazzjoni emozzjonali mat-traffikant, waħda ta’ dipendenza, pereżempju, f’parti minnha minħabba l-ħtiġijiet psikosoċjali tagħhom. Dan jeħtieġ valutazzjoni ta’ speċjalist sabiex jiġi żgurat li jkunu protetti u indukrati kif suppost. Meta dawn it-tfal imorru lura għal kuntesti ta’ indukrar alternattiv, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ miżuri ta’ protezzjoni speċjali sabiex huma u tfal vulnerabbli oħrajn ikunu protetti mit-traffikanti.

## 2.3. L-istatus ta’ impjieg tat-tuturi: professjonisti jew voluntiera?

L-Istati Membri tal-UE għandhom dmir li jiżguraw li jinħatar tutur li jħares l-aħjar interessi tal-minorenni u l-benesseri ġenerali tal-minorenni, u sabiex jara li l-minorenni jkollu rappreżentazzjoni legali xierqa.

Sabiex jiġi żgurat li kull minorenni jkollu tutur ikkwalifikat u mħarreġ, **it-tuturi għandhom jiġu impjegati bħala tali.** Irid ikun hemm tqassim ċar tar-responsabbiltajiet mal-awtorità ta’ tutela magħżula.

"Mingħajr ma nnaqqsu xejn mill-valur miżjud ta' voluntiera individwali jew id-dedikazzjoni u l-impenn eżemplari ta' wħud, f'dan ir-rigward sistema ta' tutela professjonali hija ppreferuta iktar minn sistema volontarja. Jekk dan ikun impossibbli, il-voluntiera jafu jkunu l-aħjar tieni għażla jew għażla ta' riżerva".

*Sors: ENGI (Netwerk Ewropew għall-Istituzzjonijiet ta' Tutela) (2011),* L-indukrar għall-minorenni mhux akkumpanjati: Standards minimi, fatturi ta' riskju u rakkomandazzjonijiet għal dawk li jaħdmu f'dan il-qasam, *It-tutela fil-prattika, rapport finali (Care for unaccompanied minors: Minimum standards, risk factors and recommendations for practitioners, Guardianship in practice, final report), Utrecht, p. 17, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://engi.eu/about/ documentation/*

**Il-voluntiera** jista' jkollhom **rwoli ta' sostenn** importanti għat-tutur maħtur, meta jaġixxu taħt is-superviżjoni tiegħu jew superviżjoni professjonali oħra. Madankollu, sistema ta' tutela ma għandhiex tiddependi biss fuq servizzi ta' voluntiera, jiġifieri tuturi li mhumiex professjonisti mħarrġin, kemm jekk impjegati jew għal rashom. Sistema bbażata fuq voluntiera biss jaf ikollha nuqqas ta' kontinwità u sostenibbiltà. It-tuturi jaf ma jkollhomx l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa. Dan jesponi lit-tfal għal riskji addizzjonali, b'mod partikolari peress li spiss ikunu batew minn trawma u jkunu jeħtieġu protezzjoni u trattament speċjali. Barra minn hekk, mekkaniżmi ta' responsabbiltà u monitoraġġ għat-tuturi voluntiera jaf ikunu dgħajfin jew diffiċli biex jiġu infurzati.

Għaldaqstant, huwa tassew importanti li jiġi żgurat li, kull meta jinħatru voluntiera bħala tuturi, ikunu japplikaw l-istess standards għalihom bħat-tuturi professjonisti. Dawn jinkludu kwalifiki, proċeduri ta' tgħarbil, taħriġ, mekkaniżmi ta' monitoraġġ u miżuri ta' responsabbiltà. Il-kodiċijiet tal-kondotta u l-gwida bil-miktub dwar ir-reklutaġġ, it-taħriġ, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni żviluppati għat-tuturi professjonisti għandhom jintużaw għat-tuturi voluntiera wkoll.

Is-superviżjoni minn professjonisti u l-appoġġ kontinwu għandhom jingħataw lill-voluntiera kollha li jgħinu fl-indukrar u l-protezzjoni ta' tfal vulnerabbli. Dan huwa partikolarment importanti għal dawk il-voluntiera li jinħatru bħala tuturi jew li jwettqu dmirijiet ta' tutela għal tfal vittmi tat-traffikar.

Il-voluntiera li huma meħtieġa jaġixxu bħala tuturi għandhom jiġu kkumpensati għall-ispejjeż tagħhom meta jwettqu l-kompiti assenjati lilhom.

## 2.4. Min jista' jaġixxi ta' tutur?

### Kwalifiki professjonali

It-tuturi jridu jkunu kkwalifikati u mħarrġin sabiex iħabbtu wiċċhom mal-medda wiesgħa ta' liġijiet u proċeduri li jirregolaw l-ażil, il-migrazzjoni jew kwistjonijiet oħrajn li jistgħu jaffaċċjaw. Il-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex isiru tuturi għandhom ikunu stabbiliti fil-liġi domestika jew f'dokumenti uffiċjali. L-awtoritajiet ta' tutela għandu

jkollhom politiki bil-miktub li jistabbilixxu proċeduri, metodi u standards ċari għar-reklutaġġ, it-taħriġ, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni ta' tuturi maħturin.

L-awtoritajiet ta' tutela għandhom jiżguraw li t-tuturi maħturin għandhom l-għarfien professjonali u l-kompetenza meħtieġa sabiex jirrappreżentaw l-aħjar interessi tat-tfal u jwettqu dmirijiethom b'mod effettiv.

> Il-leġiżlazzjoni nazzjonali mhux dejjem tistabbilixxi rekwiżiti tal-kwalifiki professjonali jew edukattivi speċifiċi għat-tuturi. Dan huwa minnu b'mod partikolari għal voluntiera maħtura bħala tuturi. Minflok, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipikament tiffoka fuq il-karatteristiċi morali u personali li għandhom jissodisfaw it-tuturi potenzjali.
>
> *FRA, 2014,* It-tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

Dan ifisser li l-individwi maħturin bħala tuturi jrid ikollhom:

- kompetenza u esperjenza fil-benesseri u l-protezzjoni tat-tfal, inkluż l-iżvilupp tat-tfal u l-psikoloġija tat-tfal;
- fehim tal-kwistjonijiet kulturali kif ukoll tas-sessi;
- biżżejjed għarfien dwar is-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal, kif ukoll is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni;
- biżżejjed għarfien dwar il-qafas legali.

It-tuturi għandhom rwol vitali fil-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament tat-tfal. Għaldaqstant, għandhom ikunu jafu x'inhuma l-fatturi ta' riskju speċifiċi għat-tfal marbutin mat-traffikar u jkunu midħla tal-istrateġiji sabiex jevitaw li t-tfal jgħibu minn faċilitajiet residenzjali. It-tuturi għandhom ikunu jafu kif jikkuntattjaw lil servizzi speċjalizzati, inkluż in-numru tal-hotline Ewropea għal tfal neqsin: www.hotline116000.eu/.

It-tuturi jrid ikollhom l-għarfien meħtieġ sabiex jidentifikaw u jagħrfu vittmi tfal. Dawk li jaħdmu mal-vittmi tfal għandhom ikunu jafu u jifhmu wkoll id-drittijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar u għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw ħtiġijiethom u jieħdu ħsiebhom b'mod rispettuż, sensittiv, professjonali u mhux diskriminatorju.

It-Tabella 2 tispjega r-rekwiżiti u l-kriterji li jistabbilixxu bosta sorsi legali.

### Tabella 2: Min jista’ jaġixxi ta’ tutur? Sorsi f’dokumenti tal-politika u l-liġi tal-UE

| L-Istrument | Responsabbli | Ebda kunflitt ta’ interess | Indipendenti | Kwalifikat | Imħarreġ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Strumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa** | | | | | |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 | Paragrafu 33 | Paragrafu 33 | – | Paragrafu 33<br>Paragrafu 95 | Paragrafu 95 |
| Il-linji gwida tan-NU dwar l-indukrar alternattiv A/HRC/11/L.13 | Paragrafu 19<br>Paragrafu 101 | – | Paragrafu 103 | Paragrafu 103 | Paragrafu 57<br>Paragrafu 103 |
| Il-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin | – | – | Artikolu 29 (1) (3) (dispożizzjoni ġenerali) | Artikolu 29 (1) (3)<br>Artikolu 10 (1) (dispożizzjoni ġenerali) | Artikolu 29 (3) |
| **Strumenti tal-Unjoni Ewropea** | | | | | |
| Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) | – | – | – | – | Premessa 25<br>Artikolu 18 (3) |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta’ Akkoljenza (2013/33/UE) | – | Artikolu 24 (1) | – | Artikolu 24 (1)<br>Artikolu 24 (4) | Artikolu 24 (4) |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE) | – | Artikolu 25 (1) (a) | – | Artikolu 25 (1)(a) | – |
| Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) | Artikolu 31 (1) | – | – | Artikolu 31 (6) | Artikolu 31 (6) |
| Ir-Regolament ta’ Dublin (UE) Nru 604/2013 | - | - | - | Artikolu 6.2 | |
| Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) | – | – | – | – | Artikolu 25<br>Premessa 61 (dispożizzjonijiet ġenerali) |
| Id-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) | – | – | – | – | Artikolu 23 (3)<br>Premessa 36 (dispożizzjonijiet ġenerali) |

## Kunsiderazzjonijiet kulturali u marbutin mas-sessi

Għandhom jiġu pprovduti lit-tfal kura u assistenza personalizzati kemm jista' jkun.

Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-aspetti tas-sessi u kulturali. Meta dan ikun possibbli u mixtieq, għandu jiġi assenjat tutur tal-istess sess, b'mod partikolari għal bniet vittmi ta' sfruttament sesswali (ara wkoll it-Taqsima 6.5. dwar kwistjonijiet speċifiċi għas-sessi u l-kura tas-saħħa).

> Il-UNICEF żviluppa għodda prattika, li tipprovdi informazzjoni dwar l-istadji u l-proċeduri li jagħmlu "prattika tajba" fil-protezzjoni u l-assistenza tat-tfal vittmi tat-traffikar. Jindirizza b'mod komprensiv l-aspetti tas-sessi u l-identità kulturali, b'rabta mal-kura u l-assistenza tal-vittmi.
>
> *Sors: UNICEF (2008),* Gwida ta' referenza dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal vittmi tat-traffikar fl-Ewropa *(Reference guide on protecting the rights of child victims of trafficking in Europe), Ġinevra, disponibbl bl-Ingliż fuq: http://www.unicef.org/ceecis/UNICEF_Child_Trafficking_low.pdf*

It-tuturi għandhom jiksbu kompetenzi, attitudnijiet u ħiliet partikolari marbutin mal-kultura li jsaħħu l-komunikazzjoni u l-interazzjoni bejn kulturi ma' tfal minn sfondi kulturali differenti. Dan jinkludi għarfien dwar l-effetti tal-kultura fuq it-twemmin u l-imġiba tal-oħrajn, kif ukoll sensibilizzazzjoni dwar l-attributi u l-isterjotipi kulturali proprji u l-impatt ta' dawn fuq l-imġiba u t-twemmin proprji.

It-tfal vittmi tat-traffikar jaqsmu bejniethom għadd ta' esperjenzi u ċirkustanzi komuni, iżda jvarjaw ukoll fil-kultura, is-sess u l-età kif ukoll l-esperjenzi ta' qabel, matul u wara t-traffikar. Din l-individwalità għandha tiġi rikonoxxuta.

L-awtorità ta' tutela għandha tippromwovi attivitajiet ta' taħriġ għat-tuturi dwar l-aspetti tas-sessi u kulturali fl-appoġġ lill-vittmi; tippromwovi d-diversità kulturali u tas-sessi u l-inklużività fir-reklutaġġ ta' persunal u voluntiera; tagħti aċċess għal servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni minn persunal ikkwalifikat; u tuża medjaturi kulturali (ara wkoll il-Kapitolu 7).

## Tgħarbil

Ebda tutur ma għandu jitħalla jaħdem qabel ma tkun saritlu proċedura ta' tgħarbil. Għandhom jittieħdu miżuri ta' protezzjoni proattiva sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tat-tfal u jonqos kemm jista' jkun kull riskju ta' abbuż jew sfruttament tat-tfal jew xi ksur ieħor ta' drittijiethom.

L-awtorità ta' tutela għandu jkollha politika miktuba li tiżgura li jiġu vverifikati r-referenzi tat-tuturi kandidati u li dawk li jinħatru bħala tuturi tal-inqas jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' edukazzjoni, taħriġ u esperjenza.

It-tuturi kandidati kollha trid issirilhom verifika tal-kondotta u tar-reġistru tal-abbużi. **L-Artikolu 10** tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (2011/93/UE) jiskwalifika lil persuni li ġew ikkundannati li wettqu ċerti reati speċifiċi milli jeżerċitaw attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt regolari mat-tfal. Huwa essenzjali li tiġi vverifikata l-kondotta, b'mod partikolari fir-rigward ta' kundanni marbutin ma' abbuż u sfruttament tat-tfal u/jew attivitajiet illeċiti oħrajn bħal reati marbutin ma' drogi, li jistgħu jindikaw riskji potenzjali għal minorenni. Importanti li mhux biss jiġu applikati t-tali verifiki matul ir-reklutaġġ jew il-ħatra inizjali tat-tuturi, iżda li jsiru analiżijiet sistematiċi wkoll.

L-istess proċeduri ta' tgħarbil għandhom japplikaw għat-tuturi kollha, inklużi tuturi voluntiera.

## Kunflitt ta' interessi

Aġenziji jew individwi li l-interessi tagħhom jistgħu potenzjalment jidħlu f'kunflitt mal-interessi tal-minorenni ma għandhomx ikunu eliġibbli għat-tutela. It-tuturi għandhom ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu valutazzjonijiet, deċiżjonijiet u rappreżentazzjonijiet indipendenti u imparzjali li jkunu fl-aħjar interessi tal-minorenni kkonċernat u li jippromwovu u jħarsu l-benesseri tal-minorenni.

Għaldaqstant, is-servizzi ta' tutela u l-persuni maħturin bħala tuturi ma għandhomx ikunu marbutin jew relatati b'xi mod, jew jiddependu fuq il-pulizija, l-awtoritajiet tal-migrazzjoni jew xi awtorità oħra responsabbli mill-identifikazzjoni formali tat-tfal bħala vittma, jew minn deċiżjonijiet marbutin mar-ritorn, il-permess ta' residenza jew l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali.

Is-servizzi ta' tutela u t-tuturi maħturin għandhom ikunu indipendenti u ma jkollhomx rabtiet finanzjarji jew istituzzjonali mal-istituzzjonijiet, is-servizzi jew l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli sabiex jipprovdu akkomodazzjoni jew indukrar ta' kuljum lill-minorenni.

It-tuturi li fl-istess ħin jaħdmu għal faċilità ta' akkoljenza jistgħu jsibu lilhom infushom f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali bejn il-ġestjoni taċ-ċentru ta' akkoljenza u l-minorenni. Pereżempju, l-impjegati huma mistennijin iwettqu dmirijiethom fl-interess tal-impjegatur tagħhom (il-faċilità ta' indukrar) u jaġixxu skont l-istruzzjonijiet tad-direttur. Fl-istess ħin, iridu jżommu lill-faċilità ta' indukrar, id-direttur tagħha u l-persunal tagħha responsabbli mill-indukrar u l-protezzjoni offruti lill-minorenni.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jitqiesu fid-dawl tal-fatt li l-vjolenza fuq it-tfal spiss isseħħ fl-istituzzjoni ta' indukrar fejn jgħix il-minorenni. Għaldaqstant, id-diretturi jew il-persunal tal-faċilitajiet ta' kura residenzjali ma għandhomx jinħatru bħala tuturi.

Il-persunal tas-servizzi soċjali, billi huma responsabbli mill-forniment ta' servizzi ta' indukrar, jista' jinqabad f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess ukoll.

Jekk il-persuni maħturin bħala tuturi jkollhom xi kunflitt ta' interess potenzjali li jista' jaffettwa r-rwol u d-dmirijiet tagħhom bħala tuturi, għandhom jiddikjarawhom lill-awtoritajiet tal-ħatra. L-awtoritajiet tal-ħatra huma responsabbli għall-valutazzjoni tal-impatt possibbli tat-tali kunflitt ta' interess.

## 2.5. Il-ħatra ta' qraba bħala tuturi fil-kuntest tat-traffikar tat-tfal

Jekk il-minorenni jinfired mill-ġenituri tiegħu, jew il-ġenituri jkunu preklużi milli jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bħala ġenituri fl-aħjar interessi tal-minorenni, il-qraba jew membri tal-familja estiża oħrajn, jistgħu, meta jkun possibbli, jiġu assenjati bħala tuturi, sakemm ma jkunx indikat li dan mhuwiex fl-aħjar interessi tal-minorenni, eż. f'każijiet ta' kunflitt ta' interessi. Meta jinħatru membri tal-familja estiża bħala tuturi wara valutazzjoni tar-riskju, is-sistema ta' protezzjoni tat-tfal għandha tiżgura monitoraġġ u analiżi regolari tas-sitwazzjoni tal-minorenni. F'dawn il-każijiet, l-awtorità tat-tutela għandha tieħu miżuri supplimentari, bħall-ħatra ta' konsulent tal-minorenni jew tutur tal-familja jew assistent li jsostni lill-familja u jissorvelja s-sitwazzjoni tal-minorenni.

B'mod partikolari għal tfal vittmi tat-traffikar, l-awtoritajiet kompetenti jridu jixtarru bir-reqqa l-adegwatezza tal-membri akkumpanjaturi tal-familja fil-pajjiż riċeventi jew tal-qraba tal-minorenni fil-pajjiż ta' oriġini sabiex jevitaw sfruttament jew vittimizzazzjoni ulterjuri tal-minorenni u/jew milli l-minorenni jerġa' jisfa traffikat malli jirritorna lura.

Meta l-membri tal-familja jkunu jistgħu u lesti jipprovdu l-kura ta' kuljum, iżda ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw l-aħjar interessi tal-minorenni fl-isferi kollha u fil-livelli kollha tal-ħajja tal-minorenni, għandu jinħatar tutur sabiex jimla dan il-vojt. Dan huwa partikolarment rilevanti għal tfal li ġew traffikati u li jeħtieġu konsulenza u appoġġ professjonali meta jkunu involuti f'dawk li spiss ikunu proċedimenti ġudizzjarji multipli u kumplessi.

## 2.6. Rappreżentanti u/jew rappreżentanti legali

Ir-rappreżentazzjoni legali hija waħda mit-tliet funzjonijiet ewlenin tat-tutela, flimkien mas-salvagwardja tal-aħjar interessi tal-minorenni u l-iżgurar tal-benesseri tiegħu (ara wkoll il-Figura 1). Meta l-liġi tal-UE u nazzjonali tagħti prijorità lil din il-funzjoni,

trid tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li enfasi fuq ir-rappreżentazzjoni legali ma twassalx għal twarrib taż-żewġ funzjonijiet l-oħrajn.

Il-liġi tal-UE tipprovdi għall-ħatra ta' rappreżentant għal tfal mhux akkumpanjati li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (Artikolu 25). Hija tissalvagwardja wkoll id-drittijiet tal-vittmi tfal f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali meta, skont il-liġi nazzjonali, dawk b'responsabbiltà ta' ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lill-minorenni minħabba kunflitt ta' interess bejnhom u l-vittma minorenni (Artikolu 15 (1), Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE); Artikolu 20, Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal (2011/93/UE); Artikolu 24, Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE)).

Fil-liġi tal-UE, it-terminu "rappreżentant" jew "rappreżentant legali" huwa ddefinit bħala "persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta persuna minorenni mhux akkumpanjata fi proċeduri stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ" (**Artikolu 2 (j),** Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE)).

B'hekk, il-ħatra ta' rappreżentanti għandha l-uniku għan li tiżgura rappreżentazzjoni ta' minorenni fi proċedimenti partikolari, u b'hekk ma tistax titqies ekwivalenti bħall-ħatra ta' tutur. Il-mandat tar-rappreżentant legali ma jkoprix l-aspetti kollha tal-ħajja u l-iżvilupp tal-minorenni.

Għaldaqstant, il-ħatra ta' tutur għandha sseħħ f'kull każ li fihom minorenni jkun imċaħħad minn ambjent ta' ġenituri, irrispettivament mill-ħatra ta' rappreżentant legali. Dan l-approċċ isegwi l-ispirtu tas-CRC u tal-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali.

Meta jinħatar rappreżentant legali qabel ma jiġi assenjat tutur, ir-rappreżentant legali għandu jibqa' jaħdem (jekk, pereżempju, il-kompetenza tiegħu tkun għadha meħtieġa) f'kooperazzjoni mill-qrib mat-tutur u l-minorenni.

Ir-rappreżentant legali jrid iżomm lit-tutur u lill-minorenni aġġornati b'mod regolari dwar il-proċedura inkwistjoni, inklużi d-deċiżjonijiet li possibilment iridu jittieħdu, u jipprovdi rispons dwar l-eżitu tal-azzjonijiet tiegħu.

## 2.7. Konsulenza legali u assistenza legali

Minbarra r-rappreżentazzjoni legali, f'ċerti proċedimenti amministrattivi, kriminali jew ċivili li fihom ikun involut il-minorenni, ikun intitolat għal għajnuna legali b'xejn.

Id-dritt għal għajnuna legali tingħata bil-ħatra ta' avukat jew professjonist legali kkwalifikat ieħor li jagħti assistenza legali, jitkellem f'isem il-minorenni u jirrappreżentah b'mod legali f'dikjarazzjonijiet bil-miktub u personalment quddiem awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji fi proċedimenti kriminali, tal-ażil jew legali oħrajn kif stipulat fil-liġi nazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew għar-Rifuġjati u l-Eżiljati (ECRE) żviluppa għodda dwar l-assistenza legali ta' kwalità għal tfal mhux akkumpanjati. L-għan tal-għodda huwa li jiġu sostnuti l-Istati Membri sabiex itejbu s-sistemi ta' assistenza legali u li jiġu megħjuna l-konsulenti legali sabiex jipprovdu assistenza legali effettiva. L-għodda ġiet żviluppata fi ħdan il-qafas tal-proġett "Dritt għall-Ġustizzja: Assistenza Legali ta' Kwalità għal Tfal Mhux Akkumpanjati", kofinanzjat mill-UE.

*L-għodda, flimkien ma' materjali ta' proġetti oħrajn, tkun disponibbli fit-tieni trimestru tal-2014 fuq: http://ecre.org/component/content/article/63-projects/325-right-to-justice.html*

**L-Artikolu 15 (2)** tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), moqri fid-dawl tal-Premessa 19, jintitola lit-tfal vittmi tat-traffikar għal aċċess mingħajr dewmien għal konsulenza legali b'xejn u rappreżentazzjoni legali b'xejn, inkluż sabiex jitolbu kumpens, sakemm ma jkollhomx riżorsi finanzjarji. Hemm dispożizzjonijiet simili fid-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) (**Artikolu 13**) u fid-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) (**Artikolu 20**).

Jekk minorenni jkun involut fi proċedimenti amministrattivi, kriminali jew ċivili, it-tutur u/jew rappreżentant ieħor — jekk ma jkun għadu ġie assenjat ebda tutur — għandu jiżgura li l-minorenni għandu aċċess għal għajnuna legali b'xejn u li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jaħtru professjonist legali kkwalifikat skont id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali.

Kull meta l-ħatra ma sseħħx *ex officio* mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi, it-tutur jew rappreżentant ieħor għandu jibda l-proċedura ta' ħatra billi jagħmel talba lill-awtoritajiet kompetenti.

Ir-rwol tal-avukat ikkwalifikat jew professjonist legali kkwalifikat ieħor li jipprovdi konsulenza legali u assistenza legali lill-minorenni jvarja mill-mandat u r-rwol propju tar-"rappreżentant" jew "rappreżentant legali" kif definit fil-liġi tal-UE (ara l-Kapitolu 1 u anki l-kaxxa tat-test dwar it-terminoloġija ewlenija).

Id-distinzjoni bejn ir-rwoli dejjem għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, anki jekk l-individwi maħturin bħala "rappreżentanti" jew "rappreżentanti legali" jkollhom sfond professjonali legali jew ikunu avukati jew konsulent legali, kif jiġri f'ħafna Stati Membri tal-UE.

L-aċċess għal konsulenza legali u assistenza legali, li jipprovdi professjonist legali indipendenti u kkwalifikat, jaħdem bħala salvagwardja addizzjonali fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni.

# 3. Ġestjoni tat-tuturi

Dan il-kapitlu jiddeskrivi s-sistema li għandha tkun fis-seħħ sabiex jiġu ġestiti u amministrati t-tuturi. Ikopri l-appoġġ u l-funzjoni ta' sorveljanza tal-entità inkarigata bil-ġestjoni tat-tuturi, u n-netwerk ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħrajn li għandu jiġi stabbilit. Il-gwida pprovduta f'din it-Taqsima hija applikabbli wkoll għal sistemi ta' rappreżentazzjoni legali għat-tfal.

## 3.1. L-awtorità ta' tutela

Il-liġi nazzjonali għandha tagħżel awtorità indipendenti responsabbli għat-tutela. Awtorità bħal din għandha tkun parti integrali mis-sistema nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal. Meta jinħolqu iktar minn awtorità ta' tutela waħda sabiex jaqdu bosta ħtiġijiet (pereżempju awtorità separata għal ċittadini ta' pajjiżi terzi), ilkoll għandhom ikunu partijiet integrali tas-sistema. L-awtorità għandha tkun parti mill-mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment ukoll għat-tfal vittmi tat-traffikar. L-awtorità responsabbli għat-tutela għandha tkun indipendenti, pereżempju minn awtoritajiet statali li jiddeċiedu dwar l-istatus residenzjali tal-minorenni, dwar it-tneħħija tal-minorenni mill-indukrar tal-ġenituri jew mit-tqegħid tal-minorenni f'indukrar alternattiv (ara wkoll it-Taqsima 2.4 dwar il-kunflitt ta' interess). Għandha tkun responsabbli u obbligata tagħti rendikont għall-atti tat-tuturi maħturin. Il-mandat u l-funzjonijiet tal-awtorità ta' tutela għandhom ikunu definiti biċ-ċar fil-leġiżlazzjoni domestika.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jallokaw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji lill-awtorità ta' tutela u jiżguraw finanzjament sostenibbli. Għandu jiġi allokat baġit suffiċjenti għal spejjeż marbutin ma' monitoraġġ u sorveljanza effettivi tas-servizzi ta' tutela kif ukoll attivitajiet ta' taħriġ meħtieġa, anki jekk dawn jitwettqu minn awtoritajiet oħrajn.

## 3.2. L-iżvilupp ta' linji gwida għat-tuturi

Wieħed mill-kompiti tal-awtorità ta' tutela huwa li tiżviluppa standards u tipprovdi gwida lil dawk li jaħdmu bħala tuturi. Il-linji gwida prattiċi kif ukoll il-proċeduri operazzjonali standard għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari għat-tliet azzjonijiet li ġejjin:

- il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali u r-riskji għall-protezzjoni ta' kull minorenni;
- il-valutazzjoni tal-ħila tal-ġenituri sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltà ta' ġenituri;
- is-sejbien tal-aħjar interessi tal-minorenni meta l-awtoritajiet kompetenti jsibu soluzzjoni dejjiema.

Il-linji gwida għandhom jiddefinixxu biċ-ċar lill-persuni responsabbli għat-twettiq tat-tali valutazzjonijiet, il-fatturi li jridu jitqiesu u kif dawn għandhom jiġu vvalutati, meta jsiru u kemm ikunu twal il-valutazzjonijiet, u r-rwoli tal-professjonisti differenti involuti. Għandhom jinkludu d-dritt tal-minorenni li jinstema' u li jara li l-fehmiet tiegħu jingħataw l-importanza xierqa.

> "L-Istati jridu jimplimentaw proċessi formali, b'salvagwardji proċedurali stretti, imfasslin sabiex jivvalutaw u jistabbilixxu l-aħjar interessi tal-minorenni għal deċiżjonijiet li jolqtu lill-minorenni, inklużi mekkaniżmi għall-evalwazzjoni tar-riżultalti. L-Istati jridu jiżviluppaw ukoll proċessi trasparenti u oġġettivi għad-deċiżjonijiet kollha meħudin mil-leġiżlaturi, l-imħallfni jew l-awtoritajiet amministrattivi, speċjalment f'oqsma li jaffettwaw lill-minorenni jew lit-tfal b'mod dirett".
>
> *Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013), paragrafu 87, 29 ta' Mejju 2013, CRC/C/GC/14*

Biex jirrispettaw l-istandards tal-kwalità, l-awtoritajiet ta' tutela għandhom iqisu wkoll l-iżvilupp ta' kodiċi tal-kondotta għat-tuturi u r-rappreżentanti legali. Il-kodiċi jiddefinixxi biċ-ċar l-istandards etiċi li t-tuturi u r-rappreżentanti legali jridu jilħqu matul il-ħidma tagħhom. Il-kodiċi tal-kondotta għat-tuturi għandhom jistabbilixxu regoli ċari dwar il-prinċipju ta' kunfidenzjalità.

L-awtoritajiet tat-tutela għandhom ikunu responsabbli mill-iżgurar li hemm mekkaniżmi effettivi fis-seħħ li jgħarrfu lit-tfal u lill-adulti l-oħrajn responsabbli għall-kura tagħhom jew involuti fiha, bħal assistenti soċjali u l-persunal ta' faċilitajiet ta' akkoljenza, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet tat-tutela.

## Informazzjoni faċli għat-tfal

Bħala prerekwiżit tad-dritt li jinstemgħu (**Artikolu 12, CRC**), l-awtorità tat-tutela għandha tiżgura li t-tfal jirċievu u jifhmu informazzjoni xierqa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġamenti ta' tutela, u s-servizzi disponibbli kollha li jistgħu jipprovdu assistenza u appoġġ. It-tfal għandhom ukoll jiġu informati b'mod adegwat dwar id-drittijiet tagħhom u l-possibbiltà li jilmentaw kull meta jħossu li t-tuturi tagħhom jabbużaw jew ixekklu d-drittijiet tagħhom.

> "Ħafna tfal ma kinux jafu bir-responsabbiltajiet kollha tat-tutur jew saħansitra jekk kellhomx wieħed jew min kien. Anki wħud mill-adulti li wieġbu — mhux it-tuturi nfushom — ma kinux ċerti mir-rwol tat-tutur; pereżempju, jekk dan kienx jinvolvi appoġġ legali biss jew hux assistenza soċjali wkoll."
>
> *Sors: FRA (2010),* Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, *Rapport komparattiv* (*Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report*), *disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf*

Għaldaqstant, l-awtoritajiet tat-tutela għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp ta' materjal informattiv faċli għat-tfal f'lingwi li t-tfal kapaċi jifhmu, u jipprovdu gwida dwar kif iqassmu t-tali materjali.

L-informazzjoni lit-tfal għandha tiġi pprovduta b'modi differenti, inkluż bil-fomm, bil-miktub, permezz tal-midja soċjali jew mod ieħor, kif xieraq (ara wkoll il-Kapitlu 7).

L-informazzjoni pprovduta lit-tfal għandha tkopri:

- il-funzjonijiet, id-drittijiet u d-dmirijiet tat-tutur;
- il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni u l-limiti tagħha kif ukoll l-aċċessibbiltà tat-tutur;
- ir-rwol, id-drittijiet u d-dmirijiet tar-rappreżentanti legali;
- il-mekkaniżmi individwali ta' lment disponibbli għal minorenni sabiex jirrapporta ksur tad-drittijiet tiegħu;
- id-drittijiet tal-minorenni, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lis-sitwazzjoni partikolari ta' kull minorenni individwali, fir-rigward tal-istatus ta' residenza, il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali, il-bżonn ta' appoġġ lill-vittma eċċ.;
- miżuri ta' assistenza u protezzjoni meħtieġa, u l-fornituri tas-servizzi eżistenti, skont is-sitwazzjoni partikolari tal-minorenni, inklużi l-linji ta' assistenza;
- bosta proċedimenti kriminali, amministrattivi u ċivili li l-minorenni jista' jkun involut ifhom, inkluż l-aċċess għal kumpens.

## 3.3. Koordinazzjoni u kooperazzjoni ma' aġenziji u awtoritajiet oħrajn

It-tutur irid iħares il-benesseri tal-minorenni u li tissokta l-kura meħtieġa. Madankollu, it-tuturi ma jistgħux jagħmlu l-istess xogħol li diġà jagħmlu atturi oħrajn. Il-funzjoni tat-tutur hija li jikkoordina iżda ma jiħux post l-azzjonijiet tal-assistenti soċjali fil-protezzjoni tat-tfal, l-awtoritajiet tal-assistenza soċjali jew il-persunal li jipprovdi l-indukrar tal-minorenni. It-tutur għandu jservi bħala l-persuna ta' referenza tal-minorenni u jaġixxi bħala ħolqa bejn il-minorenni u l-aġenziji speċjalisti, l-individwi u l-fornituri tas-servizzi.

It-tutur għandu jikkoordina l-bosta fornituri tas-servizzi u jiżgura li n-netwerk ta' servizzi li jsostnu l-funzjonijiet tal-minorenni jaħdem kif xieraq. L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi u jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-awtorità ta' tutela u l-awtoritajiet marbutin mat-tfal vittmi tat-traffikar. Dan huwa approċċ stipulat fid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE) u elaborat iktar fl-Istrateġija tal-UE, li tiddikjara li "politika koerenti u multidixxiplinari kontra

t-traffikar tal-bnedmin teħtieġ l-involviment ta’ grupp iktar diversifikat ta’ atturi minn qatt qabel”, bħall-awtoritajiet tal-migrazzjoni u l-pulizija, is-soċjetà ċivili u persunal konsulari u diplomatiku, is-servizzi ta’ appoġġ lill-vittma u t-tfal.

Il-protokolli u ftehimiet formali bejn l-awtorità ta’ tutela u entitajiet ikkonċernati oħrajn jistgħu jgħinu fit-tali kooperazzjoni. Jiċċaraw ukoll min huwa responsabbli minn kompitu partikolari u jiffaċilitaw is-sorveljanza, u b’hekk jippromwovu r-responsabbiltà.

Id-dettalji possibbli li għandhom jiddaħħlu fit-tali arranġamenti ta’ kooperazzjoni huma:

- dispożizzjonijiet ċari dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti kollha involuti fil-protezzjoni ta’ minorenni;
- gwida ċara dwar meta għandu jiġi kkuntattjat u/jew informat it-tutur, billi jithemżu d-dettalji ta’ kuntatt tal-awtorità ta’ tutela u ta’ entitajiet oħrajn li normalment jieħdu ħsieb il-vittmi;
- struzzjonijiet dwar kif tinforma lill-minorenni;
- struzzjonijiet dwar x’informazzjoni dwar il-minorenni tista’ jew ma tistax tiġi żvelata;
- mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni stabbiliti sabiex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet miftuħin u jiġu diskussi fehmiet fuq bażi regolari.

## Kooperazzjoni transnazzjonali

It-tfal jistgħu jkunu traffikati ġo pajjiżhom stess jew f’pajjiż transfruntier. Meta t-tfal ikunu traffikati f’pajjiż transfruntier, il-kooperazzjoni transnazzjonali ssir essenzjali sabiex l-awtoritajiet jixlu lit-traffikanti u anki għall-protezzjoni tal-vittmi. Għall-importanza tal-kooperazzjoni intra-UE u transnazzjonali, ara s-Sezzjoni 4 fl-introduzzjoni. It-tali kooperazzjoni hija meħtieġa, pereżempju, sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa ħalli jiġu stabbiliti l-aħjar interessi tal-minorenni meta titfittex u tiġi implimentata soluzzjoni dejjiema (ara wkoll il-Kapitolu 9).

L-awtorità ta’ tutela għandha tiffaċilita’ il-kooperazzjoni transnazzjonali mal-awtoritajiet rilevanti, kemm ġewwa l-Istati Membri tal-UE kif ukoll ma’ pajjiżi terzi, meta dan ikun meħtieġ fl-aħjar interessi tal-minorenni. Din il-kooperazzjoni ma għandhiex tkun limitata għal ċerti kategoriji ta’ tfal.

L-awtoritajiet ta’ tutela għandhom ikunu inklużi fil-qafas tal-mekkaniżmu stabbilit ta’ kooperazzjoni transnazzjonali, eż. b’rabta mal-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Filwaqt li jqisu l-ftehimiet qafas u ta' kooperazzjoni nazzjonali eżistenti, l-awtoritajiet ta' tutela għandhom jirrakkomandaw il-kooperazzjoni transnazzjonali sabiex jiżguraw protezzjoni effettiva tat-tfal u jissalvagwardjaw id-drittijiet tat-tfal.

## 3.4. Amministrazzjoni tal-każijiet

L-awtorità ta' tutela għandha tara li t-tuturi kapaċi **jimmaniġġjaw** lit-tfal kollha assenjati lilhom **b'mod effettiv**. Għandu jkollhom kuntatt spiss u jqattgħu biżżejjed żmien ma' kull minorenni, u jipprovdu lil kull wieħed bl-appoġġ xieraq.

Prattika promettenti

### Sejbien tat-tuturi permezz tal-magna tat-tiftix

Il-Finlandja għandha bażi ta' dejta ta' tuturi disponibbli li jistgħu jinħatru f'każijiet ta' protezzjoni tat-tfal. Il-magna tat-tiftix "Find-a-Guardian" tipprovdi aċċess faċli u minnufih għal tuturi li joperaw f'reġjuni differenti tal-pajjiż. Is-servizz li faċli jintuża jgħin lis-servizzi soċjali u l-uffiċċji tar-reġistru sabiex isibu tuturi li jipproteġu lit-tfal fir-reġun tagħhom. Il-persuni li ħadu sehem f'korsijiet ta' taħriġ għat-tuturi, jew dawk li diġà qed jaħdmu bħala tuturi, jistgħu jidħlu fir-reġistru. Il-bażi ta' dejta tiġi aġġornata kontinwament, u għalhekk aħjar tagħmel it-tiftixa mill-ġdid kull darba li teħtieġ tutur.

Il-magna tat-tiftix għat-tuturi nħolqot mill-proġett "Guardianship in Child Protection" (2005–2009), ikkoordinat minn Save the Children. Ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali ħadu sehem bħala msieħba.

*Sorsi: https://www.thl.fi/fi/julkaisut/sahkoiset-kasikirjat/sosiaaliportti; M. (2010),* Lastensuojelun edunvalvonta — lapsen oikeus osallisuuteen häntä koskevassa päätöksenteossa: Käsikirja lastensuojelun edunvalvonnasta*, Helsinki, Pelastakaa lapset ry, pp. 27–29*

Meta tieħu deċiżjonijiet dwar l-assenjament ta' każ, l-awtorità ta' tutela ma tistax tqis biss in-numru ta' każijiet iżda anki t-tip ta' każ u l-livell ta' appoġġ meħtieġ. L-istabbiliment ta' numru massimu definit ta' każijiet li jiġi assenjat lil tutur wieħed huwa mod kif tiżgura li l-volum ta' każijiet tat-tuturi jibqa' raġonevoli, biex b'hekk it-tuturi jkunu jistgħu jaqdu dmirijiethom b'mod effiċjenti bla ma jxekklu d-drittijiet tal-minorenni. B'dan il-mod, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni standards internazzjonali u nazzjonali li ġew żviluppati għall-ġestjoni tal-volum ta' każijiet f'dixxiplini professjonali oħrajn, bħall-assistenza soċjali.

Sabiex tiġi żgurata l-kwalità, in-numru massimu ta' każijiet assenjati għal kull tutur għandu jkun issorveljat u n-numru minimu ta' kuntatti mat-tfal jiġi rregolat, jew fuq bażi ta' kull ġimgħa jew fix-xahar. Madankollu, għandu jkun hemm flessibbiltà sabiex

jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet individwali ta' kull minorenni, li jistgħu jaffettwaw kemm ikun meħtieġ it-tali kuntatt.

L-aċċessibbiltà tat-tutur għandha tkun irregolata wkoll. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li t-tutur ikun fil-qrib u tevita milli jkollha tutur li jinsab 'il bogħod minn fejn jgħix il-minorenni. Għandha tiżgura wkoll li l-minorenni malajr ikun jista' jikkuntattja lit-tutur, b'mod partikolari f'emerġenzi, u tipprovdi lill-minorenni bid-dettalji ta' kuntatt tat-tutur. It-tuturi għandhom ikunu disponibbli wara l-ħinijiet tal-uffiċċju. L-awtorità għandha saħansitra tipprovdi lill-minorenni b'informazzjoni dwar kif għandu jaġixxi f'emerġenzi.

L-awtorità ta' tutela għandha żżomm rekords tat-tfal kollha riferiti lilha. Għandha żżomm il-fajls tal-każijiet individwali fuq kull minorenni li qed tieħu ħsieb. L-awtorità ta' tutela għandha tiżgura l-kunfidenzjalità ta' dawn ir-rekords, fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali u tal-UE applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Fost l-eżempji tat-tip ta' informazzjoni li tista' tkun inkluża f'fajls tal-każijiet individwali hemm:

- id-data li fiha l-minorenni ġie rriferit lis-servizz ta' tutela;
- id-data tal-ħatra, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tat-tutur, kif ukoll kull bidla fl-arranġamenti ta' tutela u r-raġunijiet warajha;
- l-istatus ta' residenza, l-arranġamenti ta' akkomodazzjoni tal-minorenni, eċċ.;
- l-identità u d-dejta personali tal-minorenni, inklużi kopji tad-dokumenti tal-identità tal-minorenni;
- il-bidliet kollha fl-arranġamenti ta' tutela, fl-akkomodazzjoni u/jew fl-istatus ta' residenza tal-minorenni;
- id-data u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-minorenni, min għamilha u liema atturi kienu involuti;
- il-pjan ta' kura individwali għall-minorenni kif ukoll kull aġġornament;
- l-informazzjoni medika rilevanti dwar il-minorenni;
- l-edukazzjoni tal-minorenni, inklużi rapporti dwar kif sejjer il-minorenni fl-iskola;
- dettalji u dokumentazzjoni rilevanti dwar proċedimenti kriminali, amministrattivi u/jew ċivili, inkluża informazzjoni marbuta mar-rappreżentazzjoni legali tal-minorenni;
- id-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet, il-valutazzjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet meħudin f'isem il-minorenni mit-tutur;
- is-seduti, il-laqgħat u kull interazzjoni oħra bejn il-minorenni u awtoritajiet u servizzi oħrajn (eż. awtoritajiet tal-migrazzjoni, servizzi ta' appoġġ lill-vittmi);

- l-interazzjoni bejn it-tutur u l-minorenni, inkluża d-data u l-post tal-laqgħat;
- kull avveniment sinifikanti li jaffettwa lill-minorenni;
- meta u għaliex ingħalaq il-fajl.

Jekk minorenni jkun nieqes, il-fajl għandu jinkludi informazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi magħrufin dwar l-għajbien. L-azzjonijiet meħudin mit-tutur u l-awtorità ta' tutela sabiex isibu lill-minorenni, inklużi r-rapporti lill-awtoritajiet tal-pulizija, għandhom jiddaħħlu fil-fajl ukoll. Il-fajls għandhom ikunu kompluti u aġġornati u għandhom isegwu lill-minorenni matul il-perjodu ta' tutela.

## 3.5. It-taħriġ

It-tuturi jrid ikollhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom. L-ewwel nett, dan jinkludi kompetenza fil-protezzjoni tat-tfal sabiex jiġi żgurat li jitħarsu l-aħjar interessi tat-tfal.

Minbarra kompetenza fil-protezzjoni tat-tfal, it-tuturi għandu jkollhom il-ħiliet sabiex jaħdmu direttament mat-tfal. Iridu jkunu jifhmu l-ħtiġijiet speċjali tat-tfal vittmi ta' abbuż u sfruttament kif ukoll ta' kwistjonijiet kulturali li jikkonċernaw lit-tfal fdati lilhom. It-tfal vittmi tat-traffikar huma f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli, kif rikonoxxut fid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar (2011/36/UE).

Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal saħaq li t-tuturi għandu jkollhom "il-kompetenza meħtieġa fil-kamp tal-indukrar tat-tfal, sabiex jiġi żgurat li jitħarsu l-interessi tal-minorenni u li l-ħtiġijiet legali, soċjali, tas-saħħa, psikoloġiċi, materjali u edukattivi tat-tfal huma koperti kif xieraq, fost l-oħrajn, mit-tutur li jaġixxi bħala ħolqa bejn il-minorenni u aġenziji speċjalisti/individwi eżistenti li jipprovdu l-indukrar kontinwu meħtieġ mill-minorenni".

*Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2005), Kumment Ġenerali Nru 6,* It-Trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u mifrudin barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom (*Treatment of unaccompanied and separated children outside their country of origin), l-1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://www.refworld.org/docid/42dd174b4.html.*

It-tuturi għandhom dmir li ma jkomplux jikkaġunaw ħsara lill-minorenni u li jiżguraw protezzjoni minn iktar abbuż u/jew vittimizzazzjoni ripetuta. Nuqqas ta' għarfien professjonali u ħiliet jista' jwassal għal żbalji mhux apposta, b'konsegwenzi serji għall-benesseri tat-tfal.

Tuturi mħarrġin kif suppost kapaċi jwettqu dmirijiethom b'mod effettiv u fil-ħin. Il-programmi ta' taħriġ jipprovdu lit-tuturi b'kompetenzi u impenn ikbar f'xogħolhom. L-awtoritajiet ta' tutela għandhom jiżguraw li tiġi offruta firxa ta' inizjattivi ta' taħriġ sabiex jinbnew il-kompetenzi u l-ħiliet jiġu allinjati ma' prattiki u għodod metodoloġiċi ġodda. Dan jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' sħubijiet ma' universitajiet, istituzzjonijiet edukattivi u entitajiet rilevanti oħrajn li jieħdu ħsieb

il-protezzjoni tat-tfal, li jistgħu jassistu fl-offerta ta’ taħriġ kif ukoll fl-iżvilupp ta’ materjali ta’ taħriġ.

## Obbligu ta’ taħriġ

Għaldaqstant, it-tuturi għandhom jirċievu t-taħriġ u l-appoġġ professjonali xieraq.

> Ftit Stati Membri biss joffru taħriġ ta’ induzzjoni għat-tuturi, mingħajr ma għamluh xi ħaġa ta’ bilfors.
>
> *FRA, 2014,* It-tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenrali lejn is-sistemi ta’ tutela fl-Unjoni Ewropea (Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union) *(pubblikazzjoni pendenti)*

L-awtoritajiet ta’ tutela għandhom jiżguraw li t-tuturi jingħataw **taħriġ ta’ induzzjoni** malli jinħatru u qabel ma jeżerċitaw kull dmir ta’ tutela. Għandu jkun hemm ukoll sistema li tiżgura li jiġi offrut **taħriġ ta’ tiġdid**. It-tuturi għandhom ikunu obbligati jattendu numru minimu ta’ sigħat ta’ taħriġ fis-sena, li huwa definit fuq il-bażi tal-ħtiġijiet. L-iżvilupp ta’ moduli ta’ taħriġ għat-tuturi huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat taħriġ effiċjenti u armonizzat tat-tuturi u sabiex jiġu stabbiliti u promossi l-istandards tal-kwalità.

It-taħriġ inizjali u l-edukazzjoni kontinwa tat-tuturi għandhom ikunu meħtieġa mil-liġi. L-awtorità ta’ tutela għandha tara li t-tuturi maħturin jirċievu taħriġ ta’ induzzjoni u kontinwu adegwat, kif meħtieġ mil-liġi tal-UE, sabiex iwettqu dmirijiethom b’mod effiċjenti.

## Ċertifikazzjoni

L-istati responsabbli u l-awtoritajiet ta’ tutela ma għandhomx jissottovalutaw il-potenzjal ta’ ħsara li jġib miegħu l-użu ta’ tuturi mhux ikkwalifikati. Il-kwalità tas-servizzi ta’ tutela u l-protezzjoni tat-tfal tista’ tkompli tiżdied billi t-tuturi jiġu ċċertifikati. Proċess ta’ ċertifikazzjoni jistabbilixxi l-kompetenzi ewlenin li jrid ikollu tutur. Jinkludi rekwiżiti ta’ kwalifika u taħirġ, jistabbilixxi standards għall-kondotta u jimponi konsegwenzi meta wieħed ma jissodisfax dawn l-istandards.

## Korsijiet ta’ taħriġ ġenerali

Tal-inqas, il-programmi ta’ taħriġ għat-tuturi għandhom ikopru kwistjonijiet ġenerali ta’ protezzjoni tat-tfal, bħal:

B'mod ġenerali, it-taħriġ tat-tuturi mhuwiex organizzat b'mod sistematiku jew konsistenti. Huma biss ftit l-Istati Membri li għamlu l-parteċipazzjoni tat-tuturi fl-attivitajiet ta' taħriġ obbligatorja.

*FRA, 2014,* Tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

- prinċipj u dispożizzjonijiet tas-CRC;
- tekniki xierqa fl-intervisti u l-konsulenzi;
- l-iżvilupp u l-psikoloġija tat-tfal;
- il-qafas legali (il-liġi ta' relevanza tal-UE u nazzjonali);
- kwistjonijiet marbutin mas-sessi u l-kultura inklużi s-sensittività kulturali u l-komunikazzjoni interkulturali.

Barra minn hekk, korsijiet ta' taħriġ ġenerali għat-tuturi għandhom jinkludu l-fatturi ta' riskju u l-istrateġiji ta' prevenzjoni marbutin mal-għajbien tat-tfal, l-informazzjoni dwar servizzi speċjalizzati disponibbli, l-għarfien dwar il-fatturi ta' riskju għat-traffikar tat-tfal u l-istrateġiji ta' identifikazzjoni u l-indikaturi użati sabiex jiġu identifikati t-tfal vittmi.

## Taħriġ speċjalizzat

Minbarra t-taħriġ ġenerali, it-tuturi għandhom ikunu kompetenti u/jew jirċievu taħriġ imfassal b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet u d-drittijiet ta' gruppi partikolari ta' tfal, bħal tfal mhux akkumpanjati, tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew tfal vittmi tat-traffikar.

Il-ħtieġa ta' taħriġ speċjalizzat u kontinwu għall-persunal u l-uffiċjali kollha li jidħlu f'kuntatt mal-vittmi, inklużi t-tuturi, hija indirizzata fid-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), **Artikolu 18** (1) u (3), li skont dan "L-Istati Membri għandhom jippromwovu **taħriġ regolari** għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma› vittmi u vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jittrattaw vittmi u vittmi potenzjali tal-ittraffikar tal-bnedmin".

Fl-Artikolu 14, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tobbliga lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri "sabiex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jappoġġjaw lill-vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin, fit-terminu qasir u għat-tul, fil-fejqan fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull vittma tifel jew tifla partikolari, u jitqiesu l-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għat-tfal." It-tuturi u l-uffiċjali kollha l-oħrajn li aktarx li jidħlu f'kuntatt mat-tfal vittmi tat-traffikar, u huma involuti fil-valutazzjonijiet

tal-ħtiġijiet u r-riskju li jistabbilixxu l-ħtiġijiet tagħhom għal protezzjoni u appoġġ (ara t-Taqsima 3.5), għandhom jingħataw taħriġ speċjali dwar kif isiru t-tali valutazzjonijiet. It-taħriġ għandu jagħmel użu estensiv mill-proċeduri operazzjonali standard għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali, il-valutazzjoni tar-riskju, il-valutazzjoni tal-ġenituri u d-determinazzjoni tal-aħjar interessi, kif ukoll kull gwida oħra żviluppata għat-tuturi.

> "Persuni assenjati dmirijiet ta’ tutela legali, kif ukoll kull persuna oħra inkarigata mis-salvagwardja tal-aħjar interessi tat-tfal, għandhom jingħataw taħriġ u appoġġ xierqa sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b’mod adegwat".
>
> *Sors: FRA (2010),* Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, *Rapport komprattiv* (*Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report*), *p. 12, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf*

L-Istati Membri tal-UE għandhom jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi programmi ta’ riċerka u edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri kontra t-traffikar (Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar, Premessa 6). Meta jiżviluppaw u jimplimentaw taħriġ ġenerali jew speċjalizzat dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet ta’ gruppi partikolari ta’ tfal (bħal tfal mhux akkumpanjati jew tfal vittmi tat-traffikar), l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta’ tutela b’mod partikolari, għandhom jikkooperaw mal-NGOs u entitajiet pubbliċi u privati oħrajn li joperaw fil-qasam jew li żviluppaw servizzi speċjalizzati għat-tfal inġenerali u għal gruppi partikolari. L-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkunsidraw jikkooperaw mal-NGOs sabiex jiżviluppaw moduli ta’ taħriġ u jipprovdu attivitajiet ta’ taħriġ.

> L-Istati Membri tal-UE jvarjaw b’mod konsiderevoli f’dak li joffru bħala taħriġ speċjalizzat jew avvanzat għat-tuturi, b’enfasi fuq il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet ta’ gruppi partikolari ta’ tfal, bħal tfal vittmi tat-traffikar jew tfal mhux akkumpanjati. Ħafna mill-Istati Membri ma joffrux it-tali taħriġ affattu filwaqt li oħrajn ma jagħmlux dan b’mod sistematiku.
>
> *FRA, 2014,* Tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta’ tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

Sabiex jipprovdu appoġġ ottimali għat-tfal vittmi tat-traffikar, it-tuturi li jaħdmu magħhom għandhom jitħarrġu u jkollhom għarfien suffiċjenti wkoll dwar:

- il-kultura ta’ u l-kundizzjonijiet attwali fil-pajjiż ta’ oriġini tat-tfal, inkluż kif jużaw bażijiet ta’ dejta dwar informazzjoni fuq il-pajjiż ta’ oriġini (*country-of-origin information* — COI) żviluppati għall-ipproċessar tal-ażil, bħad-www.refworld.org tal-UNHCR; id-www.ecoi.net tal-Austrian Red Cross; jew il-portal tas-COI tal-EASO;

- il-vulnerabbiltajiet partikolari (eż. dipendenza fuq sustanza) u ħtiġijiet psikoloġiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar;
- il-ħtiġijiet mediċi speċjali possibbli (eż. tfal f'riskju ta' mard li jittieħed sesswalment jew vittmi tqal);
- ir-raġunijiet u l-fatturi ta' riskju speċifiċi għall-minorenni marbutin mat-traffikar, flimkien ma' tipi u setturi differenti ta' sfruttar tal-vittmi tfal, pereżempju fl-industrija tas-sess, tat-tallaba jew reati żgħar;
- il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tat-tfal vittmi tat-traffikar, inklużi vittmi f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli, bħal dawk abbużati sesswalment u sfruttati jew dawk li ġew traffikati bil-kompliċità tal-ġenituri tagħhom jew persuni oħrajn li kienu jafdaw;
- kwistjonijiet marbutin mas-sessi relatati mal-vittmi tfal (fatturi ta' riskju, tipi u setturi ta' sfruttament marbutin mas-sessi tal-vittma) u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;
- kwistjonijiet marbutin mal-istatus ta' immigrant tal-vittmi tfal u drittijiethom (perjodu ta' riflessjoni, intitolamenti għal permessi ta' residenza, ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali eċċ.);
- informazzjoni bbażata fuq ir-riċerka hekk kif il-qasam jiġi żviluppat.

## Attivitajiet ta' taħriġ flimkien ma' aġenziji rilevanti oħrajn

### Prattika promettenti

#### Tuturi ta' appoġġ u superviżjoni

Belgian Red Cross-Flanders żviluppaw proġett għat-tħarriġ ta' tuturi maħturin ġodda mingħajr esperjenza. Għall-proġett, it-tuturi jiltaqgħu b'mod regolari sabiex jiddiskuti bosta aspetti tat-tutela u jaqsmu ideat, għarfien u esperjenzi. Bejn laqgħa u oħra, jistgħu jagħmlu mistoqsijiet bil-posta elettronika jew jiddiskutu każijiet speċifiċi ras imb ras. Min iħarreġ jista' jiggwidahom, jipprovdi informazzjoni meta jkun hemm bżonn u jgħinhom fil-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom ma' korpi uffiċjali.

Il-proġett primarjament jindirizza l-bżonn ta' individwi, voluntiera u tuturi indipendenti li għandhom nuqqas ta' appoġġ u superviżjoni sistematiċi, billi jipprovdilhom forum strutturat sabiex jiffaċilitalhom il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni. Fl-aħħar, jgħinhom ikampaw aħjar fid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.

Belgian Red Cross-Flanders kien ilhom fuq il-proġett bi sħubija mad-Dipartiment tal-Kustodja tal-Ministeru tal-Ġustizzja mill-2011.

*Sors: Belgian Red Cross-Flanders (2012),* Rapport Annwali 2012*, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://jaarverslag.rodekruis.be/content/jvs10/2012/Annualreport2012.pdf*

It-tuturi għandhom ikunu involuti wkoll f’**attivitajiet ta’ taħriġ komuni** li jimmiraw medda usa’ ta’ uffiċjali u professjonisti li jidħlu f’kuntatt mal-vittmi tfal u tfal f’riskju li jiġu ttraffikati. It-tali attivitajiet ta’ taħriġ kondiviżi jew multidixxiplinari jistgħu jrawmu fehim komuni ta’ kunċetti u kwistjonijiet marbutin mat-tfal vittmi tat-traffikar, u b’hekk iħaffu u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti.

L-attivitajiet ta’ taħriġ jistgħu jinkludu, pereżempju, żjarat ta’ studju jew skambju ta’ prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet ta’ tutela fi Stati Membri oħrajn tal-UE. It-tali attivitajiet ta’ taħriġ jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transnazzjonali.

## 3.6. Appoġġ għat-tuturi

L-awtoritajiet ta’ tutela għandhom jipprovdu lit-tuturi direttament b’aċċess għal servizzi ta’ appoġġ jew iħaffulhom l-aċċess meta jkun hemm atturi oħrajn li jipprovdu s-servizzi.

Bħala prattika tajba, it-tuturi għandu jkollhom aċċess għal grupp multidixxiplinari ta’ professjonisti sabiex ifittex kompetenza, pariri u assistenza meta jwettqu d-dmirijiet ta’ tutela tagħhom.

Importanti li t-tuturi jkollhom aċċess għal pariri legali u konsulenza pprovduti minn avukati esperti u/jew professjonisti legali kkwalifikati oħrajn, sabiex ikunu informati b’mod adegwat dwar kwistjonijiet legali relatati ma’ proċeduri amministrattivi u kriminali li fihom jistgħu jkunu involuti l-vittmi tfal (eż. applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew permess ta’ residenza temporanju, proċedimenti kriminali kontra t-traffikant, talbiet ta’ kumpens).

Meta jkun hemm bżonn, għandhom jiġu pprovduti interpreti professjonisti li jħaffu l-komunikazzjoni regolari bejn it-tfal u t-tutur jew rappreżentant ieħor.

It-tuturi għandhom jirċievu superviżjoni professjonali u appoġġ psikosoċjali sistematiċi sabiex jevitaw “burnout” psikoloġiku u jiżguraw li tinżamm il-kwalità f’xogħolhom. Is-superviżjoni tgħin lit-tuturi jiksbu għarfien u jibnu l-ħiliet li jeħtieġu biex iwettqu xogħolhom b’mod iktar effettiv u effiċjenti.

It-tuturi jistgħu jaħdmu biss fi ħdan il-limiti tas-sistemi ta’ protezzjoni tat-tfal u l-qafas normattiv li joperaw fih. It-tuturi għandhom ikunu jafu l-limiti tal-kompetenza tagħhom, inkluż minn perspettiva emozzjonali.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża r-remunerazzjoni u n-numru ta’ każijiet assenjati lil kull tutur (ara wkoll it-Taqsima 3.4.), għandhom ikunu tali li jiksbu l-aqwa motivazzjoni,

sodisfazzjoni fuq ix-xogħol u kontinwità, u b'hekk ir-rieda tat-tuturi sabiex jaqdu r-rwoli tagħhom bl-iktar mod xieraq u effettiv.

> "L-eżerċizzju tal-kustodja u funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni oħrajn għandu jiġi ssorveljat permezz ta' valutazzjonijiet regolari u indipendenti, minn awtoritajiet ġudizzjarji, pereżempju".
>
> *Sors: FRA (2010),* Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, *Rapport komparattiv (Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report), p. 12, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf*

## 3.7. Mekkaniżmi ta' analiżi u sorveljanza

### Prattika promettenti

### Iffaċilitar tal-parteċipazzjoni effettiva tat-tfal

Il-parteċipazzjoni effettiva tat-tfal hija salvagwardja tal-kwalità ferm importanti għal sistema ta' tutela. Fin-Netherlands, NIDOS għandha l-għan li tippromwovi u tiffaċilita' il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-servizzi ta' tutela.

It-tfal jingħataw l-opportunità li jesprimu fehemthom b'modi differenti.

- Jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom u jesprimu fehemthom f'laqgħat u fi stħarriġijiet dwar il-benesseri tagħhom, organizzati kull sena mill-awtorità ta' tutela.
- Fi tmiem il-perjodu tat-tutela, jimlew formola ta' evalwazzjoni dwar kif mar it-tutur tagħhom u l-implimentazzjoni tal-pjan individwali tagħhom.
- Ikollhom l-opportunità li jilmentaw fuq it-tuturi tagħhom jekk jinkisru drittijiethom jew iħossu li ma ġewx issodisfati l-ħtiġijiet tagħhom. L-istituzzjonijiet ta' tutela huma obbligati bil-liġi li jistabbilixxu proċedura indipendenti għall-ilmenti. Kummissjoni dwar l-ilmenti tkun imsawra minn tal-inqas tliet persuni indipendenti li mhumiex impjegati tal-organizzazzjoni stess.

Sabiex tiżgura li t-tfal ikunu informati b'mod adegwat u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tat-tfal, l-awtorità ta' tutela żviluppat folder ta' introduzzjoni li fih l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-tutela, inkluż dwar il-proċedura ta' lment. L-informazzjoni hija pprovduta fil-lingwi nazzjonali tat-tfal.

*Sorsi: In-Netherlands, L-Att dwar l-Indukrar taż-Żgħażagħ (Wet op de jeugdzorg), Artikolu 68; Nidos (2012),* Rapport Annwali 2011 (*Jaarverslag 2011*), *Utrecht, Nidos;* Ċentru tal-Għarfien dwar l-Innoazzjoni Soċjali (*Kenniscentrum sociale innovatie*) *(2013),* Minorenni li jfittxu l-ażil u t-tuturi tagħhom (*Minderjarige asielzoekers en hun voogd*), *disponibbli bl-Olandiż fuq: www.innovatieve-maatschappelijkedienstverlening.nl/Content.aspx?PGID=4a912568-1d54-4bba-a9a4-70892bf40340*

L-awtoritajiet ta’ tutela għandhom jiddefinixxu d-dmirijiet ta’ rapportar u l-kriterji ta’ monitoraġġ. Għandhom jistabbilixxu l-miżuri li jridu jittieħdu f’każ li t-tuturi ma jikkonformawx ma’ dmirijiethom, inkluża d-definizzjoni ta’ miżuri dixxiplinari effettivi u ċ-ċirkustanzi li fihom dawn iridu jiġu applikati.

Mekkaniżmi ta’ analiżi u sorveljanza jservu skopijiet paralleli iżda differenti. Huma meħtieġa għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi ta’ tutela. B’mod indirett, jgħinu sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal jingħataw kunsiderazzjoni primarja matul il-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. Jaqdu funzjoni ta’ prevenzjoni importanti wkoll, billi jnaqqsu r-riskju ta’ abbuż u ksur tad-drittijiet tat-tfal.

Minħabba l-importanza tagħhom, il-mekkaniżmi ta’ monitoraġġ u sorveljanza għandhom ikunu stipulati b’mod espliċitu fil-liġi nazzjonali. L-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ma għandhomx ikunu limitati għal kwistjonijiet finanzjarji u ta’ ġestjoni tal-każijiet iżda għandhom ikunu estensivi u sinifikanti, billi jkopru kwistjonijiet ta’ kwalità tas-servizzi u l-livell ta’ protezzjoni offrut lit-tfal. Il-monitoraġġ ma għandux ikun limitat għal mekkaniżmi interni — bħad-dmirijiet ta’ rapportar — iżda għandu jinkludi anki evalwazzjonijiet indipendenti regolari mwettqin minn atturi esterni.

## Parteċipazzjoni tat-tfal

Il-mekkaniżmi ta’ monitoraġġ effettivi jeħtieġu li jiġi rrispettat id-dritt tal-minorenni li jinstema’. Id-drittijiet tal-minorenni li jinstema’ għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ, u l-fehmiet u l-opinjonijiet tat-tfal dejjem għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-età, il-maturità u l-kapaċitajiet ta’ żviluppar, kif meħtieġ mill-**Artikolu 12 tas-CRC**.

Għaldaqstant, it-tfal iridu jkunu informati dwar l-arranġamenti ta’ tutela u rappreżentazzjoni legali, id-dritt tagħhom li jinstemgħu u li l-fehmiet tagħhom jingħataw l-importanza dovuta. L-informazzjoni trid tkun adegwata u pprovduta b’mod li t-tfal jifhmuh faċilment.

It-tfal għandhom jitħeġġu u jitħallew jieħdu sehem u jikkontribwixxu fil-monitoraġġ tas-sistemi ta’ tutela.

## Mekkaniżmi ta’ lment individwali

Il-mekkaniżmi ta’ lment individwali jridu jkunu aċċessibbli għat-tfal. It-tfal għandhom ikunu informati, b’mod li jifhmuh faċilment u f’lingwa li jifhmu, dwar l-individwi jew l-organizzazzjonijiet li magħhom jistgħu jilmentaw kontra t-tuturi tagħhom, b’mod kunfidenzjali u sikur, inkluż permezz ta’ linji tat-telefon tal-assistenza. Għandu jkun

hemm proċeduri affidabbli fis-seħħ li jiżguraw li t-tfal li jużaw mekkaniżmi ta' lment u proċeduri ta' rapportar ma jkunux esposti għal ritaljazzjoni.

> Fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, ma hemm fis-seħħ ebda mekkaniżmu jew provvediment partikolari għall-preżentazzjoni ta' lmenti kontra t-tuturi. Fejn jeżistu, il-mekkaniżmi ta' lment indiviwali mhumiex żviluppati biżżejjed u spiss mhumiex aċċessibbli għat-tfal.
>
> *FRA, 2014,* Tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

Minħabba numru dejjem ikbar ta' tfal li jisfaw neqsin minn faċilitajiet ta' kura residenzjali, il-mekkaniżmi ta' analiżi u sorveljanza għandhom jissorveljaw ir-rata ta' għajbien tat-tfal taħt it-tutela, inklużi tfal mhux akkumpanjati u tfal preżunti jew identifikati bħala vittmi tat-traffikar. Evalwazzjoni profonda u valutazzjoni tal-kwalità tal-proċeduri ta' ħatra u s-servizzi ta' tutela jkunu qed jindirizzaw b'mod iktar effiċjenti l-problema ta' tfal neqsin, peress li sistema ta' tutela effettiva tista' tikkontrbiwixxi sabiex tissolva l-kwistjoni ta' tfal li jisfaw neqsin jew li huma f'riskju li jispiċċaw neqsin.

### Reviżjonijiet regolari tat-tutela

Id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' tuturi huma bbażati fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali ta' kull minorenni (ara wkoll it-Taqsima 4.1).L-awtorità ta' tutela għandha tirrevedi kull arranġament ta' tutela individwali kull ċertu żmien, tal-inqas darba fis-sena. Ir-reviżjonijiet tal-arranġamenti tat-tutela jridu jiġu dokumentati. Il-fehmiet tat-tfal iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'kull valutazzjoni bħal din.

# 4. L-assenjazzjoni ta' tutur għal minorenni

> "Ebda minorenni ma għandu jitħalla mingħajr l-appoġġ u l-protezzjoni ta' kustodju jew adult responsabbli jew korp pubbliku kompetenti rikonoxxut ieħor f'xi ħin".
>
> *Sors: L-Assemblea Ġenerali tan-NU, Riżoluzzjoni 64/142,* Linji gwida għall-indukrar alternattiv tat-tfal (*Guidelines for the alternative care of children*), *24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142, paragrafu 19*

Dan il-kapitlu fih gwida dwar il-proċedura għall-ħatra ta' tutur għat-tfal individwali. Jisħaq fuq l-importanza ta' ħatra fil-ħin. Barra minn hekk, jindirizza d-dewmien tat-tutela u x'appoġġ għandu jiġi pprovdut meta t-tfal jilħqu t-18-il sena.

## 4.1. Meta għandu jinħatar tutur?

Prattika promettenti

### L-iżgurar ta’ ħatra minnufih tat-tuturi

Skont il-programm NIDOS tan-Netherlands, l-ewwel kuntatt bejn in-NIDOS u l-minorenni mhux akkumpanjat irid iseħħ dakinhar malli jasal fiċ-ċentru ta’ applikazzjoni. Minn dak il-ħin, in-NIDOS taqdi r-rwol ta’ tutur u titlob lill-qorti sabiex taħtarha ħalli taġixxi bħala tutur sakemm il-qorti taħtar tutur speċifiku għall-minorenni. Sabiex tiffaċilita’ il-ħatra minnufiha ta’ tutur, NIDOS iffirmat memorandum ta’ qbil mas-servizzi tal-migrazzjoni sabiex tiżgura li NIDOS tkun tista’ tiġi kkuntattjata minnufih meta s-servizzi jidentifikaw minorenni mhux akkumpanjat.

Tim speċjali ta’ tuturi tan-NIDOS jopera fiċ-Ċentru ta’ Applikazzjoni ta’ Ter Apel u fl-Ajruport Schiphol ta’ Amsterdam. Wara t-teħid inizjali tal-minorenni mill-unità taċ-ċittadini barranin tal-pulizija, il-minorenni jiġi intervistat mit-tuturi tan-NIDOS, li jippruvaw isibu jekk il-minorenni huwiex vittma tat-traffikar. Jekk isibu li hekk hu, il-minorenni jiġi ttrasferit f’faċilità ta’ akkoljenza protetta għat-tfal traffikati.

*Sorsi: In-Netherlands, Ordni Eżekuttiv tal-Att dwar l-Indukrar tal-Minorenni (Uitvoeringsbesluit Wet op de Jeugdzorg), Artikolu 44; Kromhout, M. H. C. u Liefaard, A. (2010),* Bejn kontroll u gwida: Evalwazzjoni tal-pilota “UMAs f’Riskju f’Akkoljenza Protetta” (*Tussen beheersing en begeleiding. Een evaluatie van de pilot ‘beschermde opvang risico-AMV’s’*), *L-Aja, Ċentru għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni Xjentifika (Wetenschappelijk Onderzoek- en Documentatiecentrum, WODC).*

Il-ħatra minnufiha ta’ tutur hija salvagwardja importanti għad-drittijiet u l-benesseri ġenerali tal-minorenni, il-protezzjoni ta’ tfal mhux akkumpanjati u l-prevenzjoni tat-traffikar tat-tfal u forom oħrajn ta’ abbuż u sfruttament tat-tfal.

Irid jinħatar tutur malli l-awtoritajiet jidentifikaw lil minorenni bħala vittma possibbli tat-traffikar, meta dan ikun meħtieġ biex jissalvagwardja l-aħjar interessi u l-benesseri tat-tfal (Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), **Artikolu 14 (2)**). B’hekk, il-liġi domestika għandha tistipula li jiġi assenjat tutur malli dan ikun possibbli. Fil-prattika, huwa possibbli li tfal mhux akkumpanjati diġà jkollhom tutur, minħabba l-istatus tagħhom bħala mhux akkumpanjati, qabel ma jkunu ġew identifikati bħala vittmi tat-traffikar.

Il-ħatra fil-ħin tat-tuturi għal vittmi preżunti tat-traffikar jew għal tfal mhux akkumpanjati f’riskju ta’ sfruttament u abbuż huwa anki f’konformità mal-**Konvenzjoni tal-Aja tal-1996** dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal

(*1996 Hague Convention on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in Respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children*) li jagħmlu parti minnha ħafna mill-Istati Membri tal-UE. L-Artikolu 5 tal-konvenzjoni jistipula r-regola ġenerali li skont din l-awtoritajiet tal-istat ta' *residenza abitwali* tal-minorenni għandhom ġurisdizzjoni li jaħtru tutur. Għal tfal rifuġjati u tfal li r-residenza abitwali tagħhom ma tistax tiġi stabbilita, l-istat fejn ikun preżenti l-minorenni jkollu l-ġurisdizzjoni (**l-Artikolu 6** u anki **l-Artikolu 13** tar-Regolament Brussell II, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2201/2003). Anki meta stat ma jkollux ġurisdizzjoni, xorta waħda jista' jieħu miżura urġenti u provviżorja (**l-Artikoli 11 u 12** tal-**Konvenzjoni tal-Aja tal-1996**). **L-Artikolu 20** tar-Regolament Brussell II (li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2201/2003) jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jittieħdu miżuri provviżorji, anki protettivi, f'każijiet urġenti fir-rigward ta' persuni jew proprjetà li jinsabu f'dak l-istat. L-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jużaw dawn id-dispożizzjonijiet sabiex jaħtru tutur anki jekk ma tkunx għadha ġiet stabbilita r-residenza abitwali, kull meta l-awtoritajiet jieħdu azzjonijiet li aktarx ixekklu l-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjat.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu limitu ta' żmien għall-ħatra ta' tutur, mill-mument li jiġi identifikat minorenni mhux akkumpanjat.

> Il-manwal prattiku dwar it-tħaddim tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 jissuġġerixxi li approċċ utli sabiex l-awtoritajiet jistabbilixxu jekk sitwazzjoni partikolari hijiex "urġenti" jista' jkun li jqisu jekk hux probabbli li l-minorenni jsofru ħsara irreparabbli jew li jkollu l-protezzjoni jew l-interessi tiegħu mxekklin jekk ma tittiħidx miżura li tipproteġih.
>
> *Sors: L-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (Mejju 2011),* (Abbozz rivedut tal-manwal prattiku dwar kif titħaddem il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal (*Revised draft practical handbook on the operation of the Convention of 19 October 1996 on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in Respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children*), *Kapitolu 6.2*

## 4.2. X'inhi l-aħjar proċedura għall-assenjazzjoni ta' tutur għal minorenni?

L-istadji proċedurali ewlenin sabiex jiġi assenjat tutur għandhom ikunu l-istess għat-tfal kollha, anki meta jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' tutela differenti għaċ-ċittadini tal-UE u għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jekk it-tuturi jiġu assenjati f'livell reġjonali jew lokali, l-istess salvagwardji għandhom japplikaw jinsabu fejn jinsabu. Dan ifisser, pereżempju, li ż-żmien meħtieġ sabiex jiġi assenjat tutur ma għandux ivarja wisq bejn reġjuni jew lokalitajiet.

Fid-dawl ta' kemm-il darba t-tfal jisfaw neqsin mill-kustodja, għandhom isiru iktar sforzi sabiex jevitaw l-għajbien qabel ma jinħatar it-tutur u/jew jiltaqa' għall-ewwel darba mal-minorenni.

Rigward il-proċedura sabiex jiġi assenjat tutur, trid issir distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet differenti.

- Il-minorenni mhuwiex akkumpanjat jew huwa mifrud mill-ġenituri tiegħu. F'dawn il-każijiet, l-assenjament ta' tutur jista' jsir minnufih.
- Hemm kunflitt ta' interess bejn dawk li għandhom ir-responsabbiltà bħala ġenituri u l-vittma minorenni; konsegwentement, huma preklużi milli jiżguraw l-aħjar interessi tal-minorenni u/jew milli jirrappreżentawh. F'dan il-każ, għandu jiġi assenjat tutur temporanju jew rappreżentant legali, jekk jitqies li hemm bżonnu mill-korp li, skont il-liġi nazzjonali, huwa dak responsabbli sabiex jagħmel valutazzjoni tal-ġenituri u valutazzjoni tar-riskju sabiex jiddeċiedi dwar il-firda ta' minorenni mill-ġenituri tiegħu, jekk il-firda tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Fil-prinċipju, minorenni li jinsab mal-ġenituri jew l-indukratur primarju tiegħu ma jeħtieġx tutela. Il-ġenituri jieħdu ħsieb il-benesseri tal-minorenni. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom il-ġenituri kienu involuti fit-traffikar tal-minorenni, għandhom kunflitt ta' interessi mal-minorenni jew ikunu preklużi b'xi mod ieħor milli jiżguraw l-aħjar interessi tal-minorenni (Id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, Artikolu 14 (2)). Meta l-awtoritajiet ikollhom għalxiex jemmnu li, fuq il-bażi ta' valutazzjoni inizjali tar-riskju u taċ-ċirkustanzi individwali tal-każ, il-ġenituri jew indukraturi primarji oħrajn jistgħu jkunu involuti fit-traffikar tal-minorenni, iridu jixtarru bir-reqqa l-adegwatezza tagħhom sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minorenni.

Il-firda mill-ġenituri tista' tkun ksur serju tad-drittijiet ta' minorenni u jista' jkollha konsegwenzi psikoloġiċi u soċjali dejjiema. Skont l-**Artikolu 9** tas-**CRC**, it-tfal ma għandhomx jinfirdu mill-ġenituri tagħhom kontra r-rieda tagħhom, sakemm dan ma jkunx meħtieġ fl-aħjar interessi tal-minorenni, bħal fil-każijiet ta' abbuż u negliġenza tal-ġenituri. **L-Artikolu 8** tal-**KEDB**, kif interpretat mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jindika l-istess direzzjoni. It-tali firda tista' ssir biss minn awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti skont il-liġi u l-proċeduri applikabbli, u trid tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Salvagwardji proċedurali u sostanzjali stabbiliti mil-liġi nazzjonali għandhom ikunu ta› applikazzjoni, irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-minorenni.

Jekk it-tfal ikunu vittmi tat-traffikar, l-adulti li jakkumpanjaw lill-minorenni, li jistgħu jidhru li huma ġenituri jew indukraturi, jistgħu minflok jkunu parti minn netwerks tat-traffikar li jisfruttaw lill-minorenni. Meta jkun hemm dubju fuq l-identità tal-adulti li jakkumpanjaw lit-tfal, u fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni xierqa, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jeżaminaw u jixtarru r-relazzjoni tagħhom mat-tfal bir-reqqa. L-awtoritajiet għandhom jiżviluppaw proċeduri standardizzati għall-verifika tal-parentela u r-relazzjonijiet familjari. It-tali valutazzjonijiet għandhom isiru minn professjonisti kkwalifikati.

Is-salvagwardji ewlenin li ġejjin għandhom jiġu applikati meta tiġi stabbilita l-ħtieġa li jinħatar tutur, billi tiġi segwita l-proċedura ta' rapportar u riferiment fis-seħħ u wara l-identifikazzjoni ta' minorenni li jeħtieġ protezzjoni. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' individwu tas-sitwazzjoni familjari tal-minorenni trid issir malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jingħata kont għat-tali kunsiderazzjonijiet (ara wkoll il-Kapitlu 5).

- Il-kapaċità tal-ġenituri li jieħdu ħsieb u jirrappreżentaw l-interessi tal-minorenni għandha tiġi vvalutata meta l-awtorità kompetenti jkollha raġuni valida għaliex temmen li l-ġenituri kienu involuti fl-isfruttament jew it-traffikar tal-minorenni u meta l-benesseri tal-minorenni jkun f'riskju.
- Il-valutazzjoni għandha ssir minn professjonisti kkwalifikati kif xieraq f'isem l-awtorità responsabbli.
- Il-valutazzjoni għandha ssir minn tim professjonali li ġej minn bosta dixxiplini u mhux minn professjonist wieħed.
- Il-minorenni għandu jiġi informat dwar il-proċeduri u kkonsultat matulhom skont l-età, il-maturità u l-kapaċitajiet ta' żviluppar tiegħu.
- L-istadji kollha tal-proċedura jridu jiġu dokumentati.
- Il-proċeduri għandhom jirrispettaw il-liġijiet applikabbli u, meta rilevanti, il-ġenituri għandhom jiġu informati dwar il-proċedura u d-dritt tagħhom għal rappreżentant legali.

## Żmien tal-ħatra

Meta jiġi stabbilit il-bżonn ta' ħatra ta' tutur, għandu jiġi assenjat tutur lill-minorenni malajr kemm jista' jkun, u sa limitu ta' żmien massimu li għandu jiġi stabbilit bil-liġi (Tabella 3). Id-deċiżjoni ta' ħatra għandha tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

Meta jinħatar tutur, il-minorenni għandhom jingħataw l-opportunità li jinstemgħu, u għandha tingħata l-importanza xierqa għall-fehmiet tagħhom.

**Tabella 3: Sorsi legali internazzjonali u Ewropej dwar iż-żmien li sa dan għandu jinħatar tutur**

| Informazzjoni Strument | Terminoloġija | Il-ħatra għandha ssir malajr kemm jista' jkun wara li jiġi identifikat il-minorenni |
|---|---|---|
| **Strumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa** | | |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 | Tutur /rappreżentant legali | Paragrafu 33 "Malajr kemm jista' jkun","Mill-ewwel" (Paragrafi 21 u 24) |
| Il-linji gwida tan-NU dwar l-indukrar alternattiv A/HRC/11/L.13 | Kustodju/ Adult responsabbli rikonoxxut | Paragrafu 18 |
| Il-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin | Kustodju | Artikolu 10 (4) |
| Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) | Tutur u/jew rappreżentant | Artikolu 14 |
| **Strumenti tal-Unjoni Ewropea** | | |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE) | Rappreżentant | Artikolu 24 (1) |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri ta' Ażil (2013/32/UE) | Rappreżentant | Artikolu 25 (1) (a) |
| Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) | Kustodju/ rappreżentant | Artikolu 31 (1) (Malajr kemm jista' jkun wara li tingħata protezzjoni internazzjonali) |
| Ir-Regolament ta' Dublin (UE) Nru 604/2013 | Rappreżentant | Artikolu 6 (2) |
| Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) | Tutur Rappreżentant speċjali/legali | – |
| Id-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) | Rappreżentant speċjali/legali | – |

Prattika promettenti

## L-iżvilupp ta’ hotlines għall-protezzjoni tat-tfal

L-Awtorità tar-Repubblika Ċeka għall-Protezzjoni Legali Soċjali u Legali tat-Tfal, l-awtorità tat-tutela tal-pajjiż, waqqfet *hotline* telefonika sabiex tkun tista’ tiġi kkuntattjata wara l-ħinijiet tax-xogħol.

F’każijiet li jinvolvu tfal vittmi tat-traffikar, l-awtoritajiet tal-pulizija huma meħtieġa jkollhom tutur jew impjegat tal-awtorità preżenti meta jintervistaw lil minorenni. F’dawn il-każijiet, l-impjegati tal-awtorità jaqdu l-funzjoni ta’ tutur b’mod awtomatiku sakemm qorti tassenja din il-kariga b’mod uffiċjali.

*Sors: Ir-Repubblika Ċeka, Il-Ministeru tal-Intern* (Ministerstvo vnitra České republiky) *(2011),* It-traffikar tat-tfal: Rakkomandazzjonijiet għall-metodi tal-awtoritajiet pubbliċi (*Obchodování s dětmi – doporučení pro postup orgánů veřejné správy),* Praga, *Odbor bezpečnostní politiky, disponibbli biċ-Ċek fuq: www.mvcr.cz/clanek/boj-proti-obchodovani-s-detmi.aspx*

Meta, għal raġunijiet prattiċi, ma jkunx jista’ jiġi assenjat malajr tutur permanenti lil minorenni, għandha tiġi żgurata l-ħatra ta’ persuna li twettaq id-dmirijiet tat-tutur b’mod temporanju.

Dan jista’ jkun il-każ, pereżempju, meta l-età ta’ minorenni mingħajr dokumenti – u għalhekk il-bżonn ta’ tutur – ma tkunx ċerta u l-awtoritajiet ikunu qed jagħmlu valutazzjoni tal-età. Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tistipula b’mod espliċitu li meta l-età ta’ persuna suġġetta għat-traffikar ma tkunx ċerta, u jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li l-persuna fil-fatt hija minorenni, dik il-persuna għandha titqies li hija minorenni u tingħata assistenza, appoġġ u protezzjoni immedjati (Premessa 22). F’sitwazzjoni bħal din, għandu jinħatar tutur jew tutur temporanju (ara wkoll it-Taqsima 10.1. dwar il-valutazzjoni tal-età).

Fil-prinċipju, ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni li taffettwa lill-minorenni qabel ma jinħatar tutur, ħlief għal miżuri immedjati meħtieġa sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-minorenni u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tiegħu. B’mod partikolari, għandhom jiddaħħlu miżuri protettivi sabiex jiġi evitat l-għajbien tal-minorenni waqt li jkun għadu ma nħatarx tutur u bejn il-ħatra ta’ tutur u l-ewwel kuntatt wiċċ imb wiċċ bejn it-tutur u l-minorenni.

L-awtoritajiet għandhom jagħtu biżżejjed żmien lit-tuturi sabiex jiltaqgħu mal-minorenni u jippreparawh qabel ma jibdew il-proċeduri u jittieħdu deċiżjonijiet. Il-perjodi ta’ żmien għandhom jiġu stabbiliti fil-linji gwida uffiċjali.

Ir-responsabbiltà sabiex jiġi żgurat li jittieħdu t-tali miżuri temporanji hija tal-awtorità li identifikat lill-minorenni jew li hija inkarigata b'dan il-kompitu mil-liġi domestika.

It-trasferiment tar-responsabbiltà għall-minorenni mill-awtorità li identifikat lill-minorenni bħala vittma, bħall-infurzar tal-liġi, lis-servizz ta' tutela għandu jiġi dokumentat.

## Forniment ta' informazzjoni lill-minorenni

L-awtorità ta' tutela għandha tipprovdi lill-minorenni b'informazzjoni rilevanti dwar it-tutur f'lingwa u mod li l-minorenni jista' jifhem abbażi tal-età, il-maturità u l-kapaċitajiet ta' żviluppar tiegħu.

Meta l-minorenni jingħata informazzjoni, għandha tingħata importanza lill-kunsiderazzjonijiet kulturali u kwistjonijiet marbutin mas-sessi wkoll. Għandhom jiġu indirizzati s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet partikolari ta' tfal b'diżabilitajiet, inklużi diżabilitajiet intellettwali u mentali.

L-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi informazzjoni dwar x'jiġri lill-minorenni wara li jiġi assenjat tutur, ir-rwol u l-funzjoni tat-tutur u d-drittijiet u d-dmirijiet tal-minorenni.

Sabiex jiffaċilitaw dan, l-awtoritajiet ta' tutela għandhom jiżviluppaw materjali li faċli jifhmu t-tfal, li korpi u entitajiet oħrajn jistgħu jużaw ukoll.

L-awtorità ta' tutela għandha tkun responsabbli, malli jinħatar it-tutur, sabiex tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-arranġamenti ta' tutela lill-minorenni u b'mod partikolari sabiex il-minorenni jiġi informat dwar meta, fejn, kif u għand min jista' jilmenta kontra t-tutur, abbuż u mġiba ħażina jew xi ksur ta' drittijietu. It-tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-fomm u/jew bil-miktub b'mod u lingwa li l-minorenni jista' jifhem (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

## 4.3. Meta tintemm it-tutela?

L-arranġament ta' tutela jrid jibqa' sakemm tinstab u tiġi implimentata soluzzjoni dejjiema fl-aħjar interessi tal-minorenni jew sakemm il-minorenni jsir adult (ara l-Figura 7). Fil-proċess sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema, ir-riunifikazzjoni tal-minorenni mal-ġenituri tiegħu u r-riintegrazzjoni fil-familja għandhom jiġu eżaminati fil-prinċipju, meta jkunu fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Jekk il-minorenni jixtieq imur jgħix ġewwa Stat Membru ieħor tal-UE, iżda ma jixtieqx jingħaqad ma' familtu, fil-prinċipju l-funzjonijiet ta' tutela għandhom jibqgħu jiġu eżerċitati fl-istat Membru fejn imur jgħix.

Dan jista' jiġi ffaċilitat billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' tutela fi Stati Membri differenti tal-UE. Dan huwa element li jrid jiġi rifless fil-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali jew transnazzjonali previsti fl-*Istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-Bnedmin*. It-tutur għandu jikkoordina kull azzjoni marbuta mar-riunifikazzjoni tal-familja, inkluża valutazzjoni tal-familja, anki f'każijiet li fihom il-familja tal-minorenni tirrisjedi f'pajjiż ieħor.

**Figura 7: Meta tintemm it-tutela?**




*Sors: FRA, 2014*

Jekk il-minorenni jkun nieqes, it-tutur għandu jirrapporta dan il-fatt minnufih lill-awtoritajiet responsabbli u jibqa' f'kuntatt mas-servizzi tat-tfal neqsin, inklużi, fejn applikabbli, il-*hotline* 116 000 għat-tfal neqsin (ara wkoll it-Taqsima 6.1). Jekk minorenni taħt tutela jisfa' nieqes, it-tutur jibqa' responsabbli għall-minorenni sakemm ikun hemm evidenza dokumentata li l-minorenni huwa indukrat minn individwu, istituzzjoni jew awtorità responsabbli oħrajn. Dejjem irid ikun hemm deċiżjoni tal-qorti sabiex tintemm ir-relazzjoni ta' tutela.

It-tuturi għandhom ikunu intitolati għal kumpens għaż-żmien li jqattgħu jirrapportaw minorenni nieqes lill-pulizija u/jew kull awtorità rilevanti oħra stipulata mil-liġi nazzjonali, u għall-ħin li jqattgħu jivverifikaw li l-awtoritajiet jagħmlu kulma jistgħu sabiex

isibu lill-minorenni. It-tali intitolamenti għal kumpens għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jinstab il-minorenni jew tintemm t-tutela b’mod formali.

Il-proċeduri, l-istandards u s-salvagwardji ta’ reviżjoni li jiżguraw l-aħjar interessi tal-minorenni għandhom ikunu l-istess bħal dawk applikati f’sistemi ta’ protezzjoni tat-tfal għat-tfal kollha f’indukrar alternattiv.

Il-bżonn li tiġi żgurata tranżizzjoni iktar trasparenti u informata lejn l-età adulta huwa indikat fi studju ta’ riċerka dwar il-prattiki tal-istati Ewropej sabiex jindirizzaw l-isfidi li jaffaċċjaw it-tfal mhux akkumpanjati, it-tfal mifrudin li jfittxu l-ażil u t-tfal rifuġjati meta jagħlqu 18-il sena.

*Sors: Il-UNHCR u l-Kunsill tal-Ewropa (2014),* Tfal mhux akkumpanjati u tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil u tfal rifuġjati li jgħalqu t-tmintax: X’hemm x’tiċċelebra? (*Unaccompanied and separated asylum-seeking and refugee children turning eighteen: What to celebrate*?), *disponibbli bl-Ingliż fuq: www.refworld.org/DOCID/53281A864.HTML*

B’mod partikolari għal tfal mhux akkumpanjati suġġetti għal-liġi dwar il-migrazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar l-indukrar, l-intitolamenti legali, il-possibbiltajiet legali u l-perspettivi jistgħu jinbidlu sew malli jagħalqu t-18-il sena. Huwa ferm importanti li t-tfal ikunu ppreparati sew sabiex jgħaddu mit-tfulija għall-adultezza u jirċievu l-appoġġ meħtieġ għal dan (ara wkoll il-Figura 13).

L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE), filwaqt li tqis is-sitwazzjoni speċifika taż-żgħażagħ migranti mhux akkumpanjati li jsiru adulti, u filwaqt li tiftakar l-aħjar interessi tat-tfal, tirrakkomanda lill-Istati membri sabiex jistabbilixxu kategorija ta’ tranżizzjoni għall-etajiet ta’ bejn 18 u 25 sena. Matul dan il-perjodu, il-migranti żgħażagħ għandhom jibqgħu jirċievu appoġġ għal ħajja indipendenti, b’aċċess garantit għal assistenza u akkomodazzjoni soċjali, għal servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa u għal informazzjoni dwar il-proċedura amministrattiva rilevanti.

*Sors: Il-Kunsill tal-Ewropa, L-Assemblea Parlamentari, Il-Kumitat dwar il-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Persuni Spostati (Rapport | Dok. 13505 | 23 ta’ April 2014),* Tfal migranti: Xi drittijiet għandhom ta’ 18? (*Migrant children: What rights at 18?*), *disponibbli bl-Ingliż fuq: http://website-pace.net/documents/19863/168397/20140313-MigrantRights18-EN.pdf/ea190a6e-1794-4d30-b153-8c18dc95669f* L1858

Għalkemm it-tutela tista’ tintemm meta l-minorenni jsir adult, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li, minħabba l-vulnerabbiltà ta’ dawn iż-żgħażagħ, jibqgħu jipprovdu appoġġ u assistenza wara l-età ta’ 18, sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn tfal għall-età adulta.

Jekk is-servizzi ta’ tutela u l-arranġamenti tal-indukrar ikunu disponibbli għal tfal ċittadini ta’ Stat Membru ta’ iktar minn 18-il sena, dawn għandhom ikunu disponibbli wkoll għal tfal minn pajjiżi oħrajn, u b’mod partikolari għal vittmi tat-traffikar. Għal tfal vittmi tat-traffikar, il-fiduċja hija l-element ewlieni fil-proċess ta’ riabilitazzjoni u s-sejbien ta’ soluzzjoni dejjiema. F’ċerti każijiet jista’ jkun hemm bżonn ta’ involviment iktar fit-tul tat-tutur.

Malli jkollhom 18-il sena, dment li jkunu preżenti fl-Istat Membru ospitanti tal-UE, il-vittmi tat-traffikar għandu jibqa’ jkollhom aċċess għas-servizzi xierqa ta’ appoġġ għall-vittmi skont id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE). Dan ifisser li l-individwu

għandu jkollu aċċess għas-servizzi ta' riabilitazzjoni, assistenza psikoloġika u medika jekk ikun hemm bżonn, rappreżentazzjoni legali u assistenza legali b'xejn fil-proċedimenti ġudizzjarji għad-durata sħiħa tagħhom. It-tali servizzi għandhom jiġu pprovduti fl-istess ċirkustanzi u fl-istess livell bħal dawk għall-vittmi ta' reat li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat.

Jekk it-tfal ikunu nfirdu mill-ġenituri tagħhom minħabba abbuż jew negliġenza, il-kapaċità u r-rieda tal-ġenituri li jirrappreżentaw l-aħjar interessi tal-minorenni trid tiġi vvalutata fuq bażi regolari. Kull meta tinstab evidenza ġdida li tissuġġerixxi li r-ritorn mal-familja jkun fl-aħjar interessi tal-minorenni, it-tutur flimkien mal-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tat-tfal għandhom isostnu u jissorveljaw dak ir-ritorn. Il-proċeduri ta' reviżjoni, l-istandards u s-salvagwardji li jiżguraw l-aħjar interessi tal-minorenni għandhom ikunu l-istess bħal dawk applikati f'sistemi għal protezzjoni tat-tfal għat-tfal kollha li jingħataw indukrar alternattiv.

## 4.4. Meta missu jinbidel it-tutur?

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u tissaħħaħ il-fiduċja stabbilita bejn il-minorenni u t-tutur, tutur normalment ma għandux jinbidel ladarba jiġi assenjat lil minorenni, sakemm dan ma jsirx inevitabbli minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ.

Fl-Artikolu 24 (1), id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza (2013/33/UE) tistipula li, "Sabiex ikun assigurat il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minuri [...], il-persuna li taġixxi bħala rappreżentant għandha tinbidel biss meta meħtieġ". Tistipula wkoll li "Evalwazzjonijiet regolari għandhom isiru mill-awtoritajiet addattati, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà tal-mezzi meħtieġa għar-rappreżentazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjat".

It-tuturi temporanji maħturin bħala parti mill-miżuri preliminari għall-protezzjoni ta' minorenni għandhom, meta dan ikun possibbli, jiġu assenjati bħala tuturi "permanenti" wkoll.

Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà meħtieġa fil-ħajja u l-iżvilupp tal-minorenni, il-minorenni ma għandux jiġi ttrasferit għalxejn jew spiss f'parti oħra tal-pajjiż, sakemm is-sikurezza jew l-aħjar interessi tal-minorenni ma jeħtieġux trasferiment.

Jekk il-minorenni jilmenta fuq imġiba ħażina mit-tutur, il-bidla tat-tutur għandha titqies bħala possibbiltà. Bidla għandha tkun stipulata b'mod espliċitu fil-liġi, u sseħħ minnufih, jekk it-tutur huwa investigat għal ksur serju tad-drittijiet tal-minorenni, eż. abbuż jew imġiba mhux xierqa.

Barra minn hekk, l-awtorità ta’ tutela għandha tistħarreġ kull każ individwali f’intervalli regolari, tal-inqas darba fis-sena. Kull valutazzjoni bħal din trid tagħti kunsiderazzjoni lill-fehmiet tal-minorenni. L-awtorità ta’ tutela għandha tipprovdi linji gwida u kriterji għat-tali valutazzjonijiet regolari. L-istħarriġ tal-arranġamenti ta’ tutela jrid jiġi dokumentat. Meta tkun rilevanti, is-sitwazzjoni tal-familja trid tiġi vvalutata wkoll bil-għan ta’ riunifikazzjoni tal-minorenni mal-ġenituri tiegħu jew tagħha (ara t-Taqsima 4.2).

# Parti II — Il-kompiti tat-tutur



Kif deskritt fit-Taqsima 1 tal-Introduzzjoni, it-tutur huwa responsabbli għas-salvagwardja tal-aħjar interessi tal-minorenni, l-iżgurar tal-benesseri ġenerali tal-minorenni u l-eżerċizzju tar-rappreżentazzjoni legali għall-minorenni sabiex jikkomplimenta mal-kapaċità legali limitata tiegħu jew tagħha. Il-ħames kapitli li jmiss jiddeskrivu dawn il-kompiti ċentrali f'iktar dettall. Dawn jinkorporaw ukoll kompiti trażversali wkoll, bħaż-żamma tal-awtoritajiet responsabbli għad-deċiżjonijiet li jolqtu lill-minorenni u li jintervjenu jekk il-benesseri tal-minorenni tkun fil-periklu (Figura 8).

Il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE ma għandhomx definizzjoni preċiża tal-kompiti ta' tutur fil-liġi tagħhom.

*FRA, 2014,* It-tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tutela fl-Unjoni Ewropea (*Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union*) *(pubblikazzjoni pendenti)*

Id-drittijiet u d-dmirijiet tat-tutur għandhom ikunu definiti fil-liġi domestika jew f'dokumenti tal-politika u, fejn hemm bżonn, iċċarati iktar fil-linji gwida uffiċjali. It-Tabella 4 tindika s-sorsi legali internazzjonali u Ewropej li jiddeskrivu d-dmirijiet tat-tuturi jew ir-rappreżentanti legali.

## Tabella 4: Il-kompiti tat-tutur kif riflessi fis-sorsi legali Ewropej u internazzjonali

| | | Il-funzjonijiet u l-kompiti tal-persuna maħtura | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa u d-Direttivi tal-Unjoni Ewropea | Terminoloġija | Salvagwardja tal-aħjar interessi tat-tfal | L-iżgurar tal-benesseri u l-indukrar adegwat tal-minorenni | Eżerċitar tar-rappreżentazzjoni | Akkumpanjament tal-minorenni fi proċedimenti (preżenza personali matul l-intervista, informar u preparazzjoni tal-minorenni) | Għajnuna fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ soluzzjoni dejjiema | Aġir bħala ħolqa – rwol ta’ koordinatur | Rabtiet familjari u traċċar tal-familja |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 CRC/GC/2005/6 | Tutur / Rappreżentant legali | Paragrafu 33 | Paragrafu 33 | Paragrafu 33 | Paragrafu 33 Paragrafu 72 | Paragrafu 90 | Paragrafu 33 | – |
| Il-linji gwida tan-NU dwar l-indukrar alternattiv A/HRC/11/L.13 | Kustodju/ Adult responsabbli rikonoxxut | Paragrafu 101 Paragrafu 103 | Paragrafu 104 (a) | Paragrafu 104 (b) | – | Paragrafu 104 (c) | Paragrafu 104 (d) | Paragrafu 104 (e) Paragrafu 104 (g) |
| Il-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin | Kustodju | Artikolu 10 (4) (a) | – | – | – | – | – | Artikolu 10 (4) (c) |
| Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) | Kustodju / Rappreżentant | Artikolu 13 Preambolu, Premessa 23 | – | Artikolu 14 (2) | – | – | – | – |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta’ Akkoljenza (2013/33/UE) | Rappreżentant | Artikolu 2 (j) Artikolu 24 (1) | Artikolu 23 Artikolu 24 (1) | Artikolu 2 (j) | Artikolu. 24 (1) (attendenza għall-intervisti) | – | – | – |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri ta’ Ażil (2013/32/UE) | Rappreżentant | Artikolu. 2 (n) Artikolu 25 (1) (a) | | Artikolu 2 (n) Artikolu 7 (3) | Artikolu 25 (1) (b) | – | – | – |
| Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) | Kustodju/ Rappreżentant | Artikolu 31 (4) Preambolu, Premessa 18 | Artikolu 31 (1) | Artikolu 31 (1) | – | – | – | – |
| Ir-Regolament ta’ Dublin (UE) Nru 604/2013 | Rappreżentant | Artikolu 6 (2) | – | Artikolu 6 (2) | – | – | – | – |
| Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) | Tutur Rappreżentant speċjali/ legali | – | – | Artikolu 24 (b) | Artikolu 20 (c) | – | – | – |
| Id-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) | Rappreżentant speċjali/ legali | – | – | Artikolu 20 (1) | Artikolu 20(3) (f) | – | – | – |

### Figura 8: Il-kompiti ewlenin tat-tutur




*Sors: FRA, 2014*

L-erba' prinċipji ewlenin tas-CRC (ara l-Figura 3) iridu jiggwidaw lit-tutur fl-aspetti kollha ta' xogħlu matul l-assenjament. Fin-nuqqas tal-ġenituri, jew jekk ikunu preklużi milli jeżerċitaw ir-responsabbiltà ta' ġenituri, it-tutur jingħata d-dmir li jissalvagwardja u jħares il-benesseri tal-minorenni. Kull darba li tittieħed deċiżjoni li taffettwa lill-minorenni, ir-rwol tat-tutur huwa li jippromwovi l-għażla li hija fl-**aħjar interessi tal-minorenni**. It-tutur irid jiżgura li l-fehmiet tal-minorenni jinstemgħu u li jingħataw l-importanza mistħoqqa. It-tutur irid jgħarraf lill-minorenni u jikkonsultah dwar l-aspetti kollha tax-xogħol tat-tutur, filwaqt li jqis il-maturità u l-kapaċitajiet ta' żviluppar tal-minorenni.

> "Il-frekwenza u l-kwalità tal-kuntatt bejn it-tuturi u t-tfal varjaw. Numru kbir ta' tfal kienu ssodisfati u xtaqu relazzjoni iktar personali mat-tutur tagħhom — kwistjoni li l-adulti li wieġbu ħasbu li kienet importanti għall-benesseri ta' minorenni".
>
> *Sors: FRA (2010),* Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, *Rapport komparattiv* (*Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report*), p. 9, disponibbli bl-Ingliż fuq: *http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf*

## Il-ħolqien u ż-żamma ta' relazzjoni ta' fiduċja mal-minorenni

Relazzjoni ta' fiduċja bejn it-tutur u l-minorenni hija prekundizzjoni essenzjali għal tutela effettiva. Mingħajr fiduċja, it-tutur ma jkunx jista' jaċċerta x-xewqat u s-sentimenti tal-minorenni, u b'hekk issir diffiċli għalih li jippromwovi l-aħjar interessi tal-minorenni.

It-tutur għandu jikkomunika mal-minorenni b'mod adattat għall-minorenni, u juri sensittività kulturali u jadotta approċċ xieraq għall-ġeneru. Għalkemm ħafna fatturi għandhom impatt fuq jekk tikbirx il-fiduċja, l-erbgħa li ġejjin għandhom importanza partikolari:

- ir-rispett tal-fehmiet tat-tfal;
- it-trattament tat-tfal b'rispett u dinjità;
- id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għat-tfal;
- ir-rispett tal-kunfidenzjalità.

L-*Istandards Ewlenin* għat-tuturi ta' tfal mifrudin fl-Ewropa jagħtu gwida dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tat-tutur (standards 1–6), ir-relazzjoni mal-minorenni (standards 7–9) u l-għarfien u l-kompetenzi professjonali tat-tutur (standard 10). Dawn ġew żviluppati f'konsultazzjoni ma' tfal mifrudin, tuturi u esperti oħrajn, bħal ġenituri tar-rispett, avukati u assistenti soċjali. L-istandard ewlieni numru 8 jelenka għadd ta' indikaturi għal relazzjoni pożittiva mibnija fuq fiduċja reċiproka, trasparenza u kunfidenzjalità. Skont dan, it-tutur:

A) jaf lill-minorenni personalment;

B) iżomm l-informazzjoni kollha dwar u mingħand il-minorenni kunfidenzjali sakemm ma jkunx hemm bżonn li jiżvelaha biex iżomm lill-minorenni jew minorenni ieħor sikur, u jgħarraf lill-minorenni, meta possibbli, dwar ksur tal-kunfidenzjalità;

C) ma jiġġudikax ir-raġunijiet tal-minorenni għal eżilju jew iħallihom jaffettwaw ir-relazzjoni tiegħu mal-minorenni;

D) dejjem ikun onest mal-minorenni u jagħmel dak li jwiegħed;

E) jagħti informazzjoni ċara dwar ir-rwol u l-limitazzjonijiet tiegħu b'mod li l-minorenni jifhem u jista' jiftakar;

F) juri lill-minorenni li jaħdem bil-qalb, verament jimpurtah u jħossu responsabbli għall-minorenni;

G) jagħmilha ċara lill-minorenni li minorenni li jaħrab dejjem għandu jħossu komdu li jikkuntattja lit-tutur;

H) jagħti kas il-komunikazzjoni verbali, mhux verbali u emottiva;

I) huwa empatiku lejn il-minorenni u jagħtih appoġġ morali u emottiv.

*Sors: Defence for Children – ECPAT The Netherlands (2011),* Standards importanti għat-tuturi ta' tfal mifrudin fl-Ewropa (*Core standards for guardians of separated children in Europe*), *Leiden, Defence for Children – ECPAT The Netherlands, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://www.corestandardsforguardians.eu/*

Kuntatt spiss u l-aċċessibbiltà tat-tutur huma elementi meħtieġa sabiex tinbena relazzjoni ta’ fiduċja mal-minorenni.

It-tuturi li jaħdmu mat-tfal vittmi tat-traffikar għandhom ikunu jafu bl-effett li l-esperjenza tat-traffikar tista’ tħalli fuq l-imġiba tat-tfal u bil-konsegwenzi tat-trawma. L-individwi li jbatu minn trawma spiss ikollhom problemi ta’ memorja, pereżempju, ma jirnexxilhomx jiftakru dettalji ta’ affarijiet li ġraw, jew jafu jiftakru informazzjoni oħra maż-żmien. Dan ma jfissirx li l-minorenni qed jigdeb jew ma jafdax lit-tutur. It-tutur għandu jfakkar dawk l-aspetti lill-professjonisti l-oħrajn li jaħdmu mal-minorenni.

Il-kura emottiva tal-minorenni hija ħtieġa bażika, li t-tutur ma għandux jinjora. It-tuturi maħturin iridu jkunu sostnuti fit-twettiq tar-rwoli tagħhom, inkluż fl-għoti tal-kura emottiva, b’mod partikolari billi jiżguraw li l-volum ta’ xogħol tagħhom u n-numru ta’ każijiet assenjati lilhom jagħtuhom biżżejjed żmien xi jqattgħu mal-minorenni u jibnu relazzjoni personali miegħu jew magħha (ara wkoll it-Taqsima 3.6).

## Kunfidenzjalità

It-tutur jitgħallem id-dettalji tal-ħajja privata tal-minorenni, li jrid iqis bħala kunfidenzjali. Il-komunikazzjoni mal-minorenni għandha ssir f’ambjent kunfidenzjali u għandha tirrispetta d-drittijiet ta’ dinjità u privatezza tal-minorenni bis-sħiħ.

Il-kunfidenzjalità hija element importanti fir-relazzjoni tal-minorenni mat-tutur. Id-dritt tal-minorenni għall-privatezza għandu jkun protett bil-liġi. Il-kodiċi tal-kondotta tat-tuturi għandu jkopri l-implikazzjonijiet tal-prinċipju ta’ kunfidenzjalità (ara wkoll it-Taqsima 3.2). It-tutur għandu jkun kapaċi jiddeċiedi meta u f’liema kundizzjonijiet jista’ jkun fl-aħjar interessi tal-minorenni li jgħaddi ċerta informazzjoni lill-atturi u l-aġenziji rilevanti l-oħrajn.

Il-kunfidenzjalità hija wkoll rekwiżit għas-sikurezza tal-minorenni, b’mod partikolari għal tfal vittmi tat-traffikar jew tfal mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni internazzjonali. L-informazzjoni dwar minorenni vittma ma tistax tiġi żvelata jekk tista’ tixħet f’periklu lill-minorenni jew il-membri tal-familja tal-minorenni (ara wkoll it-Taqsima 6.3). Irid jinkiseb il-kunsens tal-vittma minorenni, b’mod xieraq għall-età tagħha, qabel ma tiġi żvelata informazzjoni sensittiva, filwaqt li jitqiesu l-maturità u l-kapaċitajiet ta’ żviluppar tal-minorenni.

# 5. Il-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal

Il-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal irid jiggwida x-xogħol u l-azzjonijiet tat-tutur.

L-aħjar interessi tal-minorenni huma kunċett dinamiku, li għandu l-għan li jiżgura l-iżvilupp olistiku tal-minorenni billi jippromwovi t-tgawdija sħiħa u effettiva tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mis-CRC. It-tutur jintalab jivvaluta l-aħjar interessi tal-minorenni fuq bażi ta' kuljum, kull meta jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu lill-minorenni. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, deċiżjonijiet dwar l-akkomodazzjoni, is-sikurezza, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-attivitajiet ta' divertiment u r-rappreżentazzjoni legali tal-minorenni.

> Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, bil-Kumment ġenerali Nru 14 (2013) dwar *Id-dritt tal-minorenni li l-aħjar interessi tiegħu jingħataw kunsiderazzjoni primarja* (*on the right of the child to have his or her best interests taken as a primary consideration*) (Artikolu 3, paragrafu 1) jipprovdi qafas għall-valutazzjoni u l-istabbiliment tal-aħjar interessi tal-minorenni. Il-kumitat josserva li "l-ġudizzju minn adult tal-aħjar interessi ta' minorenni ma jistax ikun prevalenti fuq l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet kollha tal-minorenni skont il-Konvenzjoni."
>
> *Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), Kumment Ġenerali Nru 14, 29 ta' Mejju 2013, CRC/C/GC/14*

It-tutur għandu jżomm lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għal kull deċiżjoni li tolqot lill-minorenni u jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-aħjar interess bħala kunsiderazzjoni primarja kif meħtieġ mill-Artikolu 3 tas-CRC matul il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. It-tutur irid iżomm lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli. Irid jintervjeni jekk il-benesseri tal-minorenni jkun fil-periklu u jikkontesta, fi ħdan il-limiti tal-awtorità tiegħu, kull deċiżjoni li jqis li tmur kontra u/jew ma tħarisx l-aħjar interessi tal-minorenni.

## Valutazzjoni u determinazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni

L-aħjar interessi tal-minorenni għandhom jiġu vvalutati b'mod adattat għall-minorenni, filwaqt li jitqiesu l-età u l-maturità tal-minorenni, kif ukoll il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tal-minorenni. Fil-Kumment Ġenerali tal-2013 Nru 14, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal elenka l-elementi li jridu jitqiesu meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minorenni:

- il-fehmiet tal-minorenni;
- l-identità tal-minorenni;
- il-preservazzjoni tal-ambjent tal-familja u ż-żamma tar-relazzjonijiet;
- il-kura, il-protezzjoni u s-sikurezza tal-minorenni;
- sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà;

- id-dritt għas-saħħa tal-minorenni;
- id-dritt tal-minorenni għall-edukazzjoni.

Il-kumitat jipprovdi wkoll gwida dwar kif jiġu bbilanċjati dawn l-elementi. Pereżempju, il-perservazzjoni tal-ambjent tal-familja tista' tidħol f'kunflitt mal-ħtieġa ta' protezzjoni tal-minorenni mir-riskju ta' vjolenza jew abbuż mill-ġenituri. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-elementi jridu jitqiesu kontra xulxin sabiex tinstab soluzzjoni li hija fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Minbarra t-tali valutazzjonijiet regolari tal-aħjar interessi tal-minorenni, il-liġi nazzjonali tista' teħtieġ valutazzjoni formali tal-aħjar interessi għal deċiżjonijiet li jolqtu l-ħajja ta' minorenni, bħas-sejbien ta' soluzzjoni dejjiema. It-tali determinazzjoni għandha ssir minn tim b'diversi dixxiplini li jsegwi salvagwardji proċedurali stretti. Il-liġi tal-UE tipprovdi wkoll gwida lill-Istati Membri meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minorenni. L-Artikolu 23 (2) tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), jistipula li "Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni mal-familja;

(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-isfond tal-minorenni;

(c) kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza u s-sigurtà, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju li minorenni jisfa vittma tat-traffikar tal-bnedmin;

(d) il-fehmiet tal-minorenni skont l-età u l-maturità tiegħu."

It-tutur irid jieħu sehem fit-tali determinazzjonijiet formali tal-aħjar interessi sabiex jiżgura li l-aħjar interessi ta' minorenni jingħataw kunsiderazzjoni primarja fil-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet u li jiġi rrispettat id-dritt tal-minorenni li jinstema', kif meħtieġ mill-Artikolu 12 tas-CRC.

# 6. Il-promozzjoni tas-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni

Il-promozzjoni tal-benesseri tal-minorenni teħtieġ li t-tutur jiżgura li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet legali, soċjali, tas-saħħa, psikoloġiċi, materjali u edukattivi tal-minorenni (Figura 9). It-tfal imċaħħdin mill-ambjent tal-ġenituri tagħhom, u t-tfal vittmi tat-traffikar b'mod

partikolari, spiss ikunu għaddew minn vjolenza u batew minn trawma. L-espożizzjoni għall-vjolenza żżid ir-riskju li minorenni jkompli jisfa vittma u li jiżdiedu l-esperjenzi vjolenti. L-iżgurar tas-sikurezza u l-protezzjoni tal-vittmi tfal għandu jingħata prijorità sabiex tiġi evitata vittimizzazzjoni ulterjuri u jonqos ir-riskju ta’ traffikar mill-ġdid.

**Figura 9: Il-promozzjoni tas-sikurezza u l-benesseri tat-tfal**




*Sors: FRA, 2014*

## 6.1. Valutazzjoni tar-riskju

L-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tat-tfal għandhom jivvalutaw ir-riskju ta’ abbuż, vjolenza u sfruttament għal kull minorenni individwali taħt tutela u jiddeċiedu fuq il-miżuri ta’ protezzjoni xierqa. It-tali valutazzjonijiet tar-riskju għandhom isiru wkoll għal tfal mhux akkumpanjati meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu qed jiddeċiedu fuq soluzzjoni dejjiema għall-minorenni. Dan sabiex jiġi żgurat li s-soluzzjoni proposta tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni u ma tqiegħedx lill-minorenni f’riskju ta’ sfruttament, abbuż jew ksur ta’ drittijietu. Barra minn hekk, valutazzjoni tar-riskju dejjem għandha ssir għal tfal vittmi tat-traffikar, sabiex tiġi pprovduta protezzjoni adegwata u tiġi żgurata s-sikurezza tal-minorenni, sabiex ma jkunx traffikat mill-ġdid jew sfruttat u abbużat għal darba oħra.

Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-vittmi tfal, għandhom id-dritt ta' miżuri xierqa ta' protezzjoni fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali.

Valutazzjoni bħal din għandha ssir fil-ħin u jkollha l-għan li tidentifika dawk il-miżuri li huma meħtieġa biex il-minorenni jkun protett minn ritaljazzjoni, intimidazzjoni u r-riskju li jerġa' jiġi ttraffikat. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi aġġornata b'mod regolari sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema għall-minorenni. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir minn tim b'diversi dixxiplini ta' professjonisti inklużi rappreżentanti tal-awtoritajiet ta' ħarsien tat-tfal u fornituri tas-servizzi soċjali u tas-saħħa.

**Figura 10: Il-valutazzjoni tar-riskju u r-rwol tat-tutur**




*Sors: FRA*

It-tutur irid jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni tar-riskju individwali għal kull minorenni vittma tat-traffikar. It-tutur dejjem għandu jiġi kkonsultat dwar miżuri ta' protezzjoni speċifiċi li jiġu adottati u jkun kapaċi jipprovdi suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet. Filwaqt li ma jkunx direttament responsabbli għall-miżuri ta' protezzjoni meħudin, it-tutur xorta waħda għandu rwol importanti x'jaqdi (Figura 10).

**Lista ta' kontroll: L-azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mas-sikurezza tal-minorenni**

- √ Jinforma lill-minorenni dwar il-miżuri ta' ħarsien eżistenti li jistgħu jittieħdu.
- √ Jitlob li ssir valutazzjoni tar-riskju għall-minorenni.
- √ Jieħu sehem b'mod attiv fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju flimkien ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u rappreżentanti legali tal-minorenni.
- √ Jivvaluta b'mod regolari r-riskju li l-minorenni jista' jaħrab mit-tutela.
- √ Jiżgura li l-fehmiet tal-minorenni jinstemgħu u jingħataw l-importanza mistħoqqa skont l-età u l-maturità.
- √ Jinforma lill-awtoritajiet rilevanti meta jkun hemm informazzjoni ġdida għad-dispożizzjoni marbuta mas-sikurezza tal-minorenni li tista' teħtieġ bidliet fil-miżuri ta' ħarsien applikati.
- √ Jitlob li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi riveduta u dokumentata jekk tinstab informazzjoni ġdida li tista' teħtieġ miżuri differenti jew addizzjonali.
- √ Jiżgura li l-awtoritajiet rilevanti jiġu notifikati mingħajr dewmien dwar kull għajbien ta' minorenni u li jsiru sforzi sabiex jinstab il-minorenni.
- √ Meta l-vittmi jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ifakkar regolarment lill-awtoritajiet involuti kollha sabiex ma jaqsmux l-informazzjoni dwar l-istatus tal-minorenni bħala vittma tat-traffikar mal-awtoritajiet fil-pajjiż ta' oriġini qabel ma titlesta l-valutazzjoni tar-riskju.

## Aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

It-tutur għandu jirrakkomanda li t-tfal vittmi tat-traffikar jingħataw aċċess għal servizzi kunfidenzjali ta' appoġġ għall-vittmi kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE).

**Lista ta' kontroll: L-azzjonijiet li jista' jieħu t-tutur b'rabta mas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

- √ Jiffaċilita l-aċċess għal akkomodazzjoni xierqa u sikura għat-tfal vittmi fil-bżonn ta' post sikur minħabba riskju imminenti ta' vittimizzazzjoni, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni sekondarja u ripetuta.
- √ Jipprovdi informazzjoni fuq in-netwerks ta' sostenn disponibbli għall-minorenni; l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod adattat għall-minorenni f'lingwa li jifhem il-minorenni, bil-fomm jew bil-miktub.
- √ Jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi tal-linja telefonika għall-għajnuna.
- √ Jiffaċilita l-aċċess għal appoġġ immirat u integrat għall-vittmi bi bżonnijiet speċifiċi, inklużi vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi b'diżabilitajiet u vittmi ta' vjolenza sessista, bħal appoġġ u konsulenza wara trawmi.

"Il-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom u l-grad ta' ħsara mġarrba b'riżultat tar-reat mwettaq kontra l-vittma" (Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE)). L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li, f'ċerti kundizzjonijiet, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jkunu disponibbli wkoll għall-membri familjari tal-minorenni, jekk ikunu fil-pajjiż (ospitanti).

Il-familja għandha tiġi vvalutata sabiex jiġi żgurat li mhumiex kompliċi jew involuti b'xi mod ieħor fit-traffikar, u mhumiex ta' riskju għall-minorenni.

Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar il-Vittmi *(2012/29/UE)* jistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-*ħarsien* tal-"vittmi u l-membri tal-familja tagħhom minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, inkluż kontra r-riskju ta' ħsara emozzjonali jew psikoloġika, u għall-protezzjoni tad-dinjità tal-vittmi waqt l-interrogazzjoni u meta jagħtu x-xhieda tagħhom. Meta meħtieġ, tali miżuri għandhom jikludu wkoll proċeduri stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom".

## It-tqegħid fi djar sikuri

Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tat-tfal għandhom ikunu proporzjonati u jsegwu mir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Dejjem għandhom jiġu kkonfermati mill-awtoritajiet ġudizzjarji. It-tutur għandu jivverifika wkoll li l-miżuri ta' sikurezza intrusivi, bħal bidliet spissi fil-post ta' residenza jew restrizzjonijiet serji fuq il-moviment liberu tat-tfal, jittieħdu biss meta jkunu assolutament meħtieġa biex tiġi protetta s-sikurezza

tat-tfal. Meta l-vittma titqiegħed f'"dar sikura" fejn il-ħruġ u d-dħul ikunu kkontrollati, għandhom jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-minorenni ma jkunx f'reġim donnu ta' arrest. Skont ir-riskji għas-sigurtà, it-tali miżuri jistgħu jinkludu ħarġiet regolari mat-tutur, l-assistenti soċjali jew voluntiera. It-tutur għandu jkollu aċċess mhux ristrett għall-minorenni li jinsab f'faċilità magħluqa u l-minorenni għandu jkollu aċċess mhux ristrett għat-tutur. L-aċċess mhux ristrett għal assistenza legali u l-aċċess għal servizzi xierqa ta' trattament u riabilitazzjoni għandhom ikunu salvagwardjati wkoll.

Jekk il-minorenni jitqiegħed f'dar sikura fejn jiġu applikati restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu, id-deċiżjonijiet għandhom jiġu riveduti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kull xahar, sabiex jiġi żgurat li t-tqegħid f'dar sikura huwa assolutament meħtieġ għas-sikurezza tal-minorenni u huwa limitat għall-inqas żmien meħtieġ (**CRC, Artikolu 25** u **KEDB, Artikolu 5**).

## Tfal neqsin

Studju tal-Kummissjoni Ewropea sab li ċerti awtoritajiet implimentaw perjodu ta' stennija qabel ma taw segwitu lill-għajbien ta' ċerti kategoriji ta' tfal, b'mod partikolari tfal mhux akkumpanjati.

*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2013),* Tfal neqsin fl-Unjoni Ewropea: Immappjar, ġbir ta' dejta u statistiki (*Missing children in the European Union: Mapping, data collection and statistics*)*, disponibbli bl-Ingliż fuq: http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/files/missing_children_study_2013_en.pdf*

It-tfal kollha fit-territorju tal-UE għandhom id-dritt ta' protezzjoni. Għandha tittieħed azzjoni fuq kull għajbien fuq l-istess bażi għall-kategoriji kollha ta' tfal.

Il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għandu jkollhom sistema li tiżgura li t-tfal neqsin jiġu rreġistrati, flimkien mad-dettalji dwar iċ-ċittadinanza tagħhom, l-istatus tal-immigrant u, meta disponibbli, iċ-ċirkustanzi tal-għajbien tagħhom. Din is-sistema għandha teħtieġ ukoll faċilitajiet sabiex jiġi nnotifikat it-tutur u korpi xierqa oħrajn malli jiġi identifikat l-għajbien, bla dewmien u sa massimu ta' 24 siegħa wara li jseħħ. Il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għandhom jinżammu responsabbli jekk jonqsu milli jirrapportaw fil-ħin.

Bl-istess mod, malli jsir jaf li l-minorenni assenjat lilu huwa nieqes, it-tutur irid jikkuntattja lill-pulizija u/jew kull awtorità rilevanti oħra minnufih kif stipulat fil-liġi nazzjonali. It-tuturi jridu jinżammu responsabbli jekk jonqsu milli jagħmlu hekk. It-tuturi għandhom jaraw li l-awtoritajiet jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa kollha u li jimplimentaw il-mezzi u l-proċeduri disponibbli kollha sabiex isibu lill-minorenni nieqes. L-awtoritajiet iridu jikkooperaw mal-aġenzija kompetenti ta' infurzar tal-liġi u, fejn applikabbli, il-hotline 116 000 għat-tfal neqsin, u possibilment iniedu twissija skont l-Artikolu 32 tal-SIS II.

Ladarba jinstab il-minorenni nieqes, it-tutur irid ikun involut b'mod attiv fis-segwitu xieraq, sabiex jiġi evitat milli l-minorenni jerġa' jgħib.

Prattika promettenti

### Tfassil tal-pjan ta' indukrar

Il-leġiżlazzjoni Irlandiża tistabbilixxi r-rekwiżiti għal pjan tal-indukrar ta' minorenni — pjan miktub, maqbul u mfassal f'konsultazzjoni mal-minorenni u dawk involuti fl-indukrar tiegħu. Il-pjan ta' indukrar għandu jirrifletti l-ħtiġijiet individwali tal-minorenni, kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni. Jistabbilixxi għanijiet fuq it-terminu qasir, medju u fit-tul għall-minorenni u jidentifika s-servizzi meħtieġa biex jintlaħaq dan il-għan. Il-pjan tal-indukrar jindirizza wkoll il-valutazzjoni ta' soluzzjoni dejjiema. Il-leġiżlazzjoni Irlandiża tinkludi arranġamenti għar-reviżjoni tal-pjan.

*Sors: L-Irlanda (1995), Ir-Regolamenti tal-1995 dwar l-Indukrar tat-Tfal (Tqegħid tat-Tfal f'Foster Care) (Child Care (Placement of Children in Foster Care)) (SI Nru 260 tal-1995), ir-Regolament 11*

## 6.2. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-individwu

Il-vittmi tfal huma intitolati għal assistenza u appoġġ li jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċjali tagħhom, skont id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) (**Artikolu 14**) u d-Direttiva dwar il-' Vittmi (2012/29/UE) (**Artikolu 22**). Sabiex jiġi żgurat li huma pprovduti l-forom xierqa ta' assistenza u appoġġ, trid issir valuazzjoni tal-ħtiġijiet. L-iskop tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet huwa li tiddefinixxi liema miżuri ta' appoġġ huma fl-aħjar interess tal-minorenni. Valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali hija meħtieġa wkoll għal tfal li jfittxu l-ażil skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), l-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri ta' Ażil (2013/32/UE) u għar-rifuġjati u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE).

Il-gwida dwar il-pjanijiet tal-indukrar tal-individwu tinsab fir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2007)9 tal-Kumitat tal-Ministeri għall-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-proġetti tal-ħajja għal minorenni migranti mhux akkumpanjati. Il-proġetti tal-ħajja għandhom l-iskop ta' integrazzjoni soċjali tat-tfal, l-iżvilupp personali u kulturali tagħhom, u l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tagħhom, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-impjiegi.

*Sors: Il-Kumitat tal-Ministeri tal-Kunsill tal-Ewropa, Rec (2007)9, 12 ta' Lulju 2007*

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha ssir minn tim multidixxiplinarju f'kooperazzjoni mat-tutur u bil-parteċipazzjoni ta' oħrajn, inklużi professjonisti fil-qasam tas-saħħa,

psikologi tat-tfal u assistenti soċjali. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, it-tutur għandu jfassal pjan individwali għall-minorenni.

Il-pjan għandu jqis l-esperjenzi trawmatizzanti possibbli li għalihom seta' kien espost il-minorenni. Għandu jagħti l-importanza mistħoqqa lill-fehmiet tal-minorenni. Il-minorenni għandu jkun involut fit-tfassil tal-pjan, abbażi tal-età u l-maturità. Huwa d-dmir tat-tutur li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-minorenni billi jipprovdu informazzjoni adegwata lill-minorenni u jiżgura li l-fehmiet tal-minorenni jinstemgħu u jingħataw l-importanza mistħoqqa. Il-pjan dejjem irid jiġi diskuss mal-minorenni, u għandu jitfittex li jinkiseb il-qbil min-naħa tiegħu. Iridu jkunu involuti bosta atturi, kif muri fil-Figura 11.

**Figura 11: Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u r-rwol tat-tutur**




*Sors: FRA, 2014*

Għalkemm valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-minorenni jkollha tibda minn meta jiġi assenjat tutur, il-pjan individwali għall-minorenni għandu jitfassal biss wara li t-tutur ikun fehem sew il-ħtiġijiet u x-xewqat tal-minorenni. Il-pjan għandu jiġi rivedut u aġġustat f'intervalli regolari.

Pjan individwali għandu jinkludi tal-inqas l-elementi ewlenin li ġejjin:

- arranġamenti ta' akkomodazzjoni;
- miżuri ta' sikurezza u protezzjoni;
- relazzjoni mal-ġenituri;
- konsulenza soċjali u psikoloġika u aċċess għal servizzi tas-saħħa mentali;
- forniment tal-kura tas-saħħa u kura medika;
- konsulenza legali u rappreżentazzjoni legali;
- edukazzjoni, inkluż taħriġ fil-lingwa;
- status ta' immigrant u ħtiġijiet ta' ħarsien internazzjonali.

## 6.3. Appoġġ lit-tfal fiż-żamma tar-rabtiet mal-qraba

Il-familja hija unità fundamentali tas-soċjetà u l-ambjent naturali għall-iżvilupp u l-benesseri tal-membri tagħha, speċjalment it-tfal. Id-dritt tat-tfal għall-ħajja tal-familja għandu jkun irrispettat bis-sħiħ. Il-prevenzjoni ta' firda tal-familja u l-preservazzjoni tal-unità familjari huma komponenti importanti tas-sistema ta' protezzjoni tat-tfal. F'każijiet ta' firda, it-tfal għandhom id-dritt li jżommu kuntatti diretti u relazzjonijiet personali mal-ġenituri u l-membri tal-familja tagħhom, ħlief meta dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal (**CRC Artikolu 9 (3)**).

It-tfal vittmi tat-traffikar jistgħu jkunu nfirdu mill-familji tagħhom qabel ma kienu traffikati, jiġifieri minħabba migrazzjoni, jew forsi bħala konsegwenza tat-traffikar tagħhom.

It-tuturi li jaġixxu fl-aħjar interessi tal-minorenni għandhom jgħinu lill-minorenni jsib lil familtu, meta l-minorenni jkun jixtieq hekk, u jistabbilixxi jew iżomm kuntatti ma' qrabatu. Qabel ma jsiru sforzi biex jerġa' jinkiseb kuntatt, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-kapaċità tal-ġenituri, sabiex jiżguraw li l-ġenituri ma jixħtux lill-minorenni f'riskju u li ma hemm ebda involviment tal-ġenituri fit-traffikar inizjali tal-minorenni.

It-traċċar tal-familja huwa parti integrali mit-tiftix ta' soluzzjoni dejjiema. Għandu jsir indipendentement mill-miżuri għall-valutazzjoni tar-ritorn tal-minorenni fil-pajjiż ta' oriġini.

**Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mat-traċċar tal-familja**

- √ Iħeġġeġ it-traċċar tal-familja, malajr kemm jista' jkun, wara l-identifikazzjoni, u bil-kunsens tal-minorenni.
- √ Innota li t-traċċar tal-familja (kisba tal-kuntatti mal-familja) ma *għandux* iseħħ meta jkun hemm raġunijiet validi għaliex wieħed jemmen li l-irkupru tar-rabtiet familjari jista' jipperikola lill-minorenni jew lill-membri tal-familja tiegħu.
- √ Fuq il-bażi tas-sitwazzjoni partikolari ta' kull minorenni, jassisti lill-minorenni fit-traċċar tal-familja u/jew fl-istabbiliment u ż-żamma tal-komunikazzjoni u r-rabtiet ma' familtu meta jinstab li dawn huma fl-aħjar interessi tal-minorenni.
- √ Jikkoopera mal-awtoritajiet pubbliċi rispettivi u possibilment anki jfittex l-assistenza tal-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet rilevanti, eż. l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni jew ir-Red Cross.
- √ Wara li jirnexxi t-traċċar tal-familja, u qabel ma jsiru r-riunifikazzjoni u r-ritorn mal-familja, jiżgura li ssir valutazzjoni tar-riskju sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-ġenituri u/jew membri familjari oħrajn sabiex jieħdu ħsieb il-minorenni u jirrappreżentaw l-interessi tiegħu.
- √ F'kull sforz sabiex jittraċċa jew jerġa' jgħaqqad lill-familji, jaġixxi fl-aħjar interessi tal-minorenni u jirrispetta kull rekwiżit stabbilit bil-liġi.

## 6.4. Standard tal-għajxien adegwat, inkluża akkomodazzjoni xierqa u assistenza materjali

L-Artikolu 27 tas-**CRC** jistipula li l-"Partijiet Statali jirrikonoxxu d-dritt ta' kull minorenni għal standard tal-għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tal-minorenni". Il-konvenzjoni tistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri sabiex jissalvagwardjaw il-benesseri tal-minorenni u jipprovdu indukrar u sostenn adegwati lit-tfal kollha li huma mċaħħdin mill-ambjent familjari tagħhom, inklużi tfal mhux akkumpanjati, u b'mod partikolari lil dawk li batew minn abbuż (l-Artikolu 19 u l-Artikolu 20). Barra minn hekk, l-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali jistipula li t-tfal irid ikollhom id-dritt għat-tali protezzjoni u indukrar skont kif jeħtieġu għall-benesseri tagħhom.

L-indukrar u l-assistenza jridu jirrispettaw l-identità kulturali, l-oriġini, is-sess u l-età tat-tfal. Ma għandomx jesponu lit-tfal għal riskji għas-sikurezza. Barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta assistenza adegwata speċjalizzata lil tfal bi bżonnijiet speċjali, pereżempju jekk ikollhom diżabilitajiet jew trawma serja.

Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) u d-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) fihom għadd ta' dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-vittmi tat-traffikar, inklużi t-tfal, għal assistenza u appoġġ. Bl-istess mod, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE) u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) jobbligaw lill-Istati Membri tal-UE sabiex jipprovdu appoġġ adegwat, inkluża akkomodazzjoni, lil tfal mhux akkumpanjati. L-appoġġ mogħti lil tfal vittmi tat-traffikar jinkludi l-forniment ta' akkomodazzjoni adegwata u sikura li għandha tippromwovi l-irkupru mill-esperjenza tat-traffikar. Għalkemm mhuwiex ir-rwol tat-tutur li jipprovdi akkomodazzjoni lill-minorenni, għandu jkun involut u jieħu għadd ta' azzjonijiet.

## Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mal-akkomodazzjoni u l-assistenza materjali

- √ Jivverifika li l-arranġamenti ta' akkomodazzjoni u indukrar residenzjali huma adegwati għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tal-minorenni; it-tutur għandu jirrapporta kull problema li trid tiġi indirizzata lil dawk li jipprovdu akkomodazzjoni lill-minorenni; fejn xieraq għandhom jiġu pprovduti involviment u konsultazzjoni mal-medjaturi kulturali.
- √ Jipprovdi lill-minorenni b'informazzjoni dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu b'rabta mal-faċiliatjiet ta' akkomodazzjoni u jiżgura ruħu li l-minorenni jaf b'dawk id-drittijiet u kif jippreżenta lment.
- √ Jiżgura ruħu li l-minorenni huwa informat dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-persunal u l-indukraturi fil-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni, u li l-minorenni huwa kapaċi jiddistingwi bejn ir-rwol u r-responsabbiltajiet tiegħu minn dawk tat-tutur.
- √ Jippromwovi l-aċċess tal-minorenni għall-attivitajiet ta' divertiment, inklużi attivitajiet ta' logħob u rikreazzjoni adattati għall-età, il-maturità u l-interessi tiegħu jew tagħha. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu offruti fi ħdan il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni jew fil-komunità, fejn xieraq, u għandhom jimmiraw sabiex jiffaċċilitaw il-komunikazzjoni u l-interazzjonijiet tal-minorenni ma' oħrajn bħalu u mal-komunità lokali.

Għal iktar informazzjoni, ikkonsulta r-Riżoluzzjoni 64/142 tal-Assemblea Ġenerali (2010), *Linji gwida għall-indukrar alternattiv tat-tfal*, 24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142, p. 19, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.unicef.org/protection/alternative_care_Guidelines-English.pdf.

Fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ta' għajxien adegwati, it-tutur għandu jżur lill-minorenni fejn ikun qed joqgħod u jikkonsulta miegħu f'kuntest kunfidenzjali. It-tutur għandu jagħti segwitu lil kull ilment jew allegat ksur osservat tad-drittijiet tal-minorenni.

## 6.5. Kura tas-saħħa

Il-Kumment Ġenerali Nru 13 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal joffri gwida komprensiva dwar il-protezzjoni tal-minorenni minn kull forma ta' vjolenza.

Fl-Artikolu 24, is-**CRC** tistabbilixxi li t-tfal kollha għandhom id-dritt li jgawdu l-ogħla standard possibbli tas-saħħa, u l-Artikolu 39 jobbliga lill-istati sabiex jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jippromwovu l-irkupru fiżiku u psikoloġiku u r-riintegrazzjoni soċjali tat-tfal li sofrew abbużi. L-irkupru u l-integrazzjoni jridu jseħħu f'ambjent li jħares is-saħħa u d-dinjità tal-minorenni kif ukoll ir-rispett tiegħu nnifsu.

Fl-**Artikolu 11**, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tagħraf il-vulnerabbiltà tal-vittmi u tistipula li kull vittma tat-traffikar hija intitolata għat-trattament mediku meħtieġ inkluża l-assistenza psikoloġika. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), il-persuni li jfittxu l-ażil huma intitolati għall-kura tas-saħħa meħtieġa filwaqt li, skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE), ir-rifuġjati rikonoxxuti u dawk bi protezzjoni sussidjarja huma intitolati għal aċċess indaqs għall-kura tas-saħħa bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru stess.

It-tfal vittmi tat-traffikar jistgħu jbatu minn trawma fiżika jew psikoloġika serja, dipressjoni jew problemi tas-saħħa mentali oħrajn inklużi disturbi minn stress postrawmatiku, bħala riżultat ta' esperjenzi ta' abbuż fl-imgħoddi. Dan jista' jkun partikolarment il-każ ta' vittmi li ġew traffikati minn persuni li kienu jafdaw.

Għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lil problemi tal-kura tas-saħħa li huma speċifiċi għas-sessi jew marbutin mat-tip ta' sfruttament imġarrab, bħal:

- problemi fis-saħħa riproduttiva għal vittmi bniet;
- testijiet minn jeddhom u konsulenza kunfidenzjali għal mard li jittieħed għal tfal traffikati għal sfruttament sesswali;
- vizzju tad-drogi u/jew tal-alkoħol.

Ir-rwol tat-tutur huwa li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti lit-tfal, jiffaċilita l-aċċess tat-tfal għas-servizzi mediċi u jipprovdi appoġġ meta jkunu jridu jittieħdu deċiżjonijiet importanti.

### Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli mit-tutur b'rabta mal-kura tas-saħħa

- √ Jiżgura li l-vittmi tfal jingħataw il-karta tas-saħħa meħtieġa jew xi dokument ieħor li jintitolahom għal aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa.
- √ Jirreferi lill-minorenni għas-servizz mediku rilevanti, jagħmel appuntamenti, imur mal-minorenni għall-viżti, jara lil l-minorenni jżomm rekord tal-appuntamenti u l-viżti ta' segwitu tiegħu, u jara li l-minorenni jifhem l-informazzjoni riċevuta.
- √ Iwissi lill-fornitur tal-kura tas-saħħa dwar il-bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni xierqa u adattata għat-tfal f'lingwa li jifhem il-minorenni, meta rilevanti.
- √ Jagħti jew jgħin lill-minorenni fl-għoti ta' kunsens informat qabel ma jsiru t-testijiet jew qabel ma jinbeda t-trattament meta dan ikun meħtieġ mil-liġi domestika.
- √ Jiżgura li l-minorenni ma jsirulux testijiet mediċi żejda.
- √ Jiżgura li jkun hemm speċjalist li jivvaluta l-ħtiġijiet psikosoċjali tal-minorenni u, jekk ikun hemm bżonn, jibda t-trattament.
- √ Jitlob lill-fornituri tal-kura tas-saħħa sabiex joqogħdu attenti b'mod partikolari għal kunsiderazzjonijiet kulturali u marbutin mas-sessi, inkluż, pereżempju, billi jħallu lill-bniet jiġu invistati minn tabiba jekk jippreferu hekk, jew billi jaraw li l-ikel li jingħataw meta l-minorenni jkun l-isptar ikun adattat għall-kultura tiegħu.
- √ Jiffaċilita s-servizzi ta' interpretazzjoni adegwati.

Meta t-tfal ikunu vittmi tat-traffikar, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-bżonn tagħhom għal appoġġ psikoloġiku u aċċess għas-servizzi ta' riabilitazzjoni. It-tuturi jridu jiżguraw li l-minorenni jirċievi l-kura u t-trattament xierqa u li jkollu aċċess għal servizzi tas-saħħa mentali, meta jkunu meħtieġa. It-tuturi għandhom jappoġġjaw lill-minorenni matul it-terapija, filwaqt li jirrispettaw il-kodiċijiet etiċi mediċi bis-sħiħ.

It-tfal b'diżabilitajiet jeħtieġu protezzjoni speċjali (**l-Artikolu 23 tas-CRC**). Id-diżabilità tista' tkun il-konsegwenza tal-isfruttament u t-traffikar iżda tista' tkun fattur ta' riskju għat-traffikar ukoll. Is-sitwazzjoni partikolari tat-tfal b'diżabilitajiet għandha tiġi kkunsidrata mit-tuturi u l-atturi kollha l-oħrajn involuti fl-identifikazzjoni u l-protezzjoni

tal-vittmi. Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u s-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal għandhom jaraw li jingħata appoġġ adegwat lit-tfal b'diżabilitajiet. Meta jkun hemm bżonn, għandha tiġi pprovduta assistenza speċjalizzata permezz tal-kooperazzjoni ma' servizzi u organizzazzjonijiet speċjalizzati oħrajn.

## 6.6. Edukazzjoni u taħriġ

Id-dritt għall-edukazzjoni għat-tfal kollha huwa stipulat fl-**Artikolu 28** tas-**CRC**. Fl-Artikolu 14, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tistipula wkoll li kulħadd għandu jgawdi mid-dritt għall-edukazzjoni. Għal tfal vittmi tat-traffikar, l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tipprovdi b'mod espliċitu għall-aċċess għall-edukazzjoni kif jagħmel ukoll l-*acquis* tal-UE dwar l-ażil (Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE), l-Artikolu 14 u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) Artikolu 27). Fir-rigward tad-dritt ta' minorenni għall-edukazzjoni, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jiżguraw l-aċċess għat-tfal kollha wara l-età tal-iskola obbligatorja u lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-edukazzjoni obbligatorja.

L-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u kontinwu għandu jiġi salvagwardjat għat-tfal kollha wkoll. Ir-riċerka tal-FRA sabet li ħafna tfal xtaqu jsegwu korsijiet ta' taħriġ, iżda spiss ma setgħux. It-tali taħriġ jista' jkun partikolarment siewi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li eventwalment jaf imorru lura fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

*Sors: FRA (2010),* Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, *Rapport komparattiv* (*Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report*), *disponibbli bl-Ingliż fuq: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf*

Ir-reġistrazzjoni fi skola għandha ssir wara kull perjodu ta' rkupru neċessarju għall-minorenni u f'konsultazzjoni mal-minorenni. It-tfal għandhom jingħataw aċċess għal korsijiet tal-lingwa, meta dan ikun xieraq.

It-tuturi għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-esperjenza edukattiva fl-imgħoddi tal-minorenni, jipprovdu lill-minorenni bl-informazzjoni xierqa dwar l-opportunitajiet u l-programmi edukattivi disponibbli, u mbagħad jiżviluppaw, f'konsultazzjoni mal-minorenni, pjan edukattiv personali. Dan il-pjan speċifiku għandu jkun parti mill-pjan individwali usa' mfassal għall-minorenni.

It-tutur għandu jara li l-minorenni jirċievi l-appoġġ psikoloġiku u edukattiv neċessarju kollu sabiex jintegra fl-ambjent tal-iskola u jegħleb kull diffikultà li tinbet minn disturb postrawmatiku jew minn assenza twila mill-iskola.

**Lista ta' kontroll: L-azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mal-edukazzjoni**

- √ Jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex il-minorenni jirreġistra b'suċċess fl-iskola jew istituzzjoni edukattiva oħra, fuq il-bażi tal-pjan edukattiv.
- √ Jikkuntattja spiss lill-persunal tal-iskola u jitlob informazzjoni fuq kif sejjer il-minorenni u dwar kif iġibu ruħu l-iskola.
- √ Jattendi laqgħat tal-iskola u laqgħat tal-ġenituri u l-għalliema.
- √ Jiddiskuti l-isfidi u t-tħassib mal-għalliema tal-minorenni.
- √ Jikkonsulta mal-minorenni dwar il-pjan edukattiv tiegħu u l-isfidi possibbli li jaffaċċja u, meta jkun hemm bżonn, jara li jingħata appoġġ adegwat f'kooperazzjoni ma' entitajiet oħrajn, pereżempju NGOs li jipprovdu korsijiet tal-lingwa jew korsijiet ta' appoġġ.

# 7. Iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tat-tfal

Id-dritt li l-minorenni jinstema' u li l-fehmiet tiegħu jingħataw l-importanza mistħoqqa huwa mnaqqax fl-**Artikolu 12 tas-CRC**. Ir-rispett għall-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minorenni jeħtieġ li l-awtoritajiet jieħdu inkunsiderazzjoni l-fehma tal-minorenni kull meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-minorenni.

Bħala l-persuna responsabbli għas-salvagwardja tal-aħjar interessi tal-minorenni, it-tutur irid jgħin lill-minorenni jieħu sehem fil-proċessi kollha ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwawh, u jiżgura li l-awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet jirrispettaw id-dritt tal-minorenni li jinstema' u li l-fehmiet tiegħu jingħataw l-importanza mistħoqqa.

Meta jkun hemm bżonn, it-tutur għandu jitkellem f'isem il-minorenni u jaqsam il-fehmiet tal-minorenni. Dan jeħtieġ li t-tutur jikkonsulta b'mod sistematiku mal-minorenni.

Sabiex tkompli tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-minorenni, it-tutur għandu jgħin lill-minorenni sabiex isawwar l-opinjonijiet tiegħu billi jżommu informat b'mod adegwat fuq l-aspetti rilevanti kollha, filwaqt li jqis l-età u l-maturità tal-minorenni.

## Kif għandu jiġi informat il-minorenni?

It-tutur irid iżomm lill-minorenni informat dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu kif ukoll dwar il-proċedimenti li fihom jista' jkun involut il-minorenni. Barra minn hekk, it-tutur irid jipprovdi direzzjoni u gwida xierqa meta l-minorenni jeżerċita drittijietu skont

is-CRC, inkluż id-dritt li jinstema'. Dan għandu jsir b'mod konsistenti mal-kapaċitajiet ta' żviluppar tal-minorenni.

Prattika promettenti

## Elenku tal-medjaturi kulturali

Fl-2007 il-muniċipalità Taljana ta' Napli introduċiet reġistru speċjali ta' tuturi voluntiera bi sfondi kulturali u etniċi differenti li jaġixxu bħala medjaturi kulturali u lingwistiċi. L-użu ta' medjaturi kulturali u lingwistiċi huwa appoġġ kbir għall-ħidma tat-tuturi u jgħin fl-integrazzjoni soċjali tat-tfal.

*Sors: Riċerka tal-FRA (2013)*

It-tutur għandu jitkellem mal-minorenni f'kuntest kunfidenzjali (ara wkoll l-introduzzjoni għall-Parti II).

Sabiex jieħu sehem kif xieraq, il-minorenni jrid ikun irċieva informazzjoni adegwata. Dak huwa prerekwiżit sabiex:

- jiġi ssodisfat id-dritt tal-minorenni li jieħu sehem bis-sħiħ fil-proċedimenti u l-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet u li l-fehmiet tiegħu jinstemgħu u jingħataw l-importanza mistħoqqa;
- jiġi żgurat li l-aħjar interessi tal-minorenni huma rappreżentati u rispettati bis-sħiħ;
- jiġi promoss il-benesseri tal-minorenni;
- tinħoloq relazzjoni ta' fiduċja u fehim reċiproku u rispett mal-minorenni.

Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fil-Kumment Ġenerali tiegħu Nru 12 jipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt li l-minorenni jinstema'.

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod li jinftiehem mill-minorenni. Sabiex tkun effettiva, għandha tingħata bil-fomm u/jew bil-miktub, skont x'inhu l-iktar xieraq, u għandha tiġi pprovduta f'lingwa li jifhem il-minorenni, filwaqt li titqies l-età, il-maturità u l-kapaċitajiet ta' żviluppar tal-minorenni. It-tutur għandu jara li l-minorenni jifhem u jista' jiftakar l-informazzjoni pprovduta. Kunsiderazzjonijiet kulturali u marbutin mas-sessi għandhom jiġu kkunsidrati wkoll meta jiġi mgħarraf il-minorenni. L-użu ta' medjaturi kulturali jista' jkun tassew siewi u għandu jitħeġġeġ meta xieraq.

Il-Kummissjoni tal-UE żviluppat *Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin*, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawk id-drittijiet ibbażati fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-direttivi tal-UE, deċiżjonijiet qafas u l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-pubblikazzjoni tal-2013 hija disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Għat-tfal vittmi tat-traffikar, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) u d-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) jistipulaw id-dritt tal-vittmi għal informazzjoni. Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) fl-**Artikolu 4 (1)** tistipula li l-vittmi kollha ta' reati huma intitolati għal informazzjoni, mingħajr dewmien żejjed, sa mill-ewwel kuntatt tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti (bħall-pulizija jew l-awtoritajiet ġudizzjarji). L-informazzjoni għandha tingħata f'lingwa li tifhem il-vittma, inkella ma tkunx effettiva (Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE), l-Artikolu 3 (1) u 3 (2)). Il-liġi tal-UE tipprovdi lista komprensiva ta' informazzjoni li għandhom jirċievu l-vittmi ta' reati, inklużi tfal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, (Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE), l-Artikolu 4 (1)).

Fil-kuntest tat-traffikar, it-tuturi, kif ukoll professjonisti oħrajn li jaħdmu mal-vittmi tfal, iridu jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt tal-minorenni li jinstema' iżda għandhom jiftakru li l-minorenni jista' jkun taħt l-influwenza tat-traffikant. Hemm bżonn li jinkiseb fehim ta' kemm it-traffikant għadu jikkontrolla lill-minorenni b'mod psikoloġiku jew xi mod ieħor. F'dawn il-każijiet, jaf ikun hemm bżonn ta' pariri oġġettivi u esperti li jistgħu jixħtu l-evidenza tal-minorenni fil-kuntest xieraq, sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tal-minorenni.

# 8. Kif taġixxi bħala intermedjarju bejn il-minorenni u l-oħrajn

Sabiex jissodisfa l-kompiti tiegħu u jiżgura li qegħdin jiġu koperti l-ħtiġijiet legali, soċjali, tas-saħħa, psikoloġiċi, materjali u edukattivi tal-minorenni, it-tutur irid jaġixxi bħala ħolqa bejn il-minorenni u l-aġenziji speċjalisti u l-individwi responsabbli mill-forniment tal-kura kontinwa li jeħtieġ il-minorenni. Jeħtieġ ukoll li jirrispetta, u jargumenta favur, id-dritt tal-minorenni li jinstema', u li jħaffef il-parteċipazzjoni tal-minorenni f'kull deċiżjoni li taffettwah.

It-tutur jieħu post il-ġenituri bijoloġiċi jew persuni oħrajn b'responsabbiltajiet ta' ġenituri. Huwa l-persuna ta' referenza għall-minorenni u l-ħolqa bejn il-minorenni u l-ispeċjalisti li jieħdu ħsieb u jassistu lill-minorenni. It-tutur għandu jħaffef il-kuntatt u l-komunikazzjoni tal-minorenni ma' professjonisti oħrajn kif ukoll iżomm għajnejh fuq

l-azzjonijiet tagħhom sabiex jiżgura li s-servizzi li jipprovdu jissodisfaw l-aħjar interessi tal-minorenni. Il-Figura 12 turi t-tipi ta' atturi li magħhom għandu jinteraġixxi t-tutur.

**Figura 12: It-tutur li jaġixxi bħala ħolqa bejn bosta atturi**




*Sors: FRA, 2014*

Prattika promettenti

## Identifikazzjoni ta' soluzzjoni dejjiema: rwol it-tutur

Skont il-liġi Belġjana, it-tutur jissottometti mal-awtoritajiet opinjoni bil-miktub fuq soluzzjoni dejjiema fl-aħjar interessi tal-minorenni. Jikkomunika wkoll kull bidla fis-sitwazzjoni tal-minorenni li tista' tħalli effett fuq is-soluzzjoni dejjiema lill-Uffiċċju tal-Minorenni tad-Direttorat dwar id-Dħul fil-Pajjiż u r-Residenza.

L-awtoritajiet tal-migrazzjoni jieħdu d-deċiżjoni finali iżda t-tuturi jistgħu jappellaw id-deċiżjoni tagħhom jekk iqisu li tmur kontra l-aħjar interessi tal-minorenni.

*Sorsi: Il-Belġju,* Ittra Ċirkulari tal-15 ta' *Settembru 2005, fis-seħħ mis-7 ta' Ottubru 2005; L-Att dwar it-Tutela tal-24 ta' Diċembru 2002, fis-seħħ mid-29 ta' Jannar 2004*

# 9. Kif tista' tgħin sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema fl-aħjar interessi tal-minorenni

Dan il-kapitlu jikkonċerna tfal mhux akkumpanjati li jinsabu barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Minbarra li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati tal-minorenni, hemm bżonn ta' pjan fit-tul għal kull minorenni fit-tutela. Għal tfal mhux akkumpanjati li jinsabu barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, pjan iktar fit-tul ifisser is-sejbien ta' "soluzzjoni dejjiema" li tkun fl-aħjar interssi tal-minorenni. L-eżempji ta' soluzzjonijiet dejjiema possibbli huma integrazzjoni lokali fil-pajjiż ospitanti, ir-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tal-minorenni u t-tqegħid mal-membri tal-familja f'pajjiż terz. Jekk it-tfal ikunu barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom u l-membri tal-familja tagħhom jkunu għadhom fil-pajjiż ta' oriġini, trid tittieħed deċiżjoni dwar jekk ir-ritorn tal-minorenni mal-ġenituri jew l-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti jkunux fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tistipula (**Premessa 23**) li:

> *"Deċiżjoni dwar il-futur ta' kull tifel jew tifla vittma mhux akkumpanjata għandha tittieħed fl-iqsar perijodu ta' żmien possibbli bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet dejjiema bbażati fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tat-tifel jew tifla, li għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja. Soluzzjoni dejjiema tista' tkun ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid fil-pajjiż tal-oriġini jew fil-pajjiż tar-ritorn, l-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti, l-għoti ta' status ta' protezzjoni internazzjonali jew l-għoti ta' status ieħor f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri".*

Barra minn hekk, l-Artikolu 14 (1) tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), b'konformità mal-Artikoli 3 u 12 tas-CRC, jisħaq fuq il-prinċipju ta' parteċipazzjoni tat-tfal u jistabbilixxi li l-awtoritajiet rispettivi għandhom iqisu "l-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal bil-għan li tinstab soluzzjoni fit-tul għat-tfal".

Soluzzjoni dejjiema għandha tiżgura li d-drittijiet tal-minorenni jkunu protetti fil-ġejjieni. Soluzzjoni bħal din għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet immedjati tal-minorenni iżda tindirizza wkoll kunsiderazzjonijiet tal-iżvilupp. Komponent ewlieni minnhom huwa li tiżgura li l-minorenni kapaċi jiżviluppa u jsir adult f'ambjent li fih id-drittijiet u l-ħtiġijiet tiegħu definiti mis-CRC huma salvagwardjati u li jipproteġih minn ħsara serja u persekuzzjoni. Deċiżjoni jew pjan li sempliċiment jipprovdu sabiex il-minorenni jkun sostnut sakemm jagħlaq 18-il sena mhumiex soluzzjoni dejjiema. Lanqas ma jkun xieraq li tiġi ttardjata għalxejn deċiżjoni dwar id-dritt ta' minorenni għal protezzjoni internazzjonali sakemm jagħlaq it-18-il sena.

*Il-gwida dwar kif tinstab soluzzjoni dejjiema għal tfal mhux akkumpanjati li jinsabu barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom tista' tinkiseb mill-Kumment Ġenerali Nru 6 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2005) Trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u mifrudin barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom (Treatment of unaccompanied and separated children outside their country of origin)*, il-paragrafi 79–94, l-1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, *disponibbli bl-Ingliż fuq: http://www.refworld.org/docid/42dd174b4.html.*

Ir-rispett tad-dritt tal-minorenni li jesprimi l-fehmiet tiegħu u l-iżgurar tar-rappreżentazzjoni legali tal-minorenni huma żewġ salvagwardji proċedurali ewlenin stabbiliti fil-Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) għall-proċess ta' determinazzjoni u valutazzjoni tal-aħjar interessi. Jiddikjara li "element vitali tal-proċess huwa l-komunikazzjoni mat-tfal sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni sinifikanti tat-tfal u jiġu identifkati l-aħjar interessi tagħhom. It-tali komunikazzjoni għandha tinkludi l-informar tat-tfal dwar il-proċess u s-soluzzjonijiet u s-servizzi sostenibbli possibbli, kif ukoll il-ġbir tal-informazzjoni mingħand tfal u l-kisba tal-fehmiet tagħhom" (Artikolu 3, paragrafu 1).

*Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), Kumment Ġenerali Nru 14,* dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja *(on the right of the child to have his or her best interests taken as a primary consideration), disponibbli bl-Ingliż fuq: http://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC_C_GC_14_ENG.pdf*

Deċiżjonijiet fuq soluzzjoni dejjiema jħallu impatt kbir fuq il-minorenni. Għaldaqstant, il-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jkollhom is-salvagwardji xierqa, u d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn tim b'diversi dixxiplini li jinvolvi l-awtoritajiet rilevanti kollha u jagħtu l-importanza mistħoqqa lill-fehmiet tal-minorenni skont l-età u l-maturità tiegħu. It-tali proċess jeħtieġ li jintiżnu fatturi differenti elenkati fil-Kapitlu 5, u spiss jissejjaħ "determinazzjoni tal-aħjar interessi". Ir-raġunijiet wara din id-deċiżjoni jridu jiġu speċifikati u d-deċiżjoni stess trid tiġi dokumentata fil-fajl personali tal-minorenni.

It-tutur għandu jikkontribwixxi b'mod attiv għall-proċess ta' determinazzjoni, filwaqt li jiżgura li l-fehmiet tal-minorenni jinstemgħu b'mod adegwat u jingħataw kunsiderazzjoni skont il-Kumment Ġenerali Nru 14 tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Meta jkunu qed jistabbilixxu l-aħjar interessi tal-minorenni, l-awtoritajiet dejjem għandhom ifittxu x'jaħseb u x'inhi l-fehma tat-tutur sabiex jiżguraw kemm ir-rispett tal-prinċipju tal-aħjar interessi kif ukoll rappreżentazzjoni xierqa tal-fehmiet tal-minorenni fil-proċess ta' identifikazzjoni ta' soluzzjoni dejjiema. Il-pożizzjoni u r-rwol tat-tutur fit-tali proċedimenti għandhom jissaħħew billi jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew linji gwida uffiċjali, li għandhom jistabbilixxu d-dritt u d-dmir tat-tutur li jissottometti rapport bil-miktub fuq din il-kwistjoni.

## 9.1. Ripatrijazzjoni u ritorn

Ir-ritorn tal-minorenni lejn il-pajjiż ta' oriġini fil-prinċipju għandu jsir biss jekk ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. Irid isir skont il-prinċipju ta' non-*refoulement*, li jipprojbixxi r-ritorn għal tortura, persekuzzjoni jew ħsara serja oħra.

Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tistipula li, jekk vittma tkun ġiet traffikata barra l-pajjiż ta' oriġini tagħha, ir-ritorn jista' jkun waħda mill-possibbiltajiet, iżda mhux l-unika waħda (Premessa 23). L-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva jistipula li l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-ħsieb li jsibu soluzzjoni dejjiema bbażata fuq valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tat-tfal". L-Istrateġija dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tosserva wkoll fil-Prijorità A, Azzjoni 3, "Il-Protezzjoni tat-tfal vittmi tat-traffikar", li l-Istati Membri, "meta jqisu li r-ritorn huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, għandhom jiżguraw ir-ritorn sikur u sostenibbli tal-minorenni lejn il-pajjiż ta' oriġini, fl-UE u barra minnha, u jevitaw milli jerġa' jiġi traffikat".

**L-Artikolu 10** tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE) jeħtieġ li, "Qabel jiġi deċiż li jinħarġu deċiżjonijiet ta' ritorn fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati, għandha tingħata assistenza minn korpi xierqa oħra apparti l-awtoritajiet li jinfurzaw it-tneħħija b'konsiderazzjoni dovuta għall-aħjar interessi tat-tfal." Jeħtieġ ukoll li minorenni mhux akkumpanjat jiġi ritornat għand membru tal-familja tiegħu, jingħata tutur nominat jew jintbagħat f'faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati.

Il-linji gwida tal-UNHCR dwar id-determinazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni(2008) u l-manwal prattiku għall-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida (2011) jipprovdu gwida komprensiva lill-awtoritajiet responsabbli u dawk li jaħdmu fil-qasam involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Jispjegaw kif jiġi applikat il-prinċipju tal-aħjar interessi fil-prattika, meta jiġu identifikati u implimentati soluzzjonijiet dejjiema għal tfal mhux akkumpanjati.

*Sorsi: UNHCR (2008),* Linji gwida tal-UNHCR dwar id-determinazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni (*UNHCR guidelines on determining the best interests of the child*), *Mejju 2008, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.refworld.org/docid/48480c342.html; UNHCR u l-International Rescue Committee (IMC) (2011),* Manwal prattiku għall-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-BID tal-UNHCR (*Field handbook for the implementation of UNHCR BID guidelines*), *disponibbli bl-Ingliż fuq: www.refworld.org/pdfid/4e4a57d02.pdf*

Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal jelenka kriterji speċifiċi li dejjem għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fi proċeduri li jistabbilixxu l-aħjar interessi tal-minorenni meta jivvalutaw il-possibbiltajiet ta' ritorn.

*Sors: Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6,* It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u mifrudin barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom (Treatment of unaccompanied and separated children outside their country of origin), *l-1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, paragrafu 84*

Ġeneralment, l-interessi ta' minorenni mhux akkumpanjati jiġu ssodisfati l-iktar meta l-minorenni jkun jista' jintbagħat lura ma' familtu. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza, inkluż ir-riskju li jerġa' jiġi traffikat, jistgħu jkunu jisbqu l-benefiċċji tar-**riunifikazzjoni tal-familja**. Sabiex jiġi stabbilit jekk ir-riunifikazzjoni tal-familja hijiex fl-aħjar interessi tal-minorenni, iridu jiġu kkunsidrati u bbilanċjati fatturi differenti, inklużi l-fehmiet tal-minorenni. Il-fatturi għall-bilanċ huma l-istess bħal dawk elenkati fil-Kapitlu 5 dwar il-valutazzjoni tal-aħjar interessi.

Meta, wara l-proċess dovut, ir-riunifikazzjoni tal-familja fil-pajjiż ta' oriġini tkun tqieset li hija fl-aħjar interessi tal-minorenni, it-tutur għandu jgħin fil-proċess ta' **ritorn volontarju**. Wara li jkun kiseb il-kunsens tal-minorenni, it-tutur jista' jistabbilixxi kuntatt dirett mal-membri tal-familja tal-minorenni kif ukoll mal-entitajiet rilevanti kemm fil-pajjiż ospitanti kif ukoll fil-pajjiż ta' oriġini, sabiex iħejji għar-ritorn tal-minorenni.

Huma biss ftit l-Istati Membri tal-UE li jispeċifikaw rwol skont il-liġi għat-tutur fl-identifikazzjoni ta' soluzzjoni dejjiema. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, it-tuturi, li jaġixxu bħala rappreżentanti legali tal-minorenni, għandhom id-dritt li jappellaw kontra deċiżjoni ta' ritorn, meta jqisu li mhuwiex fl-aħjar interessi tal-minorenni.

*Sors: FRA, 2014,* It-tfal vittmi tat-traffikar: ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tutela fl-Unjoni Ewropea (Child victims of trafficking: overview of guardianship systems in the European Union) *(pubblikazzjoni pendenti)*

It-tutur għandu jkun l-ewwel punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet li biħsiebhom joħorġu **deċiżjoni ta' ritorn** għal minorenni mhux akkumpanjat. Għandhom jikkuntattjaw u jikkonsultaw lit-tutur, u jagħtu l-kunsiderazzjoni mistħoqqa lill-fehmiet tiegħu dwar x'inhuma l-aħjar interessi tal-minorenni. Sabiex jiġi stabbilit jekk ir-ritorn huwiex fl-aħjar interessi ta' minorenni, il-prattika tajba tinkludi t-twettiq ta' determinazzjoni tal-aħjar interessi kif spjegat iktar 'il fuq. It-tutur jista' jniedi l-proċess billi jitlob lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiksbu u jeżaminaw informazzjoni mingħand il-pajjiż ta' oriġini tal-minorenni.

Importanti wkoll li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu valutazzjoni tal-familja u soċjali bħala prekundizzjoni għat-teħid ta' deċiżjoni informata dwar jekk ir-ripatrijazzjoni u r-riunifikazzjoni tal-familja tkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni.

## Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mar-ripatrijazzjoni

√ Jidħol f'kuntatt mal-awtoritajiet li jieħdu deċiżjoni ta' ritorn u jitlob li jiġi kkonsultat.

√ Jaqsam il-konklużjonijiet dwar jekk ritorn huwiex fl-aħjar interessi tal-minorenni u jitlob li tingħata kunsiderazzjoni lill-fehmiet tiegħu.

√ Jirrakkomanda li minorenni jiġi ritornat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu biss meta dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

√ Jirrakkomanda ritorn volontarju u mhux imġiegħel, u jitlob żmien sabiex iħejji lill-minorenni jekk ir-ritorn jitqies li huwa fl-aħjar interessi tiegħu.

√ Jitlob li ma tinħareġ ebda deċiżjoni qabel ma jiġu kkunsidrati l-fehmiet tat-tutur u l-minorenni.

√ Jekk l-awtoritajiet joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għall-kuntrarju ta' dak li jaħseb it-tutur, jitlob spjegazzjonijiet bil-miktub dwar għaliex kien hemm kunsiderazzjonijiet oħrajn li kienu prevalenti fuq l-aħjar interessi tal-minorenni.

√ Jitlob li tiġi sospiża tneħħija, jekk ebda awtorità għajr dik li tinfurza r-ritorn ma kienet involuta qabel ma ttieħdet deċiżjoni ta' ritorn. b'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE).

√ Jekk il-minorenni jitreġġa' lura iżda mhux lil membri tal-familja, jiskoraġġixxi r-ritorn sakemm jitlestew it-tħejjijiet għall-arranġamenti siguri u konkreti għar-responsabbiltajiet ta' indukrar u kustodja.

√ Jissorvelja t-tħejjija u l-monitoraġġ ta' pjan ta' riintegrazzjoni individwali qabel u wara r-ritorn.

√ Jipprovdi informazzjoni lill-minorenni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini malli jirritorna u jħejji lill-minorenni għar-ritorn.

√ Meta jitqies neċessarju, u f'konsultazzjoni mal-minorenni, jakkumpanja lill-minorenni matul ir-ritorn tiegħu jew jara li persuni oħrajn li jafda jagħmlu dan u li jiltaqgħu mal-familja malli jaslu.

√ Jippromwovi l-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-għoti ta' rispons dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni wara r-ritorn.

√ Jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni jew istituzzjonijiet oħrajn li jimplimentaw programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni volontarji.

## 9.2. Integrazzjoni fil-pajjiż ospitanti

Soluzzjoni dejjiema oħra possibbli li hija fl-aħjar interessi tal-minorenni tista' tkun l-integrazzjoni tiegħu fil-pajjiż ospitanti, fejn ma jkunx f'riskju ta' abbuż u sfruttament.

Soluzzjoni bħal din trid tinkludi passaġġ sikur mit-tfulija għall-adultezza. Meta jinstab li l-integrazzjoni hija fl-aħjar interessi tal-minorenni, il-minorenni għandu jingħata permess ta' residenza stabbli. Meta jagħlaq 18-il sena, u għalhekk ma jibqax intitolat għal appoġġ u akkomodazzjoni jew permess li jibqa' fl-istat ta' destinazzjoni, dan il-permess jiżgura l-protezzjoni tal-minorenni minn detenzjoni fit-tul, milli jsir nieqes jew mili jkun vulnerabbli għal netwerks tat-traffikar ukoll.

Is-sempliċi tħallija ta' minorenni sabiex jibqa' f'pajjiż partikolari sakemm jagħlaq it-18-il sena mhijiex soluzzjoni sinifikanti jew dejjiema. Ma tindirizzax il-ħtiġijiet fil-ġejjieni tal-minorenni u lanqas ma tieħu perspettiva fit-tul. Ma tiżgurax li jkunu protetti d-drittijiet tal-minorenni fil-futur qarib.

Meta l-integrazzjoni fil-pajjiż ospitanti tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni, it-tuturi għandhom jinsistu li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fit-tul tal-minorenni. Dan jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-minorenni jkollu status ta' residenza fil-pajjiż li jippermettilu jibqa' fil-pajjiż legalment wara li jsir adult.

It-tutur għandu jsostni lill-minorenni fil-passaġġ tiegħu mit-tfulija għall-adultezza u jippreparah għal ħajja indipendenti (Figura 13; ara wkoll it-Taqsima 4.2).

It-tutur għandu jipprovdi informazzjoni adegwata u onesta u jrid jgħarraf lill-minorenni dwar bidliet fl-istatus ta' residenza, id-drittijiet u l-obbligi, u l-intitolamenti ta' protezzjoni meta jkunu rilevanti.

It-tutur għandu jirreferi lill-minorenni jew lill-adult żagħżugħ lis-servizzi soċjali, joħloq rabtiet mas-servizzi tal-komunità u jassisti b'mod ġenerali lill-minorenni sabiex joħloq sistema ta' protezzjoni soċjali li tista' ssostnih u tiżgura tranżizzjoni sikura għall-ħajja indipendenti.

### Figura 13: Preparazzjoni tal-minorenni biex jimxi mit-tfulija għall-adultezza




*Sors: FRA, 2014*

Meta l-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni, it-tutur għandu jsostni bis-sħiħ dak il-proċess, u jagħti kunsiderazzjoni partikolari lil kwistjonijiet bħal: l-opportunitajiet ta' edukazzjoni, il-korsijiet fil-lingwa u t-taħriġ vokazzjonali disponibbli, is-servizzi ta' forniment tal-kura tas-saħħa u ta' riabilitazzjoni, il-kuntatti soċjali u r-rabtiet mal-komunità lokali.

"Meta minorenni involut fl-implimentazzjoni tal-proġett tal-ħajja tiegħu jilħaq l-età adulta u meta juri impenn serju għall-karriera edukattiva jew vokazzjonali tiegħu u determinazzjoni li jintegra fil-pajjiż ospitanti, għandu jinħariġlu permess ta' residenza temporanju sabiex ilesti l-proġett tal-ħajja u għaż-żmien meħtieġ biex jagħmel dan."

*Sors: Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2007), Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2007)9 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-proġetti tal-ħajja għal minorenni migranti mhux akkumpanjati (Recommendation CM/Rec(2007)9 of the Committee of Ministers to member states on life projects for unaccompanied migrant minors), it-12 ta' Lulju 2007, paragrafu 26, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.coe.int/t/dg3/migration/archives/Source/Recommendations/Recommendation%20CM%20R.ec_2007_9_en.pdf*

It-tutur għandu jiżviluppa pjan ta' indukrar individwali f'kooperazzjoni mal-minorenni, bil-għan li jsostni lill-minorenni fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tiegħu u jippermettilu jikseb u jsaħħaħ il-ħiliet meħtieġa biex isir indipendenti, responsabbli u attiv fis-soċjetà. Il-kunċett ta' "proġetti tal-ħajja", promoss mill-Kunsill tal-Ewropa, jipprovdi gwida siewja f'dak ir-rigward. Il-proġetti tal-ħajja għandhom l-għan ta'

integrazzjoni soċjali tat-tfal, l-iżvilupp personali u kulturali tagħhom u l-ħtiġijiet tagħhom b'rabta mal-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-impjiegi.

Il-konsegwenzi fuq is-saħħa fit-terminu qasir u fit-tul tal-vjolenza fuq it-tfal u t-trattament ħażin tat-tfal ma għandhomx jiġu sottovalutati. It-tfal vittmi tat-traffikar u ta' forom oħrajn ta' vjolenza u abbuż huma partikolarment vulnerabbli. Dan għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni u t-tuturi għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom aċċess għal appoġġ adegwat u servizzi ta' riabilitazzjoni.

It-tutur għandu jipprovdi informazzjoni adegwata u onesta u jappoġġja lill-minorenni fil-ħajja mingħajr is-servizzi ta' indukrar. F'dak ir-rigward, it-tutur għandu jissielet għall-assistenza u l-appoġġ speċjali ssoktati għall-adulti żgħażagħ meta xieraq, bl-istess kundizzjonijiet applikati għall-adulti żgħażagħ li huma ċittadini tal-pajjiż ospitanti.

# 10. L-eżerċitar tar-rappreżentazzjoni legali u l-appoġġ lill-minorenni fil-proċeduri legali

Tfal imċaħħdin mill-indukrar tal-ġenituri jisgtħu jkunu involuti fi proċeduri legali differenti. Dan il-kapitlu jiddeskrivi l-iktar komuni (għajr il-proċeduri ta' ritorn, li huma deskritti fit-Taqsima 9.1). It-tutur għandu rwol x'jaqdi f'dawn il-proċeduri, anki jekk il-minorenni jkun ġie assenjat rappreżentant legali speċifiku.

F'termini ġenerali, tutur irid:

- jgħarraf lill-minorenni bid-dritt tiegħu għal pariri u rappreżentazzjoni legali;
- jiżgura li jinħatar rappreżentant legali u li jiġu pprovduti pariri legali b'xejn kull meta l-minorenni jkun intitolat għalihom;
- jissorvelja l-ħidma tal-professjonisti li jipprovdu assistenza u rappreżentazzjoni legali;
- jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-minorenni u t-tali professjonisti meta jkun hemm bżonn, inkluż billi jieħu passi sabiex jorganizza l-preżenza ta' interpretu kkwalifikat;
- meta jkun hemm bżonn, jakkumpanja lill-minorenni u jieħu sehem b'mod attiv f'intervisti u seduti mal-minorenni.

Minbarra t-tali dmirijiet ġenerali, it-tutur jista' jaqdi rwol iktar speċifiku wkoll li jiddependi mit-tip ta' proċedura u s-sitwazzjoni tal-minorenni individwali. It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu d-dmirijiet tat-tutur fi proċeduri amministrattivi, ċivili u kriminali partikolari (Figura 14).

**Figura 14: L-eżerċizzju tar-rappreżentazzjoni legali, l-appoġġ lill-minorenni fi proċeduri legali u l-iżgurar tal-aċċess għal assistenza u konsulenza legali**




*Sors: FRA, 2014*

## 10.1. Proċeduri ta' valutazzjoni tal-età

Fl-**Artikolu 13 (2)**, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tistabbilixxi s-suppożizzjoni tat-tfulija, li biha "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età tal-persuni suġġetti għat-traffikar tal-bnedmin ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalfejn wieħed għandu jemmen li l-persuni jkunu tfal, għandu jkun preżunt li huma jkunu tfal u jirċievu aċċess immedjat għall-protezzjoni u l-assistenza ".

It-traffikanti jistgħu jkunu pprovdew lill-vittmi b'dokumenti foloz jew jistgħu jkunu qalu lill-vittmi tfal sabiex jgħidu li huma adulti jew, inkella, lil vittmi adulti

L-EASO tosserva li bħalissa ma hemm ebda metodu sabiex tinstab l-età eżatta ta' individwu. Il-metodi ta' valutazzjoni tal-età għandhom jirrispettaw l-individwi u d-dinjità umana tagħhom; hemm tħassib dwar kemm ċerti metodi użati huma invażivi u impreċiżi. Il-konsegwenzi tal-valutazzjonijiet tal-età huma serji, peress li jistgħu jirriżultaw f'minorenni li jiġi ttrattat bħala adult, jew adult bħala minorenni. L-EASO tirrakkomanda wkoll li jinħatar tutur jew rappreżentant legali qabel ma jsiru l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età.

*Sors: L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (2014),* (Il-prattika ta' valutazzjoni tal-età tal-EASO fl-Ewropa (EASO age assessment practice in Europe), *disponibbli bl-Ingliż fuq: https://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-Age-assessment-practice-in-Europe.pdf*

sabiex jgħidu li huma tfal. L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jew ġudizzjarji jistgħu jitolbu li ssir valutazzjoni tal-età. L-awtoritajiet għandhom jibdew proċess ta' sejbien tal-età, mhux biss meta ma jaqblux fuq l-età tal-persuna kkonċernata iżda anki meta jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li persuna li qed tippreżenta lilha nfisha bħala adult tista' tkun vittma minorenni.

Il-liġi tal-UE dwar l-ażil fiha ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-età ta' tfal mhux akkumpanjati. **L-Artikolu 25 (5)** tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil jistabbilixxi li l-persuna kkonċernata għandha tingħata l-benefiċċju tad-dubju. Il-kunsens tal-minorenni u/jew il-kunsens tar-rappreżentant tiegħu għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-età huwa prerekwiżit (Artikolu 25 (5) (b) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil).

Qabel tida l-proċedura ta' valutazzjoni tal-età, il-persuna li twettaq il-kompiti ta' tutur għandha tiġi assenjata għall-individwu li jiddikjara li huwa minorenni. Skont iċ-ċirkustanzi, din il-persuna tista' teżerċita dawn id-dmirijiet biss fuq bażi temporanja jew issir tutur iktar permanenti. Il-persuna għandha tħejji lill-minorenni għall-valutazzjoni u għandha takkumpanja u ssostni lill-minorenni matul il-proċess sħiħ.

## Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mal-valutazzjoni tal-età

- √ Jara li hemm raġuni leġittima għall-valutazzjoni tal-età u jitlob li l-minorenni li jkunu jidher b'mod ċar li huma taħt l-età, ma jkunux soġġetti għal valutazzjoni bħal din.
- √ Jiżgura li l-minorenni jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċedura ta' valutazzjoni tal-età, inkluża informazzjoni ċara dwar l-iskop tagħha, il-proċess u l-konsegwenzi possibbli; l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq għall-minorenni u f'lingwa li jifhem.
- √ Jiżgura li l-valutazzjoni tal-età ssir bil-kunsens informat tal-minorenni u t-tutur.
- √ Jivverifika li l-professjonisti indipendenti b'kompetenza xierqa li huma midħla tal-isfond etniku u kulturali tal-minorenni jwettqu l-valutazzjoni tal-età u jagħmluha b'mod sikur, iffokat fuq il-minorenni u sensittiv għall-ġeneru, filwaqt li jirrispettaw if xieraq id-dinjità tal-minorenni.
- √ F'każ li jifdal xi dubju dwar l-età tal-minorenni wara li titlesta l-valutazzjoni tal-età, jinsisti li persuna titqies li hija minorenni.

- √ Jiżgura li l-eżitu à tal-proċedura jiġi spjegat lill-minorenni b'mod xieraq għall-minorenni u f'lingwa li jifhem.
- √ Jitlob sabiex ir-riżultati tal-proċedura tal-valutazzjoni jinqasmu mat-tutur u jdaħħalhom fil-fajl tal-minorenni.
- √ Jiddiskuti mal-minorenni l-possibbiltà ta' appell kontra d-deċiżjoni tal-valutazzjoni tal-età, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.
- √ Bil-qbil tal-minorenni, ikun preżenti matul il-proċedura ta' valutazzjoni tal-età.

## 10.2. Proċeduri għall-permessi ta' residenza

It-tfal kollha vittmi tat-traffikar mingħajr id-dritt ta' soġġorn fil-pajjiż ospitanti għandhom id-dritt għal **perjodu ta' riflessjoni** li matulu ma jistgħux jitneħħew, skont l-**Artikolu 6** tad-Direttiva dwar il-Vittmi tat-Traffikar (Permessi ta' Residenza) (2004/81/KE) u **l-Artikolu 13** tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-Traffikar. Il-vittmi kollha tat-traffikar huma, mingħajr ebda kundizzjoni u irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, intitolati għal dan il-perjodu ta' riflessjoni, li huwa mfassal sabiex jagħtihom biżżejjed ħin jirkupraw, jaħarbu mill-influwenza tat-traffikanti u jieħdu deċiżjoni informata fuq x'jagħmlu, inkluż jekk jikkooperawx mal-awtoritajiet inkarigati mix-xili tat-traffikanti (ara wkoll id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE), Premessa 18).

Id-Direttiva dwar il-Vittmi tat-Traffikar (Permessi ta' Residenza) (2004/81/KE) tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi, għalkemm l-applikazzjoni tagħha tista' tkun ristretta għal adulti, kif għamlu xi Stati Membri. Meta japplikaw id-direttiva għat-tfal, l-Istati Membri jridu jirrispettaw l-aħjar interessi tal-minorenni u, fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma tfal mhux akkumpanjati, jieħdu, fost azzjonijiet oħrajn, "il-passi neċessarji immedjatament sabiex jassiguraw rappreżentanza legali, inkluża r-rappreżentanza fil-proċeduri kriminali, jekk neċessarju, skond il-liġi nazzjonali" (Artikolu 10 (c)).

**L-Artikolu 8** tad-Direttiva dwar il-Vittmi tat-Traffikar (Permessi ta' Residenza) (2004/81/KE) jeħtieġ li l-Istati Membri tal-UE joħorġu **permess ta' residenza** għal vittmi tat-traffikar li jikkooperaw mal-awtoritajiet, diment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Il-permess irid ikun validu għal tal-inqas sitt xhur u jkun jista' jiġġedded. **L-Artikolu 14** tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-Traffikar jistipula li l-awtorità kompetenti tista' toħroġ permessi ta' residenza li jiġġeddu għal vittmi jekk temmen li s-soġġorn tal-vittma huwa meħtieġ minħabba s-sitwazzjoni personali tagħha jew għall-finijiet tal-investigazzjoni kriminali. Għall-vittmi tfal, tistipula li l-permess ta' residenza jinħareġ skont l-aħjar interessi tal-minorenni u, fejn xieraq, jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet

(Artikolu 14 (2)). Il-liġi domestika tista' tipprovdi mezzi oħrajn għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għal minorenni vittma tat-traffikar.

Id-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' perjodu ta' riflessjoni jew il-ħruġ ta' permess ta' residenza normalment jittieħdu mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni spiss f'konsultazzjoni mal-ġudikatura u/jew l-awtoritajiet responsabbli għall-affarijiet soċjali. It-tutur għandu jintervjeni mal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u jitlob li jinħareġ permess, meta dan ikun stipulat fil-liġi domestika, u jappoġġja lill-minorenni f'dan ir-rigawrd.

### Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mal-permessi ta' residenza

- √ Jgħarraf lill-minorenni dwar l-istatus ta' residenza tiegħu u dwar l-għażliet eżistenti sabiex jirregolarizza s-soġġorn tiegħu.
- √ Jivverifika li l-vittma minorenni ġiet informata b'mod adegwat b'mod xieraq għaliha, u f'lingwa li tifhem, dwar id-dritt tagħha għal perjodu ta' riflessjoni u dwar il-possibbiltà ta' permess ta' residenza bbażat fuq l-istatus tagħha bħal vittma skont il-liġi tal-UE u nazzjonali.
- √ Jitlob li jiġi assenjat rappreżentant legali għall-minorenni u javża u jsostni lill-minorenni u lit-tutur b'pariri esperti dwar il-proċeduri u l-kwistjonijiet legali involuti u jirrappreżenta lill-minorenni, meta dan ikun stipulat fil-liġi nazzjonali.
- √ Japplika għall-perjodu ta' riflessjoni u/jew permess ta' residenza f'isem il-minorenni, assistit minn rappreżentant legali jekk ikun hemm bżonn.
- √ Imur flimkien mal-minorenni u jkun preżenti matul l-intervista tal-minorenni mal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni sabiex iħares l-aħjar interessi tal-minorenni u jara li l-fehmiet tal-minorenni jinstemgħu u jingħataw l-importanza mistħoqqa.
- √ Matul il-proċess, jgħin sabiex jiġi żgurat li l-minorenni jkollu aċċess għas-servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni xierqa.

## 10.3. Proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali

Għalkemm mhux il-vittmi kollha tat-traffikar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, uħud minnhom jistgħu jikkwalifikaw għal status ta' protezzjoni għar-rifuġjati jew sussidjarja skont id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE).

Ir-rappreżentant legali meħtieġ mill-*acquis* tal-UE dwar l-ażil huwa persuna li twettaq wieħed mill-kompiti ta' tutur kif deskritt f'dan il-manwal, jiġifieri rappreżentazzjoni legali. Idealment, dan għandu jsir mit-tutur tal-minorenni, jekk ikun hemm wieħed, peress li tipikament dan ikun l-iktar wieħed midħla tas-sitwazzjoni tal-minorenni. Minħabba l-kumplessità tal-proċeduri tal-ażil, it-tutur għandu jitlob l-appoġġ ta' speċjalist fil-liġi dwar l-ażil, fuq il-bażi tal-proċeduri tal-liġi domestika għall-għajnuna legali f'każijiet tal-ażil.

Il-UNHCR ħareġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 1A(2) tal-Konvenzjoni tal-1951 u/jew il-Protokoll tal-1967 b'rabta mal-istatus tar-rifuġjati għal vittmi tat-traffikar u persuni f'riskju li jiġu traffikati.

*Sors: UNHCR,* Il-Linji Gwida dwar il-Protezzjoni Internazzjonali Nru 7. L-applikazzjoni tal-Artikolu 1A(2) tal-Konvenzjoni tal-1951 u/jew il-Protokoll tal-1967 marbut mal-istatus ta' rifuġjati għall-vittmi tat-traffikar u persuni f'riskju li jiġu traffikati (The application of Article 1A(2) of the 1951 Convention and/or 1967 Protocol relating to the status of refugees to victims of trafficking and persons at risk of being trafficked), *is-7 ta' April 2006, HCR/GIP/06/07, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.refworld.org/docid/443679fa4.html*

**L-Artikolu 25** tad-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil (2013/32/UE) jeħtieġ li minorenni jkun rappreżentat fil-proċeduri tal-ażil u jinkludi deskrizzjoni ġenerali tad-dmirijiet tat-tali rappreżentant.

## Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur jew, fin-nuqqas tiegħu, tar-rappreżentant legali b'rabta mal-ażil

- √ Jgħarraf lill-minorenni dwar id-dritt tiegħu li jfittex l-ażil.
- √ Jippreżenta applikazzjoni għall-ażil f'isem il-minorenni, jew jassisti lill-minorenni fis-sottomissjoni ta' applikazzjoni, jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.
- √ Ifittex l-appoġġ ta' avukat tal-ażil ikkwalifikat, sakemm ma jkunx diġà nħatar wieħed, u jżomm rekord tal-azzjonijiet tal-avukat, fejn xieraq.
- √ Jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-minorenni u l-avukat.
- √ Jitlob li l-minorenni jiġi pprovdut bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċedura tal-ażil u dwar il-kompiti u d-dmirijiet tiegħu b'mod xieraq għall-minorenni u għall-età tiegħu.
- √ Jitlob arranġamenti ta' akkoljenza sikura għall-vittma, li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni, inkluża eżenzjoni minn postijiet obbligatorji ta' akkomodazzjoni meta dawn ikunu jixħtu s-sikurezza tal-minorenni f'riskju.
- √ Jakkumpanja lill-minorenni fl-intervisti tal-ażil u jappoġġja lill-avukat, jekk ikun hemm bżonn.

- √ Jappoġġja u jipprepara lill-minorenni, emozzjonalment u psikoloġikament, għall-intervista/i tal-ażil u jirreferi għal kull konsulenza psikoloġika addizzjonali wara l-intervista, jekk ikun hemm bżonn.
- √ Jara li l-minorenni jingħata l-opportunità li jinstema' u li l-opinjoni u l-fehmiet tiegħu jingħataw l-importanza mistħoqqa, u jirrappreżenta u jargumenta favur l-aħjar interessi tal-minorenni.
- √ Jiżgura li l-minorenni jiġi pprovdut bit-traduzzjonijiet xierqa u jkollu aċċess għal servizzi ta' interpretazzjoni b'xejn, meta jkun hemm bżonn.
- √ Jiżgura li jiġi ppreżentat appell kontra deċiżjoni negattiva dwar l-ażil meta dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni, bl-appoġġ espert ta' avukat.
- √ Jiddiskuti d-deċiżjoni dwar l-ażil mal-minorenni, u jispjegalu r-relevanza tagħha għall-ġejjieni tal-minorenni; meta jkun hemm bżonn, jirrevedi l-pjan individwali tal-minorenni skont il-bżonn f'konsultazzjoni miegħu. Jiżgura li l-proċeduri jissoktaw meta l-minorenni jagħlaq 18.

## Kunsiderazzjonijiet addizzjonali għall-proċeduri ta' Dublin

L-*acquis* tal-UE dwar l-ażil jipprovdi għal mekkaniżmu, normalment imsejjaħ il-proċedura ta' Dublin, sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat Membru tal-UE responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

**L-Artikolu 6** tar-Regolament ta' Dublin (Regolament (UE) Nru 604/2013), li jikkonċerna t-tfal, jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tal-minorenni. Tfal mhux akkumpanjati jridu jiġu assistiti minn rappreżentant li jkollu l-kwalifiki u l-kompetenza meħtieġa sabiex jippromwovi dawk l-aħjar interessi f'kull stadju tal-proċedura ta' Dublin.

### Lista ta' kontroll: Azzjonijiet addizzjonali possibbli tat-tutur jew, fin-nuqqas tiegħu, tar-rappreżentant legali b'rabta mal-proċeduri ta' Dublin

- √ Jirrevedi d-dokumenti rilevanti li jinsabu fil-fajl tal-ażil tal-minorenni.
- √ Jivverifika sabiex jara li l-awtoritajiet tal-ażil qed jirrispettaw is-salvagwardji kollha tar-Regolament ta' Dublin sabiex jipproteġu lit-tfal mhux akkumpanjati.
- √ Jirrakkomanda deċiżjonijiet iggwitati minn kunsiderazzjonijiet marbutin mal-għaqda familjari, il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni u s-sikurezza kif ukoll il-perspettivi tiegħu.

- √ Jiżgura li l-minorenni huwa informat kif xieraq u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-minorenni.
- √ Jiffaċilita l-kuntatti mal-membri tal-familja, meta jintalab jagħmel dan mill-minorenni.
- √ Jirrakkomanda li ma tiċċaħħadx il-libertà u jitlob arranġamenti ta' akkoljenza li jkunu sikuri u jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.
- √ Jirrakkomanda sabiex trasferimenti lejn Stati Membri oħrajn tal-UE jsiru b'mod xieraq għall-minorenni u jmur flimkien mal-minorenni meta ċ-ċirkustanzi jeħtieġu dan jew jirrakkomanda sabiex it-trasferiment isir biss meta dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

## 10.4. Kumpens u restituzzjoni

**L-Artikolu 17** tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) jeħtieġ li l-vittmi tat-traffikar ikollhom aċċess għall-iskemi eżistenti ta' kumpens għal vittmi ta' reati vjolenti. **L-Artikolu 15 (2)** tal-istess direttiva jipprovdi għall-aċċess mingħajr dewmien tal-vittmi tfal għal konsulenza legali b'xejn u għal rappreżentazzjoni legali b'xejn, inkluż sabiex jitolbu kumpens. Barra minn hekk, **l-Artikolu 4 (1) (e)** tad-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) jistipula li l-vittmi għandhom id-dritt li jirċievu informazzjoni sa mill-ewwel kuntatt mal-awtorità kompetenti, dwar id-dritt tagħhom li jingħataw kumpens u kif u b'liema kundizzjonijiet jistgħu jaċċessaw il-kumpens.

### Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mat-talbiet ta' kumpens

- √ Jipprovdi informazzjoni lill-minorenni dwar id-dritt tiegħu li jitlob kumpens.
- √ Jiżgura li l-minorenni jirċievi konsulenza u pariri legali dwar il-possibbiltà li jitlob kumpens u dwar il-proċeduri legali partikolari meħtieġa mil-liġi nazzjonali.
- √ Jekk il-minorenni jippreżenta talba għal kumpens, jassisti lill-minorenni matu il-proċess sħiħ, inklużi l-ġbir tad-dokumentazzjoni meħtieġa u t-talba tal-assistenza mingħand avukat ikkwalifikat.
- √ Jamministra l-ammonti ta' kumpens li jirċievi l-minorenni.
- √ Jiżgura li jissoktaw il-proċeduri jekk it-tifel jagħlaq 18 matulhom.

## 10.5. Proċeduri tal-liġi ċivili

F'każijet ta' abbuż u sfruttament tal-minorenni, inkluż it-traffikar tat-tfal, jistgħu jinfetħu proċeduri tal-liġi ċivili jekk valutazzjoni tal-ġenituri tindika li ġenitur minnhom jew it-tnejn huma involuti fl-abbuż u/jew it-traffikar tal-minorenni. It-tali proċeduri jiddeċiedu jekk il-ġenituri għandhom jiġu preklużi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ġenituri u jekk hemmx bżonn li jinħatar tutur.

Barra minn hekk, jekk minorenni jkun imċaħħad mill-ambjent tal-ġenituri, meta r-ritorn jew ir-riunifikazzjoni tal-familja ma jkunux possibbil jew instab li ma jkunux fl-aħjar interessi tal-minorenni, l-awtoritajiet rilevanti ta' protezzjoni tal-minorenni jistgħu jiftħu proċeduri tal-liġi ċivili sabiex iqiegħdu lill-minorenni f'istituzzjonijiet residenzjali jew ma' familji tar-rispett, sabiex isostnu l-integrazzjoni jew jevitaw riskji. It-tutur għandu jieħu sehem bis-sħiħ u jirrappreżenta l-aħjar interessi tal-minorenni fit-tali proċedimenti, sabiex jiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu fl-aħjar interessi tal-minorenni u li l-fehmiet tal-minorenni jittieħdu inkunsiderazzjoni u jingħataw l-importanza mistħoqqa skont l-età u l-maturità tal-minorenni.

### Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur u/jew tar-rappreżentant legali fil-kuntest ta' proċeduri tal-liġi ċivili

- √ Jgħarraf lill-minorenni dwar il-proċeduri u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
- √ Jgħarraf lill-minorenni dwar l-għażliet disponibbli u jispjega lill-minorenni l-eżiti possibbli tal-proċedimenti.
- √ Jiżgura li l-minorenni jkollu aċċess għall-assistenza legali.
- √ Jiżgura li l-minorenni jingħata l-opportunità li jeżerċita d-drittijiet tiegħu u li tingħata l-importanza mistħoqqa lill-fehmiet tiegħu.
- √ Jipprepara lill-minorenni għas-seduti u l-intervisti mal-awtoritajiet rilevanti u jsostnih matul il-proċedimenti.
- √ Jippromwovi l-aħjar interessi tal-minorenni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
- √ Fil-każijiet kollha, jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jingħataw kunsiderazzjoni assoluta, li ġew irrispettati s-salvagwardji proċedurali kollha u li nkiseb il-kunsens tal-minorenni.
- √ Ikun preżenti fil-proċessi perjodiċi ta' reviżjoni tal-post fejn jitqiegħed il-minorenni.

## 10.6. Proċedimenti kriminali

Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) fiha għadd ta' dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-vittmi ta' reati (ara b'mod partikolari l-Artikolu 24). Is-salvagwardji tal-protezzjoni għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali huma pprovduti wkoll fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE). Iż-żewġ direttivi jirriflettu standards stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja favur it-tfal (*Council of Europe Guidelines on child-friendly justice*) (2010).

Fl-2010, il-Kunsill tal-Ewropa adotta Linji Gwida dwar il-ġustizzja xierqa għat-tfal maħsuba sabiex issaħħaħ l-aċċess tat-tfal għas-sistema ġudizzjarja u t-trattament tagħhom fiha. Il-kwistjonijiet koperti jinkludu drittijiet ta' informazzjoni, rappreżentazzjoni u parteċipazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza, is-sikurezza, approċċ u taħriġ multidixxiplinari, salvagwardji fl-istadji kollha tal-proċedimenti u ċaħda tal-libertà.

*Il-Kunsill tal-Ewropa* Linji Gwida dwar il-ġustizzja favur it-tfal (Guidelines on child friendly justice) *adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010, disponibbli bl-Ingliż fuq http://www.coe.int/en/web/children/child-friendly-justice*

It-traffikar tal-bnedmin huwa reat kriminali serju. Kif xieraq, id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) tistabbilixxi sensiela ta' dispożizzjonijiet tajbin għall-protezzjoni tal-vittmi qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali. It-tfal vittmi tat-traffikar jistgħu jkunu involuti fi proċedimenti kriminali. It-tutur irid ikun ippreparat li jsostni lill-minorenni f'dan ir-rigward. Id-direttiva fiha salvagwardji speċifiċi għall-vittmi tat-traffikar fl-investigazzjoni u l-proċedimenti kriminali b'mod ġenerali (**l-Artikolu 12**) u tal-vittmi tfal b'mod partikolari (**l-Artikolu 15**). Barra minn hekk, **l-Artikolu 8** tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) jistabbilixxi l-prinċipju ta' non-prosekuzzjoni tal-vittmi, jiġifieri:

> *"L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għat-traffikar."*

It-tali dispożizzjonijiet huma partikolarment rilevanti għall-vittmi tfal traffikati sabiex jintużaw f'attivitajiet kriminali.

Is-soltu, is-sistema tal-ġustizzja kriminali tassenja lill-vittma minorenni avukat sabiex jipprovdilha pariri u assistenza legali. Huwa dmir it-tutur li jara li l-minorenni jkollu aċċess għall-assistenza legali, skont id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali. Jekk ma jinħatar ebda avukat, it-tutur għandu jitlob lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaħtru wieħed.

It-tutur, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-avukat assenjat lill-minorenni, għandu jargumenta sabiex il-minorenni jgawdi bis-sħiħ mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) u/jew fil-liġi domestika u jinsisti li jitħarsu d-drittijiet tal-minorenni bħala vittma, u bħala xhieda fi proċedimenti kriminali kontra t-traffikant.

Fi proċedimenti kriminali, ir-rwol primarju tat-tutur huwa li jsostni lill-minorenni, peress li l-avukat jipprovdi l-assistenza legali ewlenija.

## Lista ta' kontroll: Azzjonijiet possibbli tat-tutur b'rabta mal-proċedimenti kriminali

- √ Jiżgura li l-minorenni jkollu aċċess għall-assistenza legali xierqa: li jinħatar avukat ikkwalifikat mingħajr dewmien żejjed sabiex jipprovdi pariri legali u jirrappreżenta lill-minorenni kif tesiġi l-liġi nazzjonali.
- √ Jgħin lill-minorenni jieħu deċiżjoni informata dwar il-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni fi proċedimenti kirminali: jara li l-vittma minorenni tkun mgħarrfa dwar il-problemi ta' sigurtà u sikurezza u r-riskji involuti, u jkollu fehim ċar tagħhom, qabel ma jiddeċiedi jekk jiħux sehem u jixhidx fi proċedimenti kriminali kontra t-traffikanti ssusspettati.
- √ Jara li l-minorenni jaf bis-sħiħ liema inhuma l-intitolamenti għall-assistenza u l-protezzjoni li jiddependu mir-rieda tiegħu li jieħu sehem fi proċedimenti kriminali u liema mhumiex, u li għandu d-dritt jirrevedi ll-kooperazzjoni mas-sistema ġudizzjarja fil-ġejjieni.
- √ Iħeġġeġ lill-vittma minorenni sabiex tagħmel użu sħiħ mill-perjodu ta' riflessjoni qabel ma tieħu deċiżjoni fuq il-kwistjoni, jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.
- √ Jappoġġja lill-minorenni sabiex jifhem kull komunikazzjoni li jirċievi, inklużi komunikazzjonijiet mingħand ir-rappreżentant legali.
- √ Imur flimkien mal-minorenni u jattendi għall-intervisti u s-seduti kollha miegħu.
- √ Jipprepara lill-minorenni emozzjonalment u psikoloġikament qabel l-intervisti u s-seduti u jara li jifhem sew il-proċedimenti u l-eżitu.
- √ Jiddiskuti mal-minorenni l-eżitu tal-proċedimenti u d-deċiżjonijiet tal-qorti u jispjega r-relevanza tagħha għas-sitwazzjoni partikolari tal-minorenni u l-possibbiltajiet u l-istadji futuri disponibbli.
- √ Jiżgura, f'kooperazzjoni mal-persuna li tagħti l-assistenza legali lill-minorenni, li l-minorenni mhuwiex mixli u/jew li ma jingħatawx pieni għal attivitajiet kriminali li huma konsegwenza tal-isfruttament tal-minorenni, kif stipulat fl-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE).

"It-tutur għandu jkollu d-dritt li jiċħad milli jixhed fuq il-minorenni jekk jintalab jagħmel hekk. It-tuturi għandhom ikunu ggwidati wkoll mill-prinċipju li "ma jistgħux jaħmlu ħsara" lill-minorenni li huma r-responsabbiltà tagħhom, la b'għemilhom u lanqas b'xi deċiżjoni li jkunu involuti fiha f'isem il-minorenni. Importanti li l-pulizija u s-servizzi tal-prosekuzzjoni jkunu jafu b'dawn l-istipulazzjonijiet u jifhmu li mhumiex intitolati jagħmlu pressjoni fuq tutur sabiex jieħu xi azzjoni li t-tutur iqis li tmur kontra l-aħjar interess tal-minorenni".

*Sors: UNICEF (2008),* Gwida ta' referenza dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal vittmi tat-traffikar fl-Ewropa (*Reference guide on protecting the rights of the child victims of trafficking in Europe*), *Ġinevra, p. 54, disponibbli bl-Ingliż fuq: www.unicef.org/ceecis/UNICEF_Child_Trafficking_low.pdf*

B'mod ġenerali, it-tutur għandu jippromwovi l-aħjar interessi tal-minorenni bħala kunsiderazzjoni primarja matul il-proċedimenti, u jipproteġi d-drittijiet tal-minorenni, sabiex jevita vittimizzazzjoni sekondarja. Għal dan il-għan, it-tutur għandu jikkollabora mar-rappreżentant legali sabiex isir użu sħiħ mis-salvagwardji proċedurali eżistenti kollha.

## 10.7. Investigazzjonijiet tal-pulizija

L-attivitajiet ta' investigazzjoni tal-pulizija li jinvolvu lil tfal, bħal interrogazzjonijiet, seduti jew perkwiżizzjonijiet, ma għandhomx iseħħu sakemm il-minorenni jkollu tutur (anki jekk temporanju) u avukat jew professjonist legali kkwalifikat ieħor (meta jkun ipprovdut hekk mil-liġi). L-istess ħaġa għandha tapplika għal attivitajiet ta' investigazzjoni ġudizzjarja.

Kull darba li minorenni jidħol f'kuntatt mal-liġi u jkun involut fis-sistemi ġudizzjarji, inklużi investigazzjonijiet tal-pulizija, l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin japplikaw il-*Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja favur it-tfal (Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child-friendly justice)* (2010).

# Anness 1: Sorsi legali

| Strumenti tal-UE | |
|---|---|
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE | Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2000 C 364, Vol. 43, it-18 ta' Diċembru 2000 |
| Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (2013/33/UE) | Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, ĠU 2013 L 180, pp. 96–116 |
| Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE) | Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, ĠU 2013 L 180, pp. 60–95 |
| Ir-Regolament ta' Dublin (UE) Nru 604/2013 | Ir-Regolment (UE) Nru. 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU L 180, 29 ta' Ġunju 2013, pp. 31–59 |
| Id-Direttiva dwar il-Vittmi (2012/29/UE) | Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L 315, pp. 57–73 |
| Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2011/95/UE) | Id-Direttiva 2011/95/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ĠU 2011 L 337, pp. 9–26 |
| Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal (2011/93/UE) | Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU 2011 L 335, pp. 1–14 |
| Id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar (2011/36/UE) | Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU 2011 L 101, pp. 1–11 |
| Id-Direttiva dwar ir-Ritorn (2008/115/KE) | Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU 2008 L 348, pp. 98–107 |
| Ir-Regolament Brussell II | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2116/2004 tat-2 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, fir-rigward ta' trattati mas-Santa Sede, ĠU 2004 L 367, 14 ta' Diċembru 2004, pp. 1–2 |
| Id-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza għall-Vittmi tat-Traffikar (2004/81/KE) | Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, ĠU 2004 L 261, pp. 19–23 |

| | |
|---|---|
| Id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu (2004/38/KE) | Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU 2004 L 158, pp. 77–123 |
| **Strumenti Internazzjonali** | |
| Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Nazzjonijiet Uniti | Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Nazzjonijiet Uniti (UN Convention on the Rights of the Child, United Nations), New York, 20 ta' Novembru 1989, Serje tat-Trattati, Vol. 1577, p. 3 |
| Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-Traffikar | Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin(Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings), Varsavja, 2005 |
| Il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati | Il-Konvenzjoni tal-1951 dwar ir-Rifuġjati (1951 Refugee Convention), Nazzjonijiet Uniti, Serje tat-Trattati, Vol. 189, p. 137 |
| Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 | Il-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-Rigard tal-Adozzjoni bejn Pajjiżi Differenti (Convention of 29 May 1993 on Protection of Children and Co-operation in Respect of Intercountry Adoption) |
| Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 | Il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal (Convention of 19 October 1996 on jurisdiction, applicable law, recognition, enforcement and co-operation in respect of parental responsibility and measures for the protection of children) |
| **Sorsi legali mhux vinkolanti oħrajn** | |
| Kumment Ġenerali tal-UNCRC Nru 6 | Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6, Trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u mifrudin barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom (Treatment of unaccompanied and separated children outside their country of origin), l-1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2006/6 |
| Kumment Ġenerali tal-UNCRC Nru 12 | Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 12, Id-dritt tal-minorenni li jinstema' (The right of the child to be heard), l-1 ta' Lulju 2009, CRC/C/GC/12 |
| Kumment Ġenerali tal-UNCRC Nru 13 | Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 13, Id-dritt tal-minorenni għal-libertà minn kull forma ta' vjolenza (The right of the child to freedom from all forms of violence), it-18 ta' April 2011, CRC/C/GC/13 |
| Kumment Ġenerali tal-UNCRC Nru 14 | Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tal-minorenni li l-interessi tiegħu jingħataw kunsiderazzjoni primarja (on the right of the child to have his or her best interests taken as a primary consideration), id-29 ta' Mejju 2013, CRC/C/GC/14 |
| Ir-Riżoluzzjoni 64/142. Linji gwida għall-indukrar alternattiv tat-tfal | L-Assemblea Ġenerali, Riżoluzzjoni 64/142, Linji Gwida għall-indukrar alternattiv tat-tfal (Guidelines for the alternative care of children), l-24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142 |
| Il-Kunsill tal-Ewropa, Linji gwida dwar ġustizzja xierqa għat-tfal | Il-Kunsill tal-Ewropa, Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja favur it-tfal (Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child-friendly justice), adottati mill-Kumitat tal-Ministri fis-17 ta' Novembru 2010 matul l-1098 laqgħa tad-Deputati Ministri) — verżjoni editjata fil-21 ta' Mejju 2011 |
| Il-Kunsill tal-Ewropa, Proġetti tal-ħajja għal minorenni migranti mhux akkumpanjati | Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Kumitat tal-Ministri, Rakkomandazzjoni CM/Rec(2007)9 tal-Kumitat tal-Ministri għall-istati membri dwar il-proġetti tal-ħajja għal minorenni migranti mhux akkumpanjati (Recommendation CM/Rec(2007)9 of the Committee of Ministers to member states on life projects for unaccompanied migrant minors), 12 ta' Lulju 2007 |

# Anness 2: Tagħrif relatat


Defence for Children (Id-Difiża tal-Minorenni) — ECPAT In-Netherlands (2011), *Standards importanti għat-tuturi ta' tfal mifrudin fl-Ewropa* (*Core standards for guardians of separated children in Europe*), Leiden, http://www.corestandards-forguardians.eu/.

EASO (Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil) (2014), *Il-prattika ta' valutazzjoni tal-EASO fl-Ewropa (EASO age assessment practice in Europe*), http://easo.europa.eu/wp-content/uploads/EASO-Age-assessment-practice-in-Europe.pdf.

ENGI (Netwerk Ewropew għall-Istituzzjonijiet ta' Tutela) (2011), *Il-kura ta' minorenni mhux akkumpanjati: Standards minimi, fatturi ta' riskju u rakkomandazzjonijiet għall-prattikanti*, Tutela fil-prattika, rapport finali (*Care for unaccompanied minors: Minimum standards, risk factors and recommendations for practitioners*, Guardianship in practice, final report), Utrecht, http://engi.eu/about/documentation/.

FRA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali) (2009), *It-traffikar tat-tfal fl-Unjoni Ewropea: Sfidi, perspettivi u prattiki tajbin* (*Child trafficking in the European Union: Challenges, perspectives and good practices*), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/529-Pub_Child_Trafficking_09_en.pdf.

FRA (2011), *Tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, Rapport komparattiv* (*Separated, asylum-seeking children in European Union Member States, Comparative report*), Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/1692-SEPAC-comparative-report_EN.pdf.

Il-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross (ICRC) (2004), *Prinċipji ta' Gwida Interaġenziji dwar Tfal Mhux Akkumpanjati u Mifrudin* (*Inter-agency Guiding Principles on Unaccompanied and Separated Children*), Central Tracing Agency and Protection Division, Ġinevra, L-Iżvizzera, http://www.unicef.org/violencestudy/pdf/IAG_UASCs.pdf.

Il-Kummissjoni Ewropea (2013), *Id-drittijiet fl-UE tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin* (*The EU rights of victims of trafficking in human beings*), Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), http://ec.europa.eu/anti-trafficking/EU-Policy/EU_rights_victims.

Il-Kummissjoni Ewropea (2013), *Tfal neqsin fl-Unjoni Ewropea: Immappjar, ġbir ta' dejta u statistiki* (*Missing children in the European Union: Mapping, data collection and statistics*), Rotterdam, http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/files/missing_children_study_2013_en.pdf.

Il-Kummissjoni Ewropea (EC) (2010), *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni Mhux Akkumpanjati (2010-2014)*, is-6 ta' Mejju 2010, COM(2010) 213/3, Brussell, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0213:FIN:MT:PDF.

Il-Kummissjoni Ewropea (KE) (2012*), Rapport mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Rapport intermedju dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (Report from the Commission to the Council and the European Parliament, Mid-term report on the implementation of the Action Plan on Unaccompanied Minors)*, Brussell, it-28 ta' Settembru 2012, COM(2012) 554 finali, http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/e-library/docs/uam/uam_report_20120928_en.pdf.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2009), *Il-linji gwida dwar il-politika tal-Kunsill tal-Ewropa dwar strateġiji nazzjonali integrati għall-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza (Council of Europe's policy guidelines on integrated national strategies for the protection of children from violence),* Strasburgu, www.coe.int/t/dg3/children/News/Guidelines/Adoption_guidelines_en.asp.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2010), *Linji gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja favur it-tfal u l-memorandum ta' spjegazzjoni tagħhom (Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child friendly justice and their explanatory memorandum*), adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010, http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/childjustice/Guidelines%20on%20child-friendly%20justice%20and%20their%20explanatory%20memorandum%20_4_.pdf.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2011), Assemblea Parlamentari, Il-Kumitat dwar il-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Persuni Spustati, *Tfal Migranti: Xi drittijiet għandhom ta' 18?* (*Migrant Children: What rights at 18?*), (*Rapport/Dok. 13505/23 ta' April 2014), http://website-pace.net/documents/19863/168397/20140313-MigrantRights18-EN.pdf/ea190a6e-1794-4d30-b153-8c18dc95669f http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/Xref-XML2HTML-en.asp?fileid=20589&lang=en*.

Nazzjonijiet Uniti (2011), *Il-Kummentarju Konġunt tan-NU dwar id-Direttiva tal-UE – Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, Prevenzjoni Ġlieda u Protezzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin* (*Joint UN Commentary on the EU Directive – A Human Rights-Based Approach, Prevent Combat Protect Human Trafficking*), https://www.unodc.org/documents/human-trafficking/2011/UN_Commentary_EU_Trafficking_Directive_2011.pdf.

Nazzjonijiet Uniti, Uffiċċju għall-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) (2008), *Prinċipji u linji gwida rakkomandati dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-traffikar tal-bnedmin: kummentarju* (*Recommended principles and guidelines on human rights and human trafficking: commentary*), http://www.ohchr.org/Documents/Publications/Commentary_Human_Trafficking_en.pdf.

Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) (2007), *Il-manwal tal-IOM dwar l-Assistenza Diretta għall-Vittmi tat-Traffikar* (*The IOM handbook on Direct Assistance for Victims of Trafficking*), Ġinevra, L-Iżvizzera, http://publications.iom.int/bookstore/free/IOM_Handbook_Assistance.pdf.

OSCE ( għas-Sigurtà u fl-Ewropa) (2004), *Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Riferiment — Ngħaqqdu l-Isforzi biex Nipproteġu d-Drittijeit tal-Persuni Traffikati: Manwal Prattiku* (*National Referral Mechanisms — Joining Efforts to Protect the Rights of Trafficked Persons: A Practical Handbook*), Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), http://www.osce.org/odihr/13967.

UNHCR (Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati) (2006), *Linji Gwida dwar il-protezzjoni internazzjonali Nru 7: L-applikazzjoni tal-Artikolu 1A(2) tal-Konvenzjoni tal-1951 u/jew il-Protokoll tal-1967 B'rabta mal-Istatus ta' Rifuġjati għall-Vittmi tat-Traffikar u Persuni f'Riskju li jiġu Traffikati* (*Guidelines on international protection No. 7: The application of Article 1A(2) of the 1951 Convention and/or 1967 Protocol Relating to the Status of Refugees to Victims of Trafficking and Persons at Risk of Being Trafficked*), HCR/GIP/06/07, www.refworld.org/docid/443679fa4.html.

UNHCR (2008), *Linji Gwida tal-UNHCR dwar id-Determinazzjoni tal-Aħjar Interessi tal-Minorenni* (*UNHCR Guidelines on Determining the Best Interests of the Child*), Mejju 2008, www.refworld.org/docid/48480c342.html.

UNHCR u l-Kumitat tas-Salvataġġ Internazzjonali (IMC) (2011), *Manwal prattiku għall-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-BID tal-UNHCR* (*Field handbook for the implementation of UNHCR BID Guidelines*), www.refworld.org/pdfid/4e4a57d02.pdf.

UNHCR u l-Kunsill tal-Ewropa (2014), *Tfal mhux akkumpanjati u tfal mifrudin li qegħdin ifittxu ażil u tfal rifuġjati li jgħalqu t-tmintax: X'hemm x'tiċċelebra?* (*Unaccompanied and separated asylum-seeking and refugee children turning eighteen: What to celebrate?*), Strasburgu, Franza, www.refworld.org/DOCID/53281A864.HTML.

UNICEF (Il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal) (2008), *Gwida ta' referenza dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal vittmi tat-traffikar fl-Ewropa* (*Reference guide on protecting the rights of the child victims of trafficking in Europe*), Ġinevra, www.unicef.org/ceecis/UNICEF_Child_Trafficking_low.pdf.

UNICEF (2008), *L-Istrateġija tal-UNICEF* għall-Protezzjoni tat-Tfal (*UNICEF Child Protection Strategy*), E/ICEF/2008/5/Rev.1, l-20 ta' Mejju 2008, www.unicef.org/protection/files/CP_Strategy_English.pdf.

UNICEF (2013), *Valutazzjoni tal-età: nota teknika* (*Age assessment: a technical note*) (minn Smith, T. u Brownless, L.), New York, http://www.unicef.org/protection/files/Age_Assessment_Note_final_version_(English).pdf.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS
Il-Kummissjoni Ewropea
TK-01-15-636-MT-N
doi:10.2811/1531

*It-tutela għat-tfal imċaħħdin mill-kura tal-ġenituri* għandu l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal. B'mod speċifiku jindirizza l-ħtiġijiet partikolari ta' tfal li huma vittmi ta' traffikar. *L-Istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin 2012-2016* tagħraf l-importanza ta' sistemi komprensivi ta' protezzjoni li huma sensittivi għat-tfal, li għalihom, sistema ta' tutela robusta sservi bħala bażi għall-fiduċja tagħhom fiha. Sistemi ta' tutela effettivi huma fundamentali għall-prevenzjoni ta' abbuż, abbandun u sfruttament. Madankollu, l-irwoli, il-kwalifiki u l-kompetenzi tat-tuturi jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Dan il-manwal, li huwa pubblikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, huwa ddisinjat sabiex jgħin jistandardizza l-prattika tat-tutela, filwaqt li jiżgura wkoll li din tkun mgħammra aħjar biex tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal vittmi tat-traffikar. Jipprovdi gwida u rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri tal-UE dwar it-tisħiħ tas-sistemi ta' tutela tagħhom, jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin, id-disinn u l-amministrazzjoni fundamentali ta' sistemi bħal dawn. Permezz tal-promozzjoni ta' fehim kondiviż tal-karatteristiċi ewlenin ta' sistema ta' tutela, għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tfal taħt tutela u li jippromwovi r-rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom.

**FRA–L-AĠENZIJA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI EWROPEA**
Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Vjenna
tel +43 158030-0 – fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9239-993-1